# Il-Malti

RIVISTA TA' L-AKKADEMJA TAL-MALTI



LXXV
Novembru
2001

# Il-Malti

Rivista ta' l-Akkademja tal-Malti

LXXIV – DIĊEMBRU 2001

PUBBLIKAZZJONI
L-AKKADEMJA TAL-MALTI
**klabb kotba maltin**

© Akkademja tal-Malti 2001

Il-Bord Editorjali għas-snin 2000-2002
Dr Charles Briffa (editur)
Is-Sur Carmel Azzopardi
Is-Sur Joseph Mizzi
Is-Sur Anthony Mercieca

L-issettjar tal-ktieb: Klabb Kotba Maltin
Stampar tal-ktieb: Harrold's Press
Id-disinn tal-qoxra: John Busuttil Leaver

Dan il-ktieb qed jinbiegħ bil-kundizzjoni li ma jistax jerġa' jinbiegħ, jinsilef, jew jingħata b'xejn kif ukoll li ma jsir fih ebda tibdil fil-format jew fil-produzzjoni teknika tiegħu mingħajr il-kunsens bil-miktub ta' l-Akkademja tal-Malti.

Min jixtieq jibgħat xogħlijiet għal *Il-Malti* jrid, jekk jogħġbu, jibgħathom fuq diskett jewinkella permezz ta' *e-mail* għax qed ikollna wisq x'nittajpjaw. B'hekk jitħaffef il-proċess. Min ma jibgħatx ix-xogħlijiet f'forma elettronika jaf idum jistenna sabiex jara xogħlu stampat.

L-opinjonijiet huma tal-kontributuri u mhux bilfors jirriflettu l-opinjonijiet ta' l-Akkademja tal-Malti.

Tagħrif għall-Katalogar:

Briffa, Charles (editur), 1951 –
Il-Malti Rivista ta' l-Akkademja tal-Malti 2000

Lingwa – Il-Malti

ISBN: 99909-39-03-8

# Werrej

**IL-MEMBRI TA' L-AKKADEMJA** 6

**MESSAĠĠI**
L-Onor. Dr Eddie Fenech Adami, Prim Ministru 7
L-Onor. Dr Alfred Sant, Kap ta' l-Oppożizzjoni 9

**1. L-EDITORJAL**
Il-Ħidma ta' l-Akkademja 12

**2. KRITKA LETTERAJA**
Il-Poeżija ta' Daniel Massa:
*O. Friggieri* 18
Il-Mara fil-Letteratura tal-Kittieba Għawdxin:
*C. Cachia* 25

**3. LINGWA U LINGWISTIKA**
L-Ilsien Malti fix-Xandir, fil-Ġurnali u fir-Rivisti Maltin:
*J. Flask* 50
Is-Sitwazzjoni Lingwistika f'Għawdex:
*C. Cachia* 54

**4. KIF JAĦSBUHA**
Il-Malti fl-Edukazzjoni:
*C. Briffa* 66
L-Aħħar Intervista mal-Prof. Ġuże' Aquilina:
*A. Cassar* 68

**5. TIFKIRIET**
Biex Infakkru
*C. Briffa* 74

Il-Professur Dun Ġużepp Calleja:
*A. Massa* 76

**6. ĦIDMIET L-AKKADEMJA**
Il-Ħidma ta' l-Akkademja tal-Malti favur l-Ilsien Malti
*C. Briffa* 80
Id-Dokument Konsultattiv dwar l-Ilsien Malti fix-Xandir
*C. Briffa* 92
Tnedija tat-Tipa Maltija
*C. Briffa* 94
Politka dwar il-Lingwa Maltija u l-Letteratura Tagħha
*C. Briffa* 95

**7. PROŻA U POEŻIJA**
Kavallier
*Sergio Grech* 102
Tiġrib
*Toni Aquilina* 102
Kappella Pprofanata
*Ġorġ Borg* 103
Leħħiet
*Pawlu Aquilina* 103
Fir-Raqda Ħadra
*Carmel Calleja* 104
Epigrammi: X'Dinja Din!
*J.J. Camilleri* 104
Karnival 1999 (Għawdex)
*Kav. Joe M. Attard* 105
Ħarsti lejn l-art
*Ġorġ Zammit* 106
Lill-Mewt
*J. Zammit Tabona* 106
Tifkira
*Lillian Sciberras* 107
Il-Pitirross
*Baruni K. Vella Haber* 107
Lill-Irġiel Miżżewġa
*Ġanni A. Cilia* 108
Meta Hamlet u l-Fjuri Eterni Jiltaqgħu
*Doreen Micallef* 109
It-Tren Iżomm il-Ħin
*Pawlu Aquilina* 110

Kemm tiswa tarbija?
*Novella ta' Ġorġ Mallia* 112
Jien Naf
*J.J.Cremona* 115
Odessa
*Charles Coleiro* 115
L-Isptar
*Charles Coleiro* 115
Agunija
*Charles Coleiro* 117
Milied XXI
*Charles Coleiro* 117
Entużjażmu
*Charles Briffa* 118
Londra
*Charles Briffa* 118
Dal-Ġebel Kbir
*Emanuel Attard* 119
Lit-Teatru Rjal
*Maurice Mifsud Bonnici* 120
Fl-Ewropa Magħquda
*Doreen Micallef* 121
Fil-Mewt ta' Ġorġ Pisani
*Carm Cachia* 122
Lejl id-19 ta' Diċembru
*Charles B. Spiteri* 123
Kont Waħdi
*Suzanne Gatt* 124
Imħabbti
*Nathalie Micallef* 124
Xi ġralek ma?
*Oliver Friggieri* 125
Anki t-tislima
*Oliver Friggieri* 126
Fuq Xifer Nimxu
*Oliver Friggieri* 127
Afrika
*Oliver Friggieri* 127

# Il-Membri ta' l-Akkademja

## Lista tal-Membri ta' l-Akkademja tal-Malti Aġġornata sa Mejju 2001

Abela Mizzi Charles
Agius Muscat Anton
Apap M.A. (Mons)
Apap Victor
Aquilina Annunzio (Rev. Dr)
Aquilina Pawlu
Aquilina Sunny
Arena William
Arrigo Charles
Attard Anton F.
Attard Cassar Emmanuel
Attard Charles
Attard Emmanuel F.
Attard Joe M. (Kav.)
Attard Josette
Azzopardi Ġwann (S.J.)
Azzopardi Carmel
Azzopardi Carmen
Balzan Rena (Dr)
Barbara Joseph (Awstralja)
Bezzina Charles (Għawdex)
Bezzina Charles (Malta)
Bonello Giovanni (Dr)
Borg Ġorġ
Borg Joseph
Borg Paul P.
Borg Serafin (O.S.A.)
Briffa Charles (Dr)
Brockdorff Lina
Buttigieg John
Cachia Carmel C.
Cachia Lawrenza (Mons.)
Calleja Carmel
Calleja David
Calleja Joseph (Dr)
Calleja Oreste
Camilleri Joseph J.
Caruana John
Caruana Peter
Caruana Ruggier Alfred
Casha Charles
Cassar Anton
Cassar Joe
Cassar Lino
Cassar Manwel (Awstralja)
Cassar Pullicino Ġużè
Cauchi Carmel G.
Chetcuti Ġużè (Pres Onor)
Coleiro Charles
Cousen Mark
Cutajar Mario
Debono Paul J.
Degabriele Alfred
Diacono Ġużè
Ellul Galea Alfred
Ellul Galea Karmenu
Ellul Tarċisju
Fabri Noel
Fenech Edward (Rev Prof Dr)
Fenech Victor
Filletti J.A. (Imħallef)
Flores Charles
Friggieri Oliver (Professur Dr)
Galea Curmi Paul
Galea Scannura Carmel
Gatt Mary Rose
Gauci Anton (Mons. Dr)
Ghigo Joseph (S.J. Pres Onor)
Grech Sergio
Gruppetta Arthur
Guillaumier Alfie
Holland Henry
Kontzi Reinhold (Prof Ġermanja)
Magro Charles
Mahoney Raymond
Mallia Hugh (O.C. Irlanda)
Mamo Robert
Mangani Paul S. (Dr)
Massa Alfred
Mercieca Anthony
Mercieca Frank
Mercieca George (Rev. Dr)
Micallef Amanda J.
Micallef Bernard
Micallef Chritien Doreen
Micallef Jane
Mifsud Bonnici Maurice
Mifsud Bonnici Ugo (Eċ, Dr)
Mifsud Chircop Ġorġ
Mifsud Chircop Marlene
Mifsud Manwel (Dr)
Mikallef Buhagiar Karmen
Mizzi Achille
Mizzi Joseph
Mizzi Lawrence
Mizzi Pawlu
Muscat Mary Ann
Puli Mary C.
Refalo Rapa Julian (Rev.)
Saliba Paul (Kav.)
Sammut Frans
Schembri Ludovik (O.C.D.)
Schiavone Michael
Scotto Roger
Serracino Inglott Mario
Spiteri Charles (Dr)
Spiteri Lino
Spiteri Mikiel (Kilin)
Theuma Peter Paul
Vella Bondin Joseph
Vella Haber Kelinu (Baruni)
Vella Olvin
Xuereb Victor (S.J.)
Zahra Trevor
Zahra Walter
Zammir Marmara Marcel
Zammit Ciantar Joseph
Zammit Frank (Awstralja)
Zammit Mangion Joseph
Zammit Tabona J. (Dr)
Zarb Tarċisju

Fis-Sena Ewropea tal-Lingwi l-Prim Ministru
u l-Kap ta' l-Oppożizzjoni ntalbu jagħtu messaġġ għal *Il-Malti*.

# Il-messaġġ tal-Prim Ministru, Dr Eddie Fenech Adami

## *Il-Ħtieġa ta' Awtorità Waħda*

Minn żmien għal żmien, ikolli okkażjoni niltaqa' ma' kittieba u studjużi tal-lingwa Maltija meta jiġu jippreżentawli xi ktieb li jkunu għadhom kif ippubblikaw.

Spiss jissemma f'dawn il-laqgħat li lil hinn mir-retorika ta' kemm il-lingwa tagħna hija importanti, unika u essenzjali fil-qafas tal-kultura Maltija hemm verità li jeħtiġilna lkoll flimkien niffaċċjaw mingħajr dewmien. Bħal kull ħaġa ħajja oħra, il-lingwa tagħna tinbidel maż-żmien. Tinbidel skond il-ħtiġijiet tagħna, *in-nisel li nħaddmuha*. Tinbidel biex tlaħħaq ma' użanzi, modi u invenzjonijiet ġodda. Tinbidel għax qed ninbidlu aħna. Dan mhux biss huwa sewwa imma huwa normali u essenzjali. Li mhux sewwa huwa li dan it-tibdil qiegħed isir mingħajr d-direzzjoni neċessarja b'riżultat li donnu kulħadd għandu liċenzja biex jagħmel li jrid bil-lingwa tagħna. Dan forsi jispikka l-aktar fil-mezzi tax-xandir, mhux għax il-kittieba u l-ġurnalisti li jaħdmu f'dan il-qasam jagħmlu xi dnubiet iżjed minn ħaddieħor imma forsi għaliex id-dnub tagħhom (biex nuża l-istess idjoma) jidher iżjed. Kliem ivvintat, tħaddim tar-regoli skond il-widna u mhux it-teorija, kliem mislut minn lingwi oħra jingħata bixra Maltija qisu m'hu xejn; dawn huma wħud minn nuqqasijiet li drajna ngħixu bihom.

X'jista' jsir biex nirranġaw dan kollu. Il-ħsieb tiegħi mill-ewwel imur fuq awtorità waħda imma li tirrappreżenta lil kull min għandu vuċi u jrid jinstema'. Awtorità li tgawdi stima għax l-iskop aħħari tagħha huwa l-ħarsien tal-lingwa. Awtorità b'saħħitha għax imwieżna b'liġi mill-Parlament tagħna. Naħseb li wasal iż-żmien li nerġgħu nitkellmu fuq dan b'mod raġunat imma immedjat.

Il-mixja ta' pajjiżna lejn sħubija fl-Unjoni Ewropea tagħtina aktar skop biex nagħmlu dan. L-Unjoni Ewropea ser tagħtina għajnuna biex inħarsu u nġibu 'l quddiem il-lingwa tagħna. Irridu minn issa nippreparaw sabiex nagħmlu l-aħjar użu minn din l-għajnuna.

L-Unjoni Ewropea, permezz tal-programmi, li għandha dwar l-edukazzjoni, Socrates u Leonardo, tagħti importanza kbira lit-tagħlim tal-lingwi. Din l-importanza tagħtiha speċjalment lil dawk il-lingwi li m'humiex fost dawk li huma l-aktar mitkellma fl-Ewropa. Dan ifisser li lingwa bħalma hija l-Malti tingħata prijorità.

B'inizjattiva tal-Kunsill ta' l-Ewropa u ta' l-Unjoni Ewropea, is-sena 2001 hija ddedikata għal-lingwi kollha. Hija inizjattiva li qed tkun organizzata biex ikun hemm aktar għarfien dwar l-importanza tat-tagħlim tal-lingwi, mhux biss Ewropej, imma wkoll il-lingwi kollha. Aktar minn hekk, wieħed mill-għanijiet fundamentali ta' din is-sena huwa li ċ-ċittadini Ewropej ikunu mħeġġa biex jitgħallmu aktar minn lingwa waħda u anki dawk l-anqas imħaddma. Għal din is-sena, għalhekk, qed isiru għadd ta' attivitajiet dwar il-lingwi f'bosta pajjiżi Ewropej. F'Malta wkoll, twaqqaf bord[1] għal din is-sena tal-lingwi li xogħlu hu li jorganizza attivitajiet marbuta mal-lingwi. Diġà ġew imnedija numru ta' attivitajiet li huma marbutin ma' din is-sena.

Naħseb ikun xieraq jekk nieħu din l-okkażjoni sabiex nirringrazzja lil membri ta' dan il-bord u lil kull min ta u qiegħed jagħti sehmu sabiex iħares u jsaħħaħ il-lingwa tagħna b'kitba, studju jew tagħlim. L-Akkademja tal-Malti, minn mindu twaqqfet, marret fuq quddiem għal dan il-għan u għalhekk il-grazzi tiegħi jmur b'mod speċjali lil din l-għaqda.

*(Iffirmata: Eddie Fenech Adami)*

# Il-messaġġ tal-Kap ta' l-Oppożizzjoni, Dr Alred Sant

## *L-Isfidi Quddiem l-Ilsien Malti*

Fis-sena Ewropea ta' l-ilsna ma nistgħux ma nirriflettux fuq kif l-ilsien tagħna, mitkellem minn ftit aktar minn terz ta' miljun ruħ biss fil-medda ta' gżira finnofsinhar ta' l-Ewropa, għandu sfidi ewlenin quddiemu. Għadd kbir ieħor ta' nies li jitkellmu jew jifhmu bl-istess ilsien jinsabu mxerrda ma' l-artijiet ta' l-Awstralja, il-Kanada, l-Istati Uniti ta' l-Amerika u tar-Renju Unit, forst oħrajn, u jaqsmu mal-Maltin *ta' Malta* fl-isfidi li jinsabu quddiemna.[2]

**Fiex jikkonsistu dawn l-isfidi?**

L-ewwelnett illi b'mod ħaj, niżguraw li l-ilsien Malti jibqa' jsib kull spazju għal futur aħjar ta' għarfien u użu. Dil-ħaġa ma għandniex ngħiduha sempliċiment bħala għajta politika ta' natura populista jew nazzjonalista imma rridu nqisuha bħala għan li bih nistgħu ntejbu l-kwalità ta' ħajjet il-poplu Malti. L-ilsien hu għodda li bih ġens jagħraf japprezza r-realtà ta' madwaru, jaħkimha u jmexxiha aħjar. Ġens li jitlef il-ħakma fuq għodda bħal din, jew li jċediha billi jwarrab l-ilsien awtentiku tiegħu u jagħżel li jikkomunika b'xi ilsien ieħor, ikun qiegħed iċekken ħiltu biex ikattar il-potenzjal uman tal-membri tiegħu.

Fl-istess ħin, sfida kbira oħra quddiem l-ilsien tagħna hi li jibqa' jiġġedded. Il-Malti għandu elementi li jħalltu flimkien is-semitiku mar-rumanz u fl-aħħar seklu ma' l-Anglu Sassonu u l-Amerikan. Waqt li nżommu sodi l-għeruq li minnhom l-ilsien tagħna jieħu l-istrutturi tiegħu, għandna nħarsu lejn ilsienna bħala xi ħaġa ħajja li trid tibqa' tista' tfisser il-biżgħat, l-aspirazzjonijiet, ir-riflessjonijiet tas-soċjetà tagħna b'mod kulturalment validu, artistikament interessanti, u qrib ta' kif il-ġenerazzjonijiet ġodda jaħsbu u jgħixu.

L-aqwa tama għall-ilsien tagħna hu li bl-użu tiegħu, jissuktaw jikbru komunikazzjoni soċjali u letteratura kontemporanja li jissdisfaw il-bżonnijiet tal-Maltin tal-lum, f'Malta u barra. Kemm il-komunikazzjoni u kemm il-letteratura jridu jagħtu xhieda awtentika ta' kif il-bnedmin qed jgħixu ħajjithom

fil-qafas Malti. Iridu jgħaqqdu l-wirt ta' l-imgħoddi mar-realtajiet tal-preżent, mgħarbla skond il-każ, b'serjeta', onesta', fantasija u immaġinazzjoni.

Is-sistema edukattiva trid tagħti sehem ewlieni fit-tisħiħ tal-Malti. Kemm qiegħda tagħraf tassew ir-rwol tal-Malti bħala mezz ta' komunikazzjoni soċjali, ta' kultura, ta' trawwim ta' espressjoni ħielsa? Kemm qiegħda tagħti lill-istudenti s-sentiment li l-Malti m'huwiex xi għodda arkajka ta' kif tikkomunika, imma mod qawwi għal kif tiddjaloga bis-sens dwar l-esperjenza ta' ħajtek illum?

Għad m'għandniex tweġbiet ċari għal dawn il-mistoqsijiet u oħrajn bħalhom. Hu urġenti li jitfasslu tweġibiet li jiftiehmu u li jkunu effettivi. Qed tikber wisq it-tentazzjoni li nqisu l-ilsien Malti bħala *lussu* rħis li messna ngħaddu mingħajru. Din it-tentazzjoni se tikber sew fis-snin li resqin.

Xorta nemmen li l-ilsien Malti hu qawwi biżżejjed biex ikun jista' jilqa' għaċ-ċirkustanzi li jfiġġu quddiemna, jadatta ruħu għalihom u jsib flessibilta' ġdida fit-tħaddim tiegħu. Ir-rispett lejn l-ilsien tagħna ma joħroġx biss mill-ħidma ta' studjużi assidwi, imma wkoll u aktar mill-impenn ta' studenti, ħaddiema, artisti, xjuħ u professjonisti li jaraw fil-Malti għajn ta' ispirazzjoni.

*(Iffirmata Alfred Sant)*

## Noti

1 L-editur: L-Akkademja tal-Malti tagħmel sehem sħiħ minn dan il-bord li qed isemmi l-Prim Ministru.

2 L-editur: Fuq dawn l-isfidi l-Akkademja fl-1999 kienet għamlet seminar u l-kontribuzzjonijiet għal dan is-seminar kienu nħarġu fi klieb: *Ilsien Qadim f'Millennju Ġdid* (Akkademja tal- Malti, 2000).

# 1

# L-Editorjal

# Il-Ħidma ta' l-Akkademja

## Introduzzjoni

"L-Għanijiet ta' l-Akkademja tal-Malti huma dawn:

i. li tħares il-jeddijiet ta' l-ilsien Malti bħala lingwa nazzjonali u uffiċjali tar-Repubblika ta' Malta u tindokra l-iżvilupp tiegħu;
ii. li tkabbar u xxerred il-letteratura Maltija u l-istudju xjentifiku u lingwistiku ta' l-ilsien Malti;
iii. li żżomm sħiħa l-ortografija tal-Malti kif imwaqqfa mill-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti fl-1924, u fl-1934 magħżula mill-Gvern ta' Malta bħala l-ortografija uffiċjali tal-Malti: u li taġġornaha kif jixraq kull meta l-Akkademja jidhrilha li dan jinħtieġ."

(Statut, para.2.1)

## L-Importanza ta' *Il-Malti* fis-Seklu XXI

F'għeluq il-81 ta' l-Akkademja tal-Malti dawn l-għanijiet għadhom validi. *Il-Malti* għandu sehem importanti fit-twettiq tagħhom. Ilu joħroġ mill-1925 u bosta drabi kien regolari. Imma kien hemm xi drabi meta nqabeż għax ma nstabux fondi biżżejjed biex jiġi stampat. Fil-bidu kien joħroġ erba' darbiet f'sena (f'Marzu, f'Ġunju, f'Settembru, u f'Diċembru) u għamel żmien twil joħroġ hekk, però kull ħarġa kienet tkun irqiqa ħafna, jiġifieri ta' ftit faċċati. Kien hemm ħabta wkoll meta l-Akkademja kienet toħroġ ħarġiet speċjali ta' *Il-Malti* (bħal, ngħidu aħna, il-ħarġiet li stampat fuq Dun Karm, Karmenu Vassallo, u Anton Buttigieg) u dawn kienu jkunu pubblikazzjonijiet eħxen, jiġifieri volumi mlaħħmin sew bil-materjal u allura kull ħarġa minn dawn kienet isservi għal sena sħiħa.

Mal-millennju l-ġdid l-Akkademja bdiet taħdem mal-Klabb Kotba Maltin (KKM) u sar ftehim mad-diretturi tal-KKM biex *Il-Malti* joħroġ kull sena

bħala volum oħxon kif ħareġ is-sena l-oħra. L-Akkademja tħossha grata għal għomorha għal din il-ġenerożita' ta' Pawlu Mizzi u ta' ibnu Joseph Mizzi (id-diretturi tal-KKM, u t-tnejn membri ta' l-Akkademja). Mingħajrhom ma seta' jsir ebda progress fil-pubblikazzjoni ta' l-organu uffiċjali ta' l-Akkademja.

Fid-dehra l-ġdida tiegħu l-bord editorjali pprefera li jżomm din l-idea ta' volum oħxon b'ħafna materjal siewi li joħroġ darba f'sena. Għalhekk mis-sena 2000'il 'il quddiem *Il-Malti* beda joħroġ bħala volum (mhux ktejjeb) u joħroġ għall-ħabta ta' Novembru, kemm jista' jkun qrib Jum l-Akkademja (li hu fl-14 ta' Novembru). Issa, biex iseħħlu jwettaq dan il-ħsieb il-bord editorjali jkollu jagħmel minn Jannar sa Mejju jiġbor il-materjal u jagħżlu; minn Ġunju sa Settembru jiġi ttajpjat (għax mhux kulħadd jibagħtu fuq diskett), jiġi ssettjat, u jsir il-qari tal-provi; u f'Ottubru jintbagħat għand l-istampatur.

Għalkemm *Il-Malti* ħxien ma jfissirx li se tiddaħħal kull laqxa li tasal. Il-bord editorjali jagħmel l-għażliet tiegħu, però l-filosofija ta' l-Akkademja hija li għandu jkun hemm post għal kulħadd, la jikteb tajjeb u bis-sengħa. Jiġifieri kemm min hu stabbilit u kemm min għadu jibda, jaf isib rokna fejn jista' jistampa xogħlu f'*Il-Malti,* basta jikteb bil-galbu u bil-għaqal u mhux bl-addoċċ. Biex nagħtu ħjiel ta' x'tip ta' kitbiet jidhru f' *Il-Malti*, nistgħu ngħidu li jkun fih xogħlijiet ta' kreattività, xogħlijiet ta' studju, tifkiriet, osservazzjonijiet, opinjonijiet, u kronaka ta' l-Akkademja. *Il-Malti* jrid iservi biex jaħżen u jiċċirkula l-ideat fuq il-Malti u bil-Malti, u jagħti wisa' lil kulmin jixtieq jiżviluppa t-talenti lingwistiċi u letterarji tiegħu. L-importanti, kif diġa' għedt, li min jikteb jikteb bis-sengħa ta' mgħallem. Il-kelma trid tkun mirquma u matura, u jrid ikun hemm il-ħsieb f'dak kollu li jitniżżel.

L-għan ta' *Il-Malti* għadu kif dejjem kien: li jgħin fl-iżvilupp ta' l-ilsien matern. Illum il-ġurnata *Il-Malti* qed jagħti xhieda tar-riżorsi kbar li lsienna għandu, u għalhekk li f'ċerti partijiet minnu jista' jippermetti suġġetti varji bħal meta fl-edizzjoni tas-sena 2000 ġibna l-ismijiet ta' l-elementi kimiċi bil-Malti: ħaġa li qatt ma dehret imkien, dehret għall-ewwel darba f'*Il-Malti.* Jiġifieri ideat ġodda, esperimentazzjoni, innovazzjonijiet, kitbiet varji anki jekk ma jkunux marbutin ma' lingwa u ma' letteratura kollox jista' jsib post f'*Il-Malti.*

Il-gost tar-rivista joħroġ mill-varjetà. Jekk nieħdu dik li ħarġet is-sena l-oħra nsibu li hemm il-messaġġ tal-President ta' Malta, l-editorjal li jħares lejn l-importanza tal-lingwi fid-dinja futura, diversi studji ta' kritika leterarja u stilistika, artikli lingwistiċi, taqsima għall-opinjonijiet tal-membri ta' l-Akkademja, il-parti li tfakkar il-kittieba ta' qabilna, ir-reċensjonijiet li jidderieġu l-ħsieb tal-qarrejja maturi, il-kronaka ta' l-Akkademja, novelli, esejs, poeżiji, skeċċ, u kitba djalettali. Xi ħaġa għall-gosti ta' kulħadd.

Biex xogħol isib post f'*Il-Malti* jrid kif għedt jinħadem bis-sengħa u jgħaddi mill-għarbiel tal-bord editorjali. Il-kotba għar-reċensjonijiet jintgħażlu fost l-aqwa pubblikazzjonijiet li jkunu ħarġu reċentement.

Ikun hemm min, forsi, jistaqsi jekk illum il-ġurnata għadx hawn wisà għal rivista bħal din fid-dawl tar-revoluzzjoni teknoloġika bħall-internet. Jiena ngħid illi hawn, u hawn bżonnha ħafna. Hawn ħafna fostna li jippreferu s-sigurtà tal-kelma stampata aktar mill-ħeffa tal-kelma mixgħula. Jiġifieri f'dan il-kuntest *Il-Malti* jħaqqaq il-kawża tal-ktieb: it-teknoloġija stampata (jew it-tradizzjoni) versus it-teknoloġija elettronika (jew il-modern). *Il-Malti* huwa ktieb u tista' ġġorru fejn trid u bil-kumdità kollha għax m'huwiex xi volum esaġerat. Iġġorru fejn trid bl-ideat varjati tiegħu kollha, u taqrah f'liema pożizzjoni li trid u li togħġbok. L-internet għandek aktar skumdità fil-ġarr, għalkemm għandek il-vantaġġ ta' l-interazzjoni. L-aċċessibilità tal-għerf, il-permanenza ta' l-ideat, il-varjetà tat-tagħrif, is-soġġettiviżmu stilistiku; dawn l-elementi kollha jistgħu jinsabu kemm fil-ktieb u kemm fl-internet. Mill-banda l-oħra, il-ktieb għandu t-tradizzjoni favurih u l-internet l-interazzjoni bil-ħeffa. Plass hekk, *Il-Malti* huwa ktieb-rivista annwali, jiġifieri jippermetti l-aġġornament ta' l-ideat b'faċilità akbar minn ktieb li m'huwiex rivista. U dan jista' jagħmlu b'serħan il-moħħ li ma jistax jieħu xi *virus* li jħassarlu kollox.

Wara li nqis dan kollu ngħid li għad hawn post għal kollox, għax-xiħ u għaż-żagħżugħ. Ma ninsewx ukoll li din hija storja antika fil-ġrajja ta' l-umanità. Il-bniedem li ssupera l-elementi bil-moqdief u l-qlugħ ra t-teknoloġija marittima tiżviluppa arkitettura navali kkomplikata u, bħalma taf, illum għandna rħula titaniċi (bħal-*liners* lussużi tal-passiġġieri), ħwienet industrijali monstri (bħat-tankers taż-żejt), u stabbilimenti militari sħaħ (bħall-*aircraft carriers)* jivvjaġġaw fuq il-baħar: kollha ħadu post il-moqdief u l-qlugħ. Imma l-qlugħ u l-moqdief għadhom xorta waħda magħna u f'sikkithom. Tant li l-kenura tinsaq bil-moqdief biss u l-qlugħ żviluppajnieh biex anki għamilna l-*windsurfer*. Li qed nipprova ngħid huwa li l-bniedem ma tantx iħobb jitlaq dak li jkun irnexxielu jikseb. Dak li ġara bil-qlugħ u l-moqdief narah li għad irid jiġri bil-ktieb minkejja l-iżvilupp teknoloġiku li qed iseħħ. Anzi, biex immorru lura għar-rivisti, aktar ma jkun hawn aktar tistagħna l-qagħda letterarja għax il-pluraliżmu jikkontribwixxi għall-kurrenti u kontro-kurrenti li bihom u minnhom tixref l-identità ġdida tagħna. Kull għaqda għandha l-għanijiet tagħha u dawn iżommu l-ideat friski u ħajjin. L-Akkademja għandha għanijiet wiesgħa għax trid tipproġġetta ruħha lejn il-ġejjieni ħalli bir-riżorsi lingwistiċi u letterarji ma tħallix il-globalizzazzjoni theżżeż il-kultura Maltija.

## L-Importanza ta' l-Akkademja

Fl-14 ta' Novembru 2001, l-Akkademja tal-Malti għalqet wieħed u tmenin sena u f'dan il-mument tal-ġrajja tagħha tajjeb li nirriflettu daqsxejn fuq dan li ġej biex nifhmu aktar x'funzjoni qiegħda twettaq fis-soċjetà tagħna li kulma tmur qed tiżviluppa fil-kuntest tal-globalizzazzjoni.

Il-ħtieġa soċjali tas-seklu dsatax biex ikun hemm ortografija tal-Malti standardizzata wiritha s-seklu għoxrin li welled lill-Akkademja tal-Malti (dik il-ħabta magħrufa bħala l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti) formalment fl-14 ta' Novembru 1920 biex jissawwar alfabett Malti fuq sisien xjentifiċi, biex jingħaqdu l-kittieba tal-Malti, u biex tinbena letteratura xierqa għall-Maltin. Fost il-membri ta' l-Akkademja nsibu l-aqwa personalitajiet letterarji li fasslu s-seklu għoxrin: personalitajiet bħal Ġużè Muscat Azzopardi, Dun Karm, Ninu Cremona, P.P. Saydon, Ġużè Aquilina, Temi Zammit, Rużar Briffa, Ġużè Bonnici, Anton Buttigieg, Ġużè Galea, l-Imħallef Wallace P. Gullia, Erin Serracino Inglott, Francis Ebejer, u ħafna oħrajn. U biex tinbena letteratura xierqa għall-Maltin l-Akkademja bdiet toħroġ ir-rivista tagħha, *Il-Malti*, li kif għedna hawn fuq ilha toħroġ mill-1925, u li fiha nsibu minjiera ta' materjal siewi.

Il-ħtieġa soċjali tas-seklu wieħed u għoxrin hija ta' ħidma kulturali li tħares il-wirt lingwistiku u letterarju u fl-istess ħin tibni programm nazzjonali matur li jinkludi l-ambjent attwali, jiġifieri ambjent li jqis il-qagħda bilingwa u li qed iġarrab bidliet importanti minħabba li n-nazzjon irid jissieħeb f'komunitajiet akbar. Għalhekk l-Akkademja tal-Malti għandha r-responsabiltà li tieħu ħsieb il-lingwa f'kull qasam tas-soċjetà. L-Akkademja tal-Malti taħdem bħala laboratorju demokratiku. Bl-itwal tradizzjoni ta' ħidma favur l-Ilsien Malti u l-Letteratura Maltija, l-Akkademja dejjem gawdiet ir-rispett tal-gvernijiet (Kolonjali, Nazzjonalista, u Laburista) u l-fiduċja tal-poplu sħiħ, u fl-istess ħin baqgħet maqtugħa mill-politika partiġġjana u ġibdet biss lejn l-ideal nazzjonali. L-awtonomija tagħha kienet il-qawwa tagħha u fil-preżent qiegħda sservi biex toħloq xibka ta' kuntatti ma' oqsma essenzjali fis-soċjetà ħalli jinżamm u jitħares il-wirt lingwistiku.

L-Akkademja tal-Malti, li tul il-wieħed u tmenin sena ta' ħajja li kellha kisbet identità ta' għaqda nazzjonali, qed tissokta tħabrek sabiex il-pajjiż ma jintrikibx mill-indifferenza: dan kien l-għan ewlieni tas-seminar "Ilsien Qadim f'Millennju Ġdid" li l-Akkademja, b'kollaborazzjoni mal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, organizzat f'Novembru ta' l-1999. Bl-Akkademja nibqgħu konxji ta' lsienna u l-iżvilupp tiegħu f'ġejjieni kumpless.

Tul il-biċċa l-kbira tas-seklu għoxrin l-Akkademja serviet bħala l-istituzzjoni ewlenija li rawmet fil-poplu r-rispett lejn l-ilsien u d-dritt li dan l-ilsien jgħix fil-libertà u fil-paċi. Kienet l-Akkademja li sostniet, b'mod konsistenti għal tmien deċennji sħaħ il-ħtieġa li l-Malti jkollu s-sigurta' soċjali f'pajjiżu f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-użu u ma' l-iżvilupp tiegħu - żvilupp li seħħ l-ewwel bl-istandardizzar ta' l-ortografija u l-għarfien uffiċjali tagħha, imbagħad bit-tħabrik għall-użu aktar tal-Malti f'kull qasam, u fl-aħħar bl-għarfien kostituzzjonali tal-Malti bħala l-ilsien nazzjonali u lingwa uffiċjali.

Fil-preżent l-Akkademja għadha tieħu l-ilsien Malti b'impenn u qed tħares lejn l-użu tal-Malti bħala parti mid-demokrazija u bħala aspett mir-

responsabiltà tan-nazzjon biex jikkultiva l-wirt nazzjonali u kulturali. Jiġifieri l-Akkademja tagħraf l-importanza li żżomm l-irbit lingwistiku tradizzjonali ħalli tissaħħaħ l-identità kulturali tal-pajjiż. U dan fid-dawl tal-politika tad-differenza li teżisti kullimkien fid-dinja, għax illum il-ġurnata hawn enfasi kbira fuq x'jagħżel poplu minn ieħor: fuq it-tradizzjoni, l-identità, u l-awtentiċità. Imma l-Akkademja tifhem ukoll li l-ilsien Malti jeħtieġ iwieġeb għar-realtajiet u l-isfidi tas-soċjetà Maltija li trid tipparteċipa f'dinja kumplessa li tagħraf il-ħtieġa tal-globalizzazzjoni u l-interdipendenza. Sadattant tinħass sewwa l-ħtieġa li pajjiżna jibqa' miexi 'l quddiem bl-identità nazzjonali tiegħu minkejja l-pressjoni ta' din il-globalizzazzjoni u tas-soċjetajiet multi-kulturali u pluralistiċi.

Bħala ħidma, l-Akkademja tiftaħar li f'din l-aħħar sena kellha proġett ta' traduzzjoni ta' xogħlijiet għat-tfal biex jiġu ppubblikati fl-Amerka, tat bidu għall-proġett (Fond għall-Kittieba tal-Malti) bi sħab ma' l-APS Bank biex tgħin il-ktieb Malti, ħadmet mill-qrib mal-Press Club sabiex jitjieb l-użu tal-Malti fix-xandir, u bdiet ħidma ma' l-Awtorità tax-Xandir sabiex tgħin lix-xandara fl-użu tal-Malti miktub u mitkellem.

Matul din l-aħħar sena wkoll l-Akkademja kkundannat bis-sħiħ it-tneħħija tal-Malti fil-livell avvanzat bħala rekwiżit għad-dħul fil-kors tal-liġi. Dan tqies pass li xeħet lill-pajjiż lura għal qabel is-snin tletin tas-seklu għoxrin, dgħajjef l-importanza tal-Malti, naqqas biċċa għodda essenzjali fl-istudji legali, u jista' jxekkel l-elementi soċjali fejn jidħlu aspetti legali. Fuq dan is-suġġett spjegajna ruħna kemm-il darba fuq il-mezzi tax-xandir u anki quddiem kummissjoni ta' l-Università magħmula mill-Pro-rettur, mir-Reġistratur, u d-Dekan tal-Fakulta' tal-Liġi. Il-ftehim li lħaqna ma' din il-kummissjoni s'issa għadu ma seħħx u baqgħet it-tneħħija tal-Malti mid-dħul għall-kors tal-Liġi, minkejja l-opinjoni pubblika u l-pressjoni internazzjonali li l-Università kellha biex ma tneħħihx. Ma nistgħux ma nosservawx li l-awtoritajiet ta' l-Università m'humiex qegħdin jittrattaw sew ilsienna: ukoll f'okkażjonijiet oħra kellna nilmentaw fuq it-tkasbir tal-Malti fl-Università. Għal darba oħra, nikkundannaw it-tneħħija tal-Malti mid-dħul għall-kors tal-Liġi u ntennu li dan huwa sfreġju lil ilsienna u kulmin kellu x'jaqsam miegħu (ukoll jekk ma kkundannahx) wettaq att ta' tradiment kontra n-nazzjon. Din kienet l-unika ħaġa li dennset l-istampa tal-Malti fis-Sena Ewropea tal-Lingwi.

L-Akkademja tal-Malti kienet għamlet talba lill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni sabiex ikollha għajnuna finanzjarja fil-pustaġġ ta' *Il-Malti* lill-emigranti Maltin. Din it-talba ntlaqgħet u għalhekk l-ispejjeż tal-pustaġġ biex *Il-Malti* jintbagħat lill-membri barra minn Malta u fejn hemm l-emigranti Maltin jitħallsu mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni. Din hija mossa ta' sħubija bejn l-Akkademja tal-Malti u l-Ministeru ta' l-Edukazzjoni. Il-Kunsill ta' l-Akkademja jiżżi ħajr lill-Ministeru ta' din l-għajnuna u b'ħerqa jistenna li l-koperazzjoni tkompli.

# 2

# Kritika Letterarja

# IL-Poeżija ta' Daniel Massa It-tiftixa ta' tfulija dejjiema

## *Daħla ta' Oliver Friggieri*

Sa minn meta deher fi *Kwartett* (1965) Daniel Massa wera l-għażla tiegħu favur poeżija differenti minn dik li trabba fiha bħala Malti. Ir-ritmu, il-frażjoloġija, l-għalqa metaforika, it-tonalità huma lkoll diġà mbegħdin ħafna mit-tradizzjoni romantika formali li baqgħet taħkem weħidha tul l-ewwel nofs u saħansitra sa snin sħaħ tat-tieni nofs tas-seklu għoxrin. Bħal għadd ta' poeti ġodda magħrufin bit-terminu ġeneriku u xejn preċiż "tas-sittinijiet", Massa kien diġà ntebaħ li fid-dinja l-kbira, Ewropea u Amerikana, il-poeżija kienet ilha li għaddiet minn tibdil sħiħ. L-għarfien tal-letteratura dinjija kontemporanja, l-iżjed bis-saħħa tal-ftuħ li toffri minnha nnifisha l-edukazzjoni universitarja (hi stess kawża ewlenija tad-dħul tal-moderniżmu f'Malta), wassal malajr għall-konklużjoni li l-poeżija Maltija kellha tfittex tegħleb l-iżvantaġġi storiċi kbar u ssib il-pass li bih biss setgħet titqies valida u rilevanti. Maż-żmien Massa, lettur u mbagħad Professur tal-Letteratura Ingliża fl-Università, kellu jsir wieħed mill-ftit kriterji li bihom l-ispirazzjoni lokali setgħet titkejjel bil-qisien ta' żmienha.

Mill-wirt formali tal-poeżija Maltija ta' qabel, wild it-tradizzjoni klassika-romantika Taljana, Massa żamm ftit li xejn. Il-punt tar-riferiment tiegħu deher minnufih Ingliż u Amerikan, u minn din it-tradizzjoni għanja reċenti silet fuq kollox l-ambigwità u l-implikazzjoni, żewġ xejriet li l-ewwel nofs tas-seklu għoxrin f'Malta me setax jagħrafhom għal bosta raġunijiet, fosthom għaliex il-poeżija rriflettiet bil-fedeltà kollha l-qagħda intellettwali tal-pajjiż. Kontra ċ-ċarezza fl-espressjoni, kontra s-sempliċità tal-viżjoni, Massa daħħal il-possibbiltà li t-test jinqara f'aktar minn dawl wieħed. Il-kelma kellha tikseb importanza relattiva li ma tistrieħx wisq fuq id-denotazzjoni fissa tad-dizzjunarju. Kontra l-għażla ta' metafori ta' xeħta emottiva, mibnijin sikwit bil-qies ta' min qiegħed jinseġ djarju intimu, bdiet taħkem il-metafora ta' xeħta ċerebrali, kalma, meqjusa, imqiegħda bir-reqqa ta' min jikkalkula fit-tul qabel ma jasal għall-verżjoni aħħarija. Il-proċess kreattiv stess hu mifhum f'termini ġodda, u forsi wkoll il-poeżija stess, sistema ta' elementi li lit-tifsira jaħbuha

biex bħallikieku tinstab inċidentalment, jew wara qari sistematiku. L-effet ta' l-immedjatezza ma kellux jibqa' jingħata s-siwi li kellu qabel. Il-qari kellu jsir għamla ta' tilwima mat-test stess.

Id-diffikultà li joffri x-xogħol ta' Massa biex "jiftiehem" hi l-istess prerogattiva tiegħu, il-privileġġ li jieħu l-poeta minn rajh, biex lill-qarrej donnu jeħilsu mit-toqol ta' tifsira iebsa, magħmula u lesta, waħda li tgħodd dejjem u kullimkien. Tassew li l-poeżija hi minnha nnifisha ambigwa, iżda t-tradizzjoni għarfet trodd għallinqas minimu ta' tifsir li fuqu setgħu jaqblu kemm il-kritiċi u kemm il-qarrejja. Għall-kuntrarju, it-tip ta' poeżija li jippreżenta Massa jispiċċa biex ibiddel element wieħed, l-ambigwità, fin-natura sħiħa tal-poeżija. Aktarx li dan hu l-aspett li bih l-poeta jinqata' l-iżjed mill-qafas klassiku, milqugħ, tal-poeżija Mediterranja li l-poeżija Maltija tat-tradizzjoni pre-moderna, istintivament u bl-għajnuna tal-kultura Taljana li hi trabbiet fiha, qatt ma ħarġet minnu.

F'termini kulturali, it-tensjoni semantika li joffru l-poeżiji ta' Massa tista' titqies bħala r-riżultat tal-qagħda duwalistika li l-poeta jiftiehem l-aħjar fiha: il-konflitt, jew id-diversità essenzjali, bejn id-dinja Mediterranja u d-dinja Anglo-Sassona. L-ewwel waħda hi wirt naturali u storiku, u t-tieni waħda hi għażla kulturali. Fi kliem ieħor, poeta Malti jitħaxken bejn il-qagħda tal-pajjiz bħala punt ġeografiku u l-qagħda tal-pajjiż bħala ex-kolonja Ingliża li, madankollu, anki wara l-Indipendenza kellha tibqa' miftuħa beraħ għall-influwenza Ingliża. Fl-identità tal-poeta, Malti u wkoll studjuż tal-Letteratura Ingliża, jista' jinġabar id-duwaliżmu tipiku tal-kultura Maltija kollha mis-sittinijiet 'il quddiem.

Min-naħa l-oħra, il-medjazzjoni tal-kultura Maltija tinħass ukoll, u naturalment hawn hu fejn tixref l-iżjed l-oriġinalità ta' Massa bħala poeta li, meta jitqies kulma ngħad, xorta jibqa' eminentement Malti. Il-mudell ta' l-assimilazzjoni, li bih tiftiehem fil-profondità tagħha l-identità kulturali Maltija, issa jiftiehem skond kriterju ieħor (minflok kontinentali, Taljan, bħal qabel) waqt li l-istess mediterranjetà hi mistħarrġa u mġarrba kritikament (minflok istintivament, bħal qabel). F'dawn ix-xejriet, fil-kwadru tal-poeżija Maltija kollha tat-tieni nofs tas-seklu għoxrin, Massa hu aktarx ruħ solitarja, differenti ħafna mill-poeti l-oħra li ftit jew wisq, wara l-polemika tal-bidu u minn madwar nofs is-sebgħinijiet 'il quddiem, reġgħu sabu l-għeruq mediterranji u għalhekk kitbu b'mod sostanzjalment differenti mill-fażi bikrija tagħhom stess.

It-tiġdid tekniku huwa minnu nnifsu tiġdid tematiku. Fid-dawl ta' dan il-prinċipju jrid jitfisser kif il-baħar, tema u metafora, jikseb f'Massa tifsiriet li l-ispirazzjoni ta' qabel ma tatux. Il-baħar jidher minnufih bħala l-ambjent konsistenti, l-aspett l-iżjed importanti tad-dimensjoni ta' l-ispazju (Xibkatuliss, *Il-Mewt tas-Sajjied, Il-Bajja ta' San Tumas, Dayadhvam, Delimara, L-Iskuna tal-Ħolm, Qarnita, Għawma bil-Lejl*). Il-"baħar żmerald", bħaż-"żiemel

abjad", hija frażi-muftieħ, u għandha tifsira eżatta (esperjenza tas-sens tal-ħars) daqskemm għandha tifsira metaforika (esperjenza tal-kuxjenza). Il-poeta li jissublima l-baħar huwa wkoll il-bniedem li jsib lilu nnifsu fil-baħar. Il-ħtieġa ta' twelid ġdid, in-nostalġija għal storja mbiegħda wisq iżjed mit-tfulija, ir-ritorn lejn l-ilma: dawn huma temi daqskemm huma sensazzjonijiet. Għall-għawwiem li jsir għaddas hemm ukoll il-possibiltà li l-għaddas isir abitant permanenti xewqan u ideali, tal-qigħan fejn l-ispazji huma bla qies daqskemm mingħajr forom fissi. L-ambigwità li dehret bħala xejra tal-kontenut hi fiha nnifisha qagħda tar-ruħ. Il-poeta li jilgħab bl-ilma huwa wkoll l-adult li ma jridx joħroġ mit-tfulija daqskemm ma jagħrafx mod ieħor għajr l-adultezza biex it-tfulija tingħaraf sewwa:

Ferragħni
fil-fonti nhar l-għid tat-tberik,
għarraqni ġo l-ilma tal-maqdes
...
Jista' bniedem jitwieled mill-ġdid
jerġa' għall-ġuf meta ra d-dawl?
...
Aħfirli
bigħedni mill-ħlas tat-twelid,
għassisni rekkinni f'ġuf ommi.

## Milied

Il-klawstrofobija, problema karatteristika ta' l-awturi ewlenin tat-tieni nofs tas-seklu għoxrin f'Malta, tingħeleb billi jitfittex il-kontinent il-ġdid, il-qiegħ tal-baħar. M'huwiex aktar il-baħar pittoresk jew il-baħar metafora ta' l-infinit, kif kien għar-romantiċi u oħrajn, iżda hu l-baħar metafora ta' l-art imwiegħda, id-destinazzjoni tal-klawstrofobu li mbagħad jidher bis-saħħa kollha fil-waqtiet ta' bixra politika (*Reżurrezzjoni, Monologu mill-Gżira ta' l-Isponoż, L-Offerta ta' Kaliban, Voila Pouquoi, Malta kif Inħsadt?, Mewt fil-Gudja, L-Impenn*). Hawn ukoll id-duwaliżmu tipiku jieħu xeħta figurattiva: l-għeluq jinsab fuq l-art, u l-ftuħ jinsab biss fil-baħar. Kontra l-"gżira ta' l-isponoż" hemm "l-iskuna tal-ħolm". Il-baħar jiġbor fih il-fidwa mixtieqa kollha. F'dan il-kuntest tingħaraf il-funzjoni tal-frażarju elementari tal-poeta, li jinkludi kelmiet bħal "mara", "ċirku", "ċagħak" flimkien mal-verbi kollha mseħbin ma' l-esperjenza ta' l-għawwiem u ta' l-għaddâs.

Xi drabi xejriet tal-liturġija Kattolika huma mħaddmin b'mod li jpinġu l-aspett attiv ta' l-esperjenza poetika (*Milied, Epifanija*), iżda drabi oħrajn l-imġiba stess tal-poeta tieħu xeħta ta' liturġija personali. Ġesti sempliċi jsiru

simboliċi u l-kwadru kollu jitbiddel f'parabbola tal-qagħda umana. Hemm għallinqas żewġ waqtiet f'dan il-proċess. Fl-ewwel wieħed il-poeta jinsab waħdu:

Waħdi
biċ-ċagħka f'idejja għall-ħobża w sardina,
imbeżża' miċ-ċrieki eterni li jduru
maż-żwiemel imħabbla f'misteru,
nitriegħed bħaċ-ċagħka li tiżloq minn idi
fir-ramla bla fidi.

## Il-Bajja ta' San Tumas

Fit-tieni waqt tissejjaħ il-mara, reali daqskemm ideali, li tissieħeb miegħu f'esperjenza li tirrappreżenta t-twaħħid tal-bniedem man-natura kollha. Il-ħtieġa tat-tiġdid tidher fiżika iżda hi spiritwali, u l-azzjoni hi mill-ġdid liturġika:

Nitgħammdu,
o mara sabiħa bħall-baħar,
fl-għejun t'ilma frisk.
Għax issa x-xgħir jimtela,
għax issa l-ilma joħla
u l-ħut jilma fix-xbieki stirati
f'nofs aħdar żmerald.

## Pentekoste II

Għadd ta' poeżiji oħrajn (*Searchlight, Matriċi, Metro*) jiżvolġu l-istess mottiv u jseddqu l-impressjoni li Massa qiegħed jikteb poeżija twila u sħiħa waħda magħmula minn waqtiet differenti. Ruħu hi "amfibja" (*Matriċi*) u s-sensi tiegħu huma msaħħrin mix-"xebba tistenna l-iskuna tal-ħolm" (*L-Iskuna tal-Ħolm*). Fl-adultezza t-tfulija tinħass bħala ċ-ċarezza mitlufa (*Arani Għada*) u għalhekk kollox jinġabar fis-sensazzjoni ta' tfulija dejjiema. Il-post ideali hu qiegħ il-baħar fejn il-ħolqien m'hux mittiefes u ż-żmien jidher li ma jħallix il-marka li xxejjaħ u teqred:

hawn kont diġà
- qabel ġarrabt il-fsieqi ta' ġensi
- qabel għalaqt it-twieqi ta' wensi
- qabel ombrajt l-għekiesi ta' niesi

qalb id-dell tal-kannizzati kont diġà
forsi mrekken mal-koralli
fi spiralli stalaktiti ma' l-artikli kuluriti
sekli ilu kont
diġa'.

## Delimara

Dan hu l-waqt l-iżjed solenni fl-esperjenza fiżika-spiritwali kollha ta' Massa, imfisser bl-aħjar riżorsi poetiċi: il-mużikalita' ritmika, l-alliterazzjoni, ir-rima, l-iffullar tal-metafori, is-sentenzjożità. Il-mogħdija mill-imgħoddi għall-preżent hi megħluba u ż-żmien isir esperjenza kontinwa ogħla mil-Liġi tat-tibdil.

Minħabba t-tlaqqigħ ta' dawn ix-xejriet kollha flimkien *Delimara* diġà tistħoqq ħarsa mill-qrib. Iżda hemm raġunijiet oħrajn li jwassluha biex titqies bħala l-qofol tal-poeżija ta' Massa, għamla ta' dokument tal-poetika tiegħu kollha. *Delimara* hi espressjoni narrattiva ta' esperjenza li ma tistax tkun irrakkuntata. Fil-binja ta' rakkont il-poeta jdaħħal il-motivi tematiċi u l-elementi tekniċi li jsawru x-xogħol tiegħu. L-ewwel erba' versi jistabilixxu l-ambjent fejn se jseħħ kollox. Sensiela ta' verbi, mill-vers 5 'il quddiem, jindikaw l-azzjoni: "żlaqt", "smajt", "bqajt ħiereġ". L-istorja ta' l-għaddas tingħaraf minnufih bħala parabbola; it-tifsira ta' kulma jidher tindab xi mkien ieħor. Iż-żelqa ħafifa (vers 6) tfakkar fil-ħruġ tat-tarbija mill-ġuf (vers 7), u hi ħarġa li ġġib magħha bidla kbira ("minn fuq l-alka għal taħt il-belt", vers 8). Id-deskrizzjoni tal-post hi mseddqa mid-diwi alliterattiv tal-konsonanti "n" ("għajn", "sireni", "fiddien", "nistad", "ċiren", "ninżel", "ngħarrex", "fond", "il-fond", "fejn", "għajn").

Fit-tieni strofa l-poeta jsir minnufih il-protagonista, waqt li l-importanza tas-silta hi maqsuma bejn is-seħer ta' taħt wiċċ il-baħar u s-sensiela ta' ċaqliqiet tiegħu li jitqabblu minnufih maċ-ċaqliq tal-ħlejjaq l-oħra. Qalb il-ġabra ta' metafori mfissra hemm il-metafora implikata, li b'mod tipiku tiegħu Massa jagħtiha importanza mingħajr ma jiżviluppaha: il-poeta, il-bniedem innifsu, huwa ħuta. Mit-tiftixa, mill-azzjoni fiżika, il-poeta jgħaddi għar-riflessjoni. U hi riflessjoni magħmula fil-kuxjenza, mingħajr ħoss li jiddisturba s-sliem tad-dinja ġdida misjuba: "u għadt f'qalbi". Mill-bqija, is-silenzju huwa aspett ieħor tal-poeżija kollha ta' Massa, u jissieħeb mal-ħakma ta' għadd ta' lwien li ewlieni fosthom hu l-abjad. Ir-riflessjoni (versi 21-36) tinġabar kollha fil-kelmiet "hawn kont diġa", għamla ta' għarfien tal-preistorja, tal-fażi ta' qabel it-twelid, li m'hix id-disa' xhur tat-tqala iżda speċi ta' eternità li s-sens tagħha hu mitwieled. Donnu Massa jadatta għalih it-twemmin ta' Jung fl-inkonxju kollettiv tar-razza umana kollha; il-bniedem jitwieled diġà bis-sens

ta' żmien li beda qabel il-bijografija personali. Il-Poeżija għalih hi sewwasew it-tiġrib ta' din ir-rabta dejjiema mal-bqija ta' l-essri.

Il-versi 27-35 huma fost il-versi l-aktar mużikali li qatt inkitbu bil-Malti. Il-ħakma tal-piedi magħżula (li joffru interpretazzjoni metrika varja skond il-qari: anapest, ġjambu, trokew, amfibrakkju) tissieħeb mal-ħakma ta' ħsejjes allitterativi ("spiralli", "stalaktiti", "artikli", "kuluriti" u l-bqija) li bejniethom ileħħnu, jagħtu ħoss lis-sens miksub: is-serħan li ma jistax jintilef aktar. Kollox iwassal għall-konklużjoni, għall-att li bih il-poeta jagħmel id-deċiżjoni mibnija fuq l-għarfien ta' "kont diġà", li issa, imlissna għat-tielet darba, bħallikieku ritornell reliġjuż ieħor tipiku ta' Massa, issir il-ġustifikazzjoni tad-deċiżjoni aħħarija: "nista' nibqa'" (vers 39). Kollox jinġabar fiż-żewġ versi ta' l-għeluq fejn jerġa' jixref ir-ritornell:

> għax f'dawn l-ibħra, qalb din l-alka
> kont diġà.

*Delimara* hi aktarx l-aħjar eżempju ta' l-istrateġija letterarja kollha tal-poeta. Ir-rakkont jibda minn punt magħruf u jgħaddi malajr biex jieħu tifsira metaforika; l-elementi tal-kitba poetika tradizzjonali (mir-rima sa l-alliterazzjoni, mill-versi metrikament regolari sal-versi li jvarjaw fir-regolarità f'pied wieħed jew aktar) huma mħaddmin b'mod li jiġġeddu u joħolqu l-effetti moderni mixtieqa; is-sentiment hu mrażżan b'mod li ma jaħkimx fuq l-ordni razzjonali li l-poeta jixtieq li jaħkem fuq kollox; id-deskrizzjoni m'hix għan fiha nnifisha iżda spunt għal suġġeriment dwar il-qagħda tal-kuxjenza. Il-programm tat-tiġdid tekniku li Massa seddaq fil-poeżija Maltija, waqt li ma jasalx sa l-estremitajiet ta' l-epoka, jitbiegħed ħafna mit-tradizzjoni u fl-istess ħin jibqa' jimraħ fi ħdanha. Il-kelma u l-frażi jibqgħu jingħażlu mill-ħażna li l-kuntest letterarju magħruf jistenna u jilqa' minnufih; il-metafori, mogħtijin importanza wisq aktar minn qabel u msenslin flimkien sal-punt li t-test kollu jassumi l-bixra ta' ħrafa jew allegorija, jibqgħu mimlijin b'kontenut emottiv. F'termini oħrjn, l-ambigwità m'hix biss metodu ta' espressjoni letterarja; hi wkoll l-istess kontenut, it-tema fundamentali. Waqt li poeti kontemporanji oħrajn ħaduha kontra l-limitu li sabu fil-pajjiż daqskemm fiċ-ċiviltà ta' żmienhom, Massa jiskopri r-realtà mixtieqa fl-ispazju lilhinn mill-art, fejn il-limitu ma jinħassx u fejn il-bniedem jista' jsir il-ħlejqa ħielsa li hawn hi tipiċizzata fil-ħuta.

Fl-isfond ta' *Delimara* hemm l-identità tal-poeta bħala abitant ta' gżira, jiġifieri ta' art li fid-definizzjoni tagħha tinkludi r-relazzjoni mal-baħar. M'hix il-gżira idealizzata tal-poeti romantiċi u lanqas m'hi l-gżira miċħuda ta' wħud mill-poeti moderni. Hi t-territorju li jitbiddel hu stess fi xbiha tal-qagħda tar-ruħ, imbandla f'oċean ta' ħsibijiet u sentimenti. Imdaħħla f'dan il-kwadru, l-ispirazzjoni kollha ta' Massa tidher immexxija minn viżjoni waħda. Tema

ewlenija tgħaqqad il-varjazzjonijiet tagħha flimkien u l-problema ta' komunikazzjoni li tista' toffri l-poeżija tinħall fi proċess ta' għarfien gradwali. Jekk jingħaraf il-qofol, jingħarfu l-irqaqat.

L-unità tematika hi megħjuna saħansitra mill-kontinwità anki grammatikali li hemm bejn tliet poeżiji (*X-Ray, Deflorazzjoni, Pasiphae*), iżda hi riflessa l-aktar fil-preżenza tal-baħar reali u metaforiku fil-biċċa l-kbira tal-poeżiji. Uħud jagħlqu bir-rima (*Il-Bajja ta' San Tumas, Il-Mewt tas-Sajjied, Indeċiżjoni*) bosta oħrajn jisħqu fuq l-amfibrakkju, it-trokew u l-ġjambu b'regolarità li fl-istess ħin hi ħielsa. Id-diskors isir ma' Alla, ma' mara u ma' semmiegħ ipotetiku. Għadd ta' metafori ewlenin, intennija, huma żviluppati f'kuntesti differenti. L-ambigwità ssir il-lingwa magħżula, miksuba bħala grad ogħla taċ-ċarezza bikrija, waqt li huma rari l-waqtiet meta Massa jinqeda bit-taħdit dirett u letterali (*Xi Nħobb, L-Aħħar Borra, Warda*). Kollox juri li din hi poeżija miktuba bil-kalma, bi ħsieb strateġiku, kontroll sħiħ fuq l-irqaqat kollha, bħala esperjenza li tiddistilla lill-waqt stess ta' l-ispirazzjoni, li jinħass bħala waqt imbiegħed mill-waqt tal-kitba. Hi poeżija li ma ttaħħatx il-komunikazzjoni għall-espressjoni, għad li dejjem tikkonċedi l-possibiltà li titnissel sensazzjoni.

Daniel Massa jipproduċi xogħol maħdum b'reqqa arkitettonika sħiħa, bi skruplu kbir fl-għażla tal-ħoss u tas-sens tal-kalma. Il-misterjożità tibqa' l-atmosfera tipika tiegħu, imseddqa mill-kontenut daqskemm mit-tqegħid flimkien tal-metafori u mill-ħażna ta' assoċjazzjonijiet u implikazzjonijiet li jistgħu jixirfu b'qari mill-qrib. F'dawn l-aspetti kollha l-poeta, rappreżentant ewlieni tal-poeżija Maltija ta' żmienu, jibqa' maqtugħ mill-ilħna l-oħra. Taħt is-saffi kotrana tat-tifsir hemm, paradossalment, it-tiftixa tas-sempliċità, u fl-aħħarnett is-sejba tagħha.

# Il-Mara fil-Letteratura tal-Kittieba Għawdxin

*Carm Cachia B.A.*

## Daħla

Skond il-Prof. Oliver Friggieri, in-nisel uman għandu omm qabel ma għandu missier[1] . Din it-tema hi Mediterranea daqs it-tempji megalitiċi u l-ewwel nies li għexu f'Malta fi żmien il-ħaġar. Fil-fatt, daqqa t'għajn ħafifa lejn it-tewmmin ta' dawn l-ewwel missirijietna u lejn l-istatwetti li ħallewlna, mill-ewwel turina fidi kbira f'alla-mara - In-Natura Omm. Achille Mizzi, f'waħda mill-poeżiji tiegħu, **In Vitro,** juri kemm jaqbel ma' dan meta jgħid:

*F'ġuf Eva jinġarr Adam disa' xhur*
*bħal xrara ġol-fosdqa tad-dlam.*[2]

Din it-tema jersqu lejha ħafna kittieba u poeti Maltin, kemm dawk tradizzjonali u kemm dawk moderni.

Il-mara minn dejjem kellha post ċentrali fil-letteratura. Jekk immorru lura fiż-żmien, u nagħtu daqqa t'għajn lejn l-eqdem xogħlijiet letterarji, insibu li l-mara tilgħab parti kruċjali f'epiċi kbar li għadhom isaħħruna sa llum. Fl-**Ilijade** ta' Omeru, Helena ta' Trojja kienet il-kawża ta' għaxar snin gwerra bejn il-Griegi u t-Trojjani; fl-**Odissea** ta' l-istess awtur, Penelope damet dsatax-il sena tistenna lil żewġha Odissews ġej lura mill-gwerra, waqt li fl-**Enejde** ta' Virġilju, Eneas, missier ir-Rumani, kellu jiġġieled battalja qawwija kontra Turnus, biex jakkwista id Lavinia u jingħata jedd biex ikun jista' jibni familja f'Latium.

Jekk imbagħad inħarsu ftit lejn il-letteratura tal-Medju Evu, nerġgħu nsibu lill-mara bħala protagonista, kemm fid-**Divina Commedia** ta' Dante Alighieri u kemm fil-qasam tad-drammi ta' Shakespeare. Imma waqt li Dante jpinġi lil Beatrice tiegħu bħala kreatura perfetta u mingħajr ebda għelt jew ħażen, Shakespeare jippreżenta lill-mara b'mod aktar realistiku. Hekk f'**Macbeth**, il-mara hi ppreżentata bħala kreatura terribbli u tkun hi li ssuq lil żewġha biex

jikkommetti reati faħxija; f'**Romeo and Juliet**, it-tfajla ssir il-vittma innoċenti ta' mħabba traġika; u mbagħad, f'**The Taming of The Shrew**, Katerina, il-mara qerrieda li dejjem tgemgem u tmaqmaq, hi suġġetta għal umiljazzjoni mir-raġel.

## Ir-Romantiċiżmu u l-Mara

Fil-bidu tas-seklu dsatax tfaċċa l-moviment romantiku li ta dimensjoni ġdida lil-letteratura. Dan beda jħares lejn il-ħajja b'mod differenti minn kif kienu jħarsu lejha l-kittieba ta' l-illuminiżmu li ġew qabilhom. Wara t-telfa ta' Napuljun u t-tmiem tar-Revoluzzjoni Franċiża, il-kittieba u l-intellettwali donnhom qatgħu qalbhom mill-wgħedi ta' libertà u ħelsien ta' l-espressjoni, l-aktar meta l-qawwiet konservattivi li ħarġu rebbieħa kienu ffirmaw it-trattat ta' Vjenna fl-1815. Dawn il-kittieba bdew iqisu lid-dinja l-ġdida bħala waħda kummerċjali, inumana, riġida u standardizzata wisq. Għalhekk biex jaħarbu minn din id-dinja moderna, ir-romantiċi dawru ħarsithom lejn postijiet remoti jew imbiegħda, aktarx medjovali u folkloristiċi. Ir-Romantiċiżmu beda jenfasizza l-passjoni aktar mir-raġuni, u l-immaġinazzjoni aktar mil-loġika. Ir-romantiċi bdew ixaqilbu lejn espressjoni sħiħa ta' l-emozzjonijiet, u l-azzjonijiet tagħhom saru aktar spontanji milli ristretti u ordinati.

Hawn jidħol l-aspett femminil. Il-mara tar-romantiċi saret figura idealizzata, perfetta, imma fl-istess ħin fraġli ħafna. Kienet figurina tal-kina aktar milli umana u għalhekk postha aktarx li kien ġo niċċa tal-ħġieġ ħalli ma tinkisirx. Fl-istess waqt, ir-raġel sar il-ġentlom - kavallier, protettur tagħha u ta' unurha. Barra minn hekk beda jitfaċċa aspett ieħor tal-mara fil-kitbiet ta' din il-ħabta. Waqt li wħud mill-kittieba u l-poeti kienu jpenġuha bħala t-tfajla jew il-mara delikata tas-soċjetà konservattiva ta' l-ibliet, oħrajn kienu jitfgħu għajnejhom fuq it-tfajla mimlija ħajja u azzjoni, u l-figura tagħha bdiet tirrappreżenta u tissimbolizza lin-nazzjon, bħal fil-każ tal-figura femminili fil-pittura ta' Delacroix, li tirrappreżenta l-poplu Franċiż jiġġieled għal drittijietu matul l-irvellijiet ta' nofs is-seklu l-ieħor. Din ta' l-aħħar aktarx kienet tkun tfajla raħlija, fuq ruħha, tfajla sabiħa, imma li s-sbuħija tagħha hi waħda naturali u mhux irtokk imgeżwer fi lbies fin u sabiħ tas-soċjetà elitista.

Meta mbagħad ir-romantiċiżmu ħakem lil Malta via l-letteratura Taljana u l-profugi Taljani li sabu ruħhom hawn fit-tieni nofs tas-seklu dsatax, il-figura femminili-romantika daħlet mal-kumplament ta' l-effetti l-oħra, u influwenzat bil-kbir lil dawk l-ewwel kittieba Maltin bħal Dwardu Cachia, u wara żmienu, lil kittieba kbar bħal Dun Karm u Patri Cuschieri. Imma dawn ta' l-aħħar inzertaw it-tnejn saċerdoti u għalhekk l-espressjoni romantika fejn tidħol il-femminilità hi limitata, f'Cuschieri aktar milli f'Dun Karm. Madankollu nistgħu ngħidu li l-Poeta Nazzjonali, minkejja l-limitazzjonijiet minħabba ċ-ċelebat, xorta għaraf jagħti dehra vasta mhux ħażin tal-femminilità Maltija kif

kien jaraha hu, l-aktar fil-mara Maltija ta' l-irħula tagħna. Dan jixhduh poeżiji bħal **In-Nissieġa**, **It-Tifla tar-Raba'**, **Xenqiet ir-Raba'** u tant u tant poeżiji patrijottiċi oħra b'xeħta kampanjola. Il-Poeta Nazzjonali spiss kien jara lit-tfajla raħlija bħala simbolu nazzjonali u karikatura tal-poplu-nazzjon kif kien jixtieq jarah hu u kif rappreżentata minn Delacroix. Tkellimt xi ftit fit-tul fuq ir-Romantiċiżmu u fuq il-Poeta Nazzjonali għaliex dawn it-tnejn ħallew l-impront tagħhom fuq il-letteratura li ħarġet mill-gżira Għawdxija anke fejn jidħol l-aspett femminil.

## Il-Femminilità u l-Poeti Għawdxin

Il-kittieba u l-poeti post-dunkarmjani kienu influwenzati bil-kbir mill-Poeta Nazzjonali. Uħud, bħal Vassallo, dan jammettuh bil-miftuħ[3]. F'oħrajn, għalkemm mhux daqshekk ċara, l-influwenza qiegħda hemm ukoll. Ma' dawn nistgħu ninkludu lill-poeti Għawdxin ta' l-epoka. It-trattament tal-femminilità wkoll hu wieħed tipiku tar-romantiċiżmu Malti post-dunkarmjan. Fost dawn insibu lil Ninu Cremona, Ġorġ Pisani, Anton Buttigieg u Mary Meylak. Ma' dawn nistgħu nżidu oħrajn li ġew wara u li wkoll imxew fuq l-istess linji.

Bħal fil-każ ta' Dun Karm, it-tfajla li dawn il-poeti jiddeskrivu hi waħda tipikament Għawdxija. Hi bint ix-xemx u l-baħar Mediterran. Għalhekk hi mara aktarx qamħija, b'figura sabiħa u b'għajnejn żoroq jew suwed tuta, waqt li xagħarha hu iswed, qastni jew dehbien. Hi mara ħawtiela u bieżla, miġbura u mistħija, mhix imkabbra bi sbuħitha, u għalkemm m'hijiex sinjura, tgħix ħajja hienja.

Fil-poeżija ta' Buttigieg, **Fir-Razzett ta' Katarin**, is-sbuħija tagħha hi rappreżentata mill-karattru ta' Katarin, b'għajnejha "twieqi kbar u żoroq". L-apparenza tat-tfajla Għawdxija jkompli jagħtihielna Buttigieg stess bir-ritratt ta' Marì, meta b'erba' pinzellati ħfief kif jaf jagħtihom biss dan il-poeta, jinħoloq il-persunaġġ tat-tfajla tat-tut:

*Marì, Marì*
id-dimmi t'għajnejk
suwed, tutin,
ġejjin mit-tut?
u l-leqqa sewdiena ta' xuxtek
ġejja mit-tut?
u l-għaxqa li tmewweġ
ma' ġismek fin
li tifni l-qalb ta' min
iħares lejha
ġejja
mill-meraq sewdieni

li jġelben hieni
*fiz-zkuk u l-frieghi tat-tut?*

It-Tfajla Tat-Tut

Deskrizzjoni dettaljata oħra ħarġet mill-pinna ta' Pisani, il-poeta magħruf sewwa għax-xeni pittoreski tal-ħajja Għawdxija. Permezz tal-karattru femminili fil-poeżija **Mananni**, hu għaraf joħloq dehra ta' mara tipikament Għawdxija u li spiss kont tiltaqa' magħha fil-kampanja ta' gżiritna, daqs tletin, erbgħin sena ilu. Hi mara li tgħaddi ħajjitha f'ambjent għal kollox rustiku, medhija bix-xogħol tad-dar u bil-bizzilla, mara li rari tixref mill-bieb 'il barra. Bħal kull mara oħra, hi taf toħlom bis-sabiħ u bis-sinjurija, ħwejjeġ li m'għandhiex u li diffiċli ħafna li takkwista. Madankollu, minkejja l-ħolm, hi mara li għandha saqajha mħawlin fl-art u taf li l-ħajja trid tkompli sejra. Għalhekk hi lesta taċċetta dak kollu li d-destin jogħġbu jibgħat. Hawn tidħol id-deskrizzjoni tal-ħobż biż-żejt li tkompli ssaħħaħ din ix-xena raħlija, flimkien mal-ħsieb tal-poeżija, bit-tfajla bħala ċ-ċentru tagħha.

Kultant din it-tfajla kampanjola tidher ukoll taħt forma ta' karattru importanti f'poeżiji miktuba f'forma ta' leġġenda, bħal dawk li hu magħruf għalihom il-poeta mis-Siġġiewi, Patri Ġużè Delia. Fost dawn insibu l-karattru ta' Żgugina fil-poeżija li ġġib l-istess isem, miktuba minn Mary Meylaq, u li hi ispirata mil-leġġenda tant popolari ta' San Dimitri. Fuq l-istess stil insibu l-poeżiji ta' Joe Meylak, **It-Tfajla tal-Wied** u **Il-Ġrajja Ta' Wied il-Lunzjata**. Madankollu dawn it-tnejn jitkellmu fuq suġġett kemxejn differenti minn dak tal-leġġenda ta' Żgugina, għaliex jittrattaw l-imħabba mitlufa jew ittraduta. Din l-istess idea tidher ukoll fil-ballata ta' Charles Bezzina, **Tifkira u Tislima.**

S'issa għamilt referenza biss għat-tfajla jew il-mara kampanjola. Imma l-poeti tagħna jagħtu dehriet oħrajn ta' bint il-gżira Għawdxija. Joe Meylak u Charles Bezzina jitkellmu t-tnejn dwar it-tifla ċkejkna li timla lil qalbhom bil-hena. Huma jagħtuna ritratt ta' din it-tifla ċkejkna tilgħab u timla kullimkien bil-ferħ tagħha. Madankollu fil-versi ta' dawn it-tnejn tiġri l-preokkupazzjoni għall-futur. Huma t-tnejn jinsabu beżagħna li t-tifla għad titlef dan il-ferħ tat-tfulija, la darba tidħol fid-dinja tal-kbar. Dan il-motiv jiġri matul poeżiji bħal **Sylvia** u **Liliana tat-Triq Tagħna**. Għalhekk Meylak jgħidilha:

*Ibqa' hekk ferriħija biex tferraħ,*
qatt toħlom b'li ġej. . .

Liliana tat-Triq Tagħna

waqt li Bezzina, fuq stil aktarx modern, ikompli l-istess ħsieb billi lin-neputija tiegħu, Raisa, jgħidilha:

*Met'għad xi żmien tixxabbat,*
*tilħaq snini*
u tkun għaraft x'inhu tqanqil il-ħajja,
tkun fhimt id-dmugħ miġmugħ tax-xorti morra
*w għaraft stunar it-tnabar ta' destinek.*
Raisa

It-tifla iż-żgħira tikber u ssir tfajla. F'**Liliana tat-Triq Tagħna II**, it-tifla tal-ġirien ta' Meylaq m'għadhiex tarbija. Addio dak iż-żmien ta' logħob bil-pupa. Addio l-innoċenza tat-tfulija. Issa dit-tfajla biddlet ħlewwitha f'waħda aktarx senswali li trattab il-qalb, u sbuħitha tiġbed lejha l-aktar ġuvni gustuż u b'saħħtu. Poeżija oħra li timxi fuq linji simili hi **Rosabelle**. F'din il-poeżija wkoll tinħass il-preokkupazzjoni tal-poeta għall-futur tat-tfajla tant li hu jaħtar lilu nnifsu l-protettur tagħha, kif semmejt aktar 'l fuq u, bħal Ružar Briffa, lest li jilqagħha għandu meta l-għawġ jiġi jħabbat biebha.

Iż-żmien jgħaddi u ma jistenna lil ħadd. Fil-poeżija tiegħu **Mais Où Sont Les Neiges d'Antan**, il-poeta Marċell Mizzi jitbekka lit-tfajliet sbieħ li llum għebu għax iżżewġu, xjaħu jew mietu.

Miriam fejn hi tal-għajnejn leġġi żoroq
fejn hi Marì-Tereż, fejn hi miskina
Fejn huma l-għajnejn jisirqu n-nies mit-toroq
in-nokkli żgħar u sofor tal-ħanina?...
*Marru mal-weraq niexef tal-ħarifa...*
Mais Où Sont Les Neiges d'Antan

Joe Meylak ikompli jifrex il-karattri femminili li jippreżenta f'kitbietu billi narawh jittratta l-aspett femminil fuq skala internazzjonali, bil-kitba ta' poeżiji bħal **Żingara** u **Miss World**, meta jittratta żewġ suġġetti li m'huma marbuta bl-ebda mod ma' pajjiżna u lanqas ma' xi pajjiż partikulari.

L-aktar aspett komuni fil-poeżija romantika li tittratta l-femminilità hu, bla dubju ta' xejn, it-tfajla misterjuża li jħobb il-poeta, li hu jidealizza, imma li donnu m'għandux kuraġġ ikellem. Għalhekk hu jispiċċa jiftaħ qalbu mal-Muża, dik l-ispiratriċi li taf l-aktar ħsibijiet u ħsus intimi tal-poeta, u li lilha jgħid dak il-kliem ħelu u sentimentali li m'għandux kuraġġ jgħid lill-maħbuba. Għal Pisani, it-tfajla ta' mħabbtu sigrieta hi wkoll tfajla tipikament Għawdxija. Hi tfajla t'għajnejha suwed, smajra u b'xagħarha aktarx iswed innukklat. Lil din it-tfajla, il-poeta juri mħabbtu kollha, imħabba safja u sinċiera, imħabba romantika fl-essenza tagħha kollha u għalhekk aktarx platonika milli erotika. Fil-poeżija **Helsien** hu jixtieq li l-kampanja t'Għawdex tinbidel f'saltna mill-isbaħ, mimlija fwejjaħ tar-rebbiegħa, kant tal-għasafar u poeżija. Hu jistieden lit-tfajla ta' qalbu biex tkun ir-reġina f'nofs din is-saltna utopistika:

Ejja, ja tfajla, ejja
ġo din il-ħajja li jien ħtart għalik
L-għelieqi tmewweġ tkun il-firxa tagħna
Is-sodda li thennik...

Ħelsien

Din l-istess idea nsibuha wkoll preżenti fil-poeżija ta' Ninu Cremona. Ftit huma dawk li jafu li Cremona kien ukoll poeta. Anzi nistgħu ngħidu li kienet il-Muża li ressqet lil dan il-persunaġġ tant importanti fl-istorja ta' lsienna biex ikompli studju aktar fil-fond dwar il-Malti[4]. Bħala romantiku, Cremona jittratta, fost temi oħra, l-aspett femminil ukoll. Infatti r-romantiċiżmu ta' Cremona m'hu mkien qawwi daqs meta jiġi biex jittratta l-femminilità u l-imħabba.

Din l-imħabba, bħal fil-każ ta' Pisani, għandha żewġ lati, meta l-poeżija tittratta lit-tfajla ideali. Fl-ewwel parti ta' l-Antoloġija **Mis-Siġra ta' Ħajti**, ta' spiss niltaqgħu ma' poeżiji li fihom il-poeta jindirizza lit-tfajla sigrieta ta' mħabbtu. **Ħlomt Bik**, **Lilek Ja Mara**, u **Imħabbtek Ja Xbejba**, kollha juru din l-imħabba sigrieta li Cremona kien iżomm f'qalbu meta kien għadu żgħir. Fihom l-awtur jiddeskrivi lill-maħbuba tiegħu bħala tfajla sbejħa, għajnejha berqa, u li saħħritu għal warajha.

Nieżla narak mit-taraġ, sħaba tbajjad
idek tagħtini u 'l wiċċ ma' wiċċi tressaq.

B'xuxtek l-imħabba u bl-għajn ta' rieqda f'nieqa
f'idejja ntlaqt...

Ħlomt Bik

Dawn, u poeżiji simili, joħolqu f'moħħ il-qarrej stampa ta' tfajla ideali li, barra li hi sabiħa fiżikament minħabba l-fattizzi ta' wiċċha u l-figura tagħha, għandha wkoll karattru li jiġbdek għax hi tfajla fuq ruħha, ferriħija, imma fl-istess ħin, tfajla safja u innoċenti.

It-tieni lat hu wieħed aktarx negattiv. Ħafna drabi jiġri li mal-mogħdija taż-żmien il-ħolma ta' l-imħabba tibqa' ma ssir qatt realtà u t-tfajla ideali tispiċċa biex issir il-mara ta' ħaddieħor. Fit-tieni parti ta' *Weraq Tal-Ħarifa* ta' Ninu Cremona, din l-idea tidher f'poeżiji bħal **Il-Firda**, **Uċuħ mill-Imgħoddi** u **Ħolma**, fost poeżiji oħra. Fihom Cremona jitbekka t-telfa ta' din it-tfajla għax jaf li issa ma tistax tkun tiegħu. Madankollu ma jistax ineħħiha minn qalbu. Il-memorja tagħha se tibqa' tittormentah mentalment tul il-bqija ta' ħajtu. Hawn ir-romantiċiżmu ta' Cremona jilħaq il-qofol tiegħu minħabba l-fatt li l-

poeta jagħraf jippreżentalna l-passat li għadda u mar bħala żmien sabiħ, imma li ma jintlaħaqx, mentri l-preżent, l-issa, hu ikrah u ta' min jaħarbu:

Għaliex meta kont ċkejkna
tħobb dejjem tilgħab miegħi
u llum li kbirt, dak wiċċek
*m'għadux il-hena tiegħi?*

Għaliex

Din l-istess tema tal-maħbuba mitlufa nsibuha wkoll ta' spiss fil-poeżija ta' Pisani. Hawn, qalb il-poeta, mifnija għat-tfajla li m'għadhiex aktar "tiegħu", titbekka mal-qarrej f'poeżiji bħal **Għanja**, **Għanja Moħbija**, **Kelma Nassiesa** u **Lil April**. Fil-poeżija **Għanja** il-poeta jagħlaq bil-versi:

Ward u għana 'l Għawdex bewsu
Ix-xemx ksietu bit-tlellix
X'tiswa din il-festa kollha
*Jekk int Iżjed ma tiġix?*

Għanja

waqt li fil-poeżija **April** ikompli:

*Jien fik għaraft lis-smajra*
li ħafna qlub ħabbew

Ma dak li ġara wara
April la tgħidu 'l ħadd
Ħallih mistur bejnietna
*Biex ma jixxandar qatt.*

April

Mela, għalkemm il-poeta tilef lill-maħbuba tiegħu, hu jixtieq li l-imħabba sigrieta tibqa' midfuna f'qalbu. Infatti kemm Pisani u kemm Cremona nistgħu nqisuhom bħala żewġ ġentlomi per eċċellenza. Mhux talli ma nsibu ebda ħjiel ta' tort jew akkuża għal din it-telfa ta' mħabba, talli huma lesti jbatu huma basta t-tfajla ideali ta' qalbhom tgħix kuntenta mas-sieħeb il-ġdid li issa hi ħadet b'żewġha. Infatti fil-poeżija **L-Għanja Moħbija**, bħal fil-poeżija **April**, Pisani jgħidilna:

'Mma nibża li din l-għanja
Jekk tmur u ttir minn miegħi
Tasal sal-qalb ta' dik id-dar sabiħa

Fejn ma' żagħżugħ qed tgħix fis-sliem, ferħana
L-ewwel maħbuba tiegħi

Għanja Moħbija

Dan il-lat negattiv fih il-vantaġġi tiegħu wkoll, għaliex b'hekk, għall-poeta, din il-maħbuba tibqa' dejjem it-tfajla ideali li ħabb fi ċkunitu u ma titlef xejn mis-seħer tagħha fuqu.

Mhux il-poeti tradizzjonali biss jitbekkew it-telfa tal-maħbuba tagħhom. Anke poeti moderni u li kitbu aktar reċenti jħossu għafsa ta' qalb għat-tifkira ta' l-imħabba mitlufa. Lil Charles Bezzina, narawh ifittex lil imħabbtu bla ma jsibha fil-poeżija **Ġo Torri**, waqt li fil-poeżija l-oħra **Il-Lanterna**, dan l-istess poeta bħal irid jinsa, u ma jistax, it-tifkira tal-maħbuba li darba kien iħobb imma li issa ma' għadhiex aktar miegħu.

... *U morna lura ħesrem lejn l-imgħoddi*
bil-kwiekeb ta' fuq rasna jgħoddu l-passi
l' għamilna bla ndunajna, waqt li nsejna
*li rġajna qed nitgħannqu l-aħħar darba.*

Il-Lanterna.

Anton Buttigieg jagħti ħarsa aktar serja lejn il-mara li ħabb. L-imħabba tiegħu kellha tgħaddi minn passjoni sħiħa kemm bil-mewt ta' l-ewwel mara tiegħu, Carmen Bezzina, u kemm b'dik tat-tieni waħda Connie Scicluna. Għalhekk, fil-poeżija ta' Buttigieg, il-mara ssir is-sieħba mitlufa darba għal dejjem taħt l-irħama kiesħa tal-qabar. Fit-taqsima "Niket u Eleġiji" fl-antoloġija **Qasba Mar-Riħ**, il-poeta jittratta l-aktar dik il-parti ta' ħajtu fejn hu ġie wiċċ imb' wiċċ mal-mewt, minħabba din it-telfa krudila.

F'din it-taqsima, is-sieħba mitlufa tieħu diversi forom, għalkemm il-messaġġ hu dejjem l-istess wieħed. Fil-poeżija **Il-Bojja**, mart il-poeta ssir prinċipessa sbejħa ta' żmien ir-rivoluzzjoni Franċiża, li titla' disgħa u għoxrin tarġa tal-patibolu għal ħdejn il-bojja liebes l-iswed li se jaħsdilha rasha. F' **Il-Bejta** hi ssir għasfura tal-bejt li tgħix fil-ħajt tas-sur, imma li tifel kiefer jirnexxilu jaqbad ġo kopp biex imbagħad jitfagħha darba għal dejjem ġewwa gaġġa, u jżommha mifruda mis-sieħeb ta' qalbha:

U meta fit-tixniq ta' mħabbtu kbira
hu resaq lejn il-qafas biex jistabar,
il-qasab żammu 'l bgħid minn wiċċ ħanintu
*sew sew kif lili jżomm l-irħam tal-qabar.*

Il-Bejta

Buttigieg jattakka l-ħolm għax il-ħolm hu kiefer wisq u jfakkar fl-uġigħ flok inessi l-feriti. Il-ftuħ tal-poeżija **Il-Ħolm** żgur li jġiegħel lill-qarrej jgħix għal ftit mumenti t-telfa li ġarrab il-poeta:

*Dal-lejl ħlomt bik fit-tul, ħanina tiegħi*
u rajtek wiċċ ma' wiċċ u miegħi tmiss
u qalbi faret b'dik l-imħabba kbira
*li dari kont inħoss kif narak biss.*

Il-Ħolm

Imma meta jmutlek xi ħadd għażiż, ma terġa' taraħ qatt. Għalxejn tittama, għax min jitlaq ma jerġax jiġi. Fil-poeżija **Niftakar**, naraw kif il-mewt iċċaħħad lil Buttegieg mill-għaziza martu biex lilu ħallietu waħdu miblugħ fis-solitudni.

*u bqajna ġo darna*
fid-dawl tal-Madonna
weħidna flimkien
jien u l-Baħħ
il-Baħħ u jien
jien nibki,
l-Baħħ jibki
ħdejn sodda ta' tnejn
mifruxa ta' xejn!

Niftakar.

## Il-Maternità

Aspett ieħor marbut ħafna mal-femminilità hu, bla dubju ta' xejn, dak tal-maternità. L-omm hi dik il-ħlejqa li ġġib il-bnedmin fid-dinja, li ġġorrhom disa' xhur fi ħdanha, li turihom l-ewwel dawl, u li trejjaqhom, fl-ewwel jiem tagħhom, bil-ħalib tagħha stess. Din il-ħlejqa ġibdet l-ammirazzjoni tal-poeti f'kull żmien u kullimkien.

Wieħed mill-poeti Għawdxin li ttrattaw dan is-suġġett hu Ninu Cremona. Hawn, bil-mod li bih jittratta din it-tema, il-poeta jfakkarna f'Dun Karm. Fi Cremona l-omm hi ppreżentata bħala kreatura sublimi li bħalha ma hawnx għax l-imħabba tagħha ma jisboqha xejn u ħadd. Din l-imħabba materna tidher f'poeżiji bħal **L-Għadu** u **Hi Biss**, li fihom Cremona jitkellem dwar dik ir-rabta intima li teżisti biss bejn l-omm u t-tarbija:

*Hi biss li kienet tifhmek u tkun ħdejk*
bin-nhar, bil-lejl u tħossok waqt l-irdigħ

tixrob il-ħajja u tara fuq ħaddejk
*l-oħla tal-ħlewwa u l-isbaħ tas-sabiħ*

Hi Biss

Ġorg Pisani, ftit jew wisq, jimxi fuq l-istess linji meta fit-taqbila ħelwa għat-tfal iż-żgħar jgħidilna:

Il-mamma tbusni,
Tbusni fuq Íbini,
Tidli bil-ħlewwa:
*"Ibni , ħanini".*

Il-Bews Tal-Mamma

Mill-banda l-oħra, il-poeta jħoss mill-ewwel in-nuqqas tagħha, hekk kif hi tħossha xi ftit ma tiflaħx. Mal-versi tal-poeżija, it-ton tiegħu jinbidel dritt f'wieħed kiebi, bħal ma naraw f' **Ommkom Marida** ta' Cremona. Anton Buttiegieg u Joe Meylak ikomplu fuq dan it-ton meta jiddeskrivu t-telfa ta' l-omm permezz tal-mewt. Fil-poeżiji tiegħu **Fejn Int Ma?** u **L-Għanja tal-Iltim**, Meylak iġiegħel lil qalb il-qarrej tingħafas mal-mistoqsija-karba li t-tfajjel iltim jagħmel, hu u jfittex lil ommu mejta. Din l-istess idea tidher ukoll f'ħafna mill-poeżiji ta' Buttigieg, fosthom **Il-Bejta**, **Qatt** u **Fit-Triq tal-Ħajja**.

## Is-Simboliżmu

Ma jistax jonqos li waqt li qed nitkellmu dwar il-mara fil-poeżija, ma nsemmux ukoll is-simboliżmu li ħafna drabi nsibu marbut mal-figura tagħha. Infatti spiss insibu li l-mara tirrappreżenta lin-nazzjon. U dan is-simboliżmu ftit insibuh ippreżentat b'mod daqshekk tajjeb, daqs fil-poeżija ta' Pisani, **Il-Ġgantija t'Għawdex**. Hawn il-poeta jagħtina tfajla "xuxtha tad-deh'b, għajnejha żoroq", toffri ħajjitha żagħżugħa biex Għawdex tagħha jeħles mill-għaks li kien waqa' fih. Din il-figura femminili tirrappreżenta lil dawk l-eroj Maltin kollha li meta kien hemm bżonn, b'mod jew ieħor, warrbu kull interess personali u ħallew ħajjithom għal art twelidhom.

U għajtet b'leħen għoli:
"La darba xejn għal dan ma jiswa driegħi
Nagħtihom jien 'l allat ħajti u xbubiti,
*Immut għal Għawdex tiegħi"*

Il-Ġgantija t'Għawdex

Simboliżmu ieħor marbut mal-figura tal-mara hu dak li juri n-natura bħala omm. Kif semmejt fil-bidu, il-mara minn dejjem kienet simbolu tan-natura, u Buttigieg lil dan is-simboliżmu ma jagħmillux għajb. Infatti spiss insibu lil dan il-Poeta tan-Natura jippreżentahielna taħt il-figura ta' omm. Dan hu il-każ ta' **Il-Ħolm tan-Natura**, **L-Artisti tan-Natura** u **Il-Qasma tax-Xogħol**. F'każi oħra, mill-pinna ta' Buttigieg, aspetti differenti min-natura jieħdu s-sura femminili, aktarx delikata u żagħżugħa. Fost dawn insibu l-poeżija ddedikata lill-ġilju tal-widien, **Lilia Agri** u oħra **Il-Warda tax-Xemx**.

## L-Anima

Fl-aħħar nett is-simboliżmu f'forma femminili narawh bħala l-**Anima**. L-Anima, kif isejħilha Jung, hi l-vuċi femminili li tnebbaħ lill-artist/poeta; hi preżenza sostanzjali li ġejja minn filosofija qadima orjentali dwar il-bilanċ universali bejn il-maskil u l-femminil. L-Anima hi qawwa kreattiva fir-raġel, l-aspett femminil li jżommu miexi u attiv minflok wieqaf u passiv[5]. Hi forza mexxejja, li tieħu l-forma ta' pont "psikoloġiku" li permezz tiegħu, il-kittieb jissupera l-problemi u jasal għal xi forma ta' konklużjoni li biha jifhem lilu nnifsu. Meta jinterpretaw din l-idea l-poeti jidħlu fi speċi ta' djalogu interjuri u jitkellmu ma' preżenza misterjuża li tagħti sens lill-eżistenza tagħhom.

Din il-forma ta' djalogu tidher fil-poeżija ta' Joe Psaila, **Fittixtek**. Tidher ħafna fil-kitbiet ta' Charles Bezzina sa mill-ewwel antologija tiegħu **Triqat Bla Tarf**. Imma kien fl-aħħar antoloġija tiegħu, **Baħar Solitarju**, li din l-idea kienet żviluppata l-aktar. F'poeżiji bħal **Żewġ Sireni**, **Żewġ Siġriet** u **Nagħtik**, lil Bezzina narawh jiddjaloga ma' l-Anima, u magħha jiftaħ qalbu u jferra' għommtu. Hi, min-naħa tagħha, tieħu għamliet differenti, aktarx arketipiċi. F'waqt wieħed tkun mewġa, li flimkien miegħu, tfittex il-kenn tal-għerien solitarji f'qiegħ il-baħar. Narawha wkoll bħala sirena li magħha l-poeta għex ħajtu, magħha xjaħ u issa donnu ma baqax post għalihom it-tnejn f'dan il-baħar differenti li sabu ruħhom fih. F'waqt ieħor narawha forma ta' siġra li kibret qajl, qajl mal-kittieb biex flimkien miegħu sofriet l-aktar mumenti diffiċli ta' ħajtu.

> *Twelidna fuq kull naħa tal-mogħdija,*
> trabbejna misturin bl-ilma tal-ħajja
> u kbirna t-tnejn flimkien fir-riħ li hedded
> is-saħħa ta' xulxin bla ebda ħniena.
> Rassejna l-krib, id-diq, demgħat jaħarqu,
> u dfinna ġewwa s-skiet li jsaltan fina
> *il-kliem li smajna stramb minn fomm l-irwiefen.*
>
> Żewġ Siġriet

Tkellimt fit-tul fuq il-preżentazzjoni tal-figura femminili fil-poeżija tal-poeti Għawdxin. Madankollu għadu jinħass ċertu vojt li jonqos li jimtela. Semmejt li l-poeżija hi aktarx romantika fil-kontenut u fl-istil tagħha, u għaldaqstant hi nieqsa ħafna mir-realiżmu. Id-dehra li din tagħti tal-mara Għawdxija lanqas ma hi xi waħda realistika. Ix-xejra kontemporanja, kemm fil-qasam letterarju u kemm f'dak soċjo-politiku ta' pajjiżna, hi li l-mara tidher kif tassew hi, bit-tajjeb u bil-ħażin tagħha, bl-aspetti pożittivi u negattivi fl-imkien. Din biss hi l-veru mara Għawdxija. Imma din il-figura femminili għadha 'l bogħod wisq milli tidher fil-versi tal-poeti tagħna, bħalma ilha tidher fix-xogħlijiet ta' sħabhom il-poeti Maltin mis-snin sittin 'l hawn. Poeti bħal Achille Mizzi, Joe Friggieri, Daniel Massa u Mario Azzopardi ma tawniex biss il-mara bħala l-antitesi tar-raġel, l-akkompanjatriċi tiegħu, imma wkoll bħala dik li taf tiċħadlu mħabbitha, dik li tittradih u kapaċi tieħu gost taraħ servili għax-xewqat u l-gosti tagħha. Din l-idea tidher f'poeżiji bħal **Femme Fatale** ta' Achille Mizzi, **Jekk Fhimtek Sewwa** ta' Joe Friggieri u **Iskot** ta' Bertu Marshall. Nawgura li ma ndumux ma naraw lill- poeti tagħna jagħtu lill-Mara dak li tant ilha taspira għalih - dak li tidher kif tassew hi, li taħseb b'moħħha, li hi rajħa f'idejha u li ma hi bl-ebda mod inferjuri għar-raġel.

## Mary Meylak

Fl-aħħar nett ma nistax nagħlaq dawn il-ftit kelmiet fuq il-poeżija Għawdxija u l-aspett femminil jekk ma nitkellimx ftit dwar il-poetessa **Mary Meylak**. Ħallejtha għall-aħħar għax għalija din il-mara għandu jkollha post speċjali, mhux biss hawn li qegħdin nitkellmu dwar il-Mara Għawdxija, imma anke fl-istorja tal-letteratura Maltija b'mod ġenerali. Hawn m'iniex se nitkellem fuq ħajjitha. Tkellimt fuq hekk drabi oħra[6]. Illum irrid insemmi xi ftit il-wirt letterarju li ħalliet din il-mara, għal uħud minsija, għal oħrajn stramba, għalija persunaġġ importanti li jixraqlu kull ġieħ. Infatti, il-firxa letterarja ta' Meylak hi vasta mhux ħażin. Hi stess tammetti li l-għaxqa tagħha kienet li "tinkera mal-lapes u mal-karta", "imħassba u aljenata toħlom wieqfa".[7] Ħaddmet, tista' tgħid, il-ġeneri letterarji kollha imma l-ċforte' tagħha kienet, u baqgħet sa l-aħħar, il-poeżija. U Meylak kitbet fuq kollox. Kitbet fuq kull ma kienet tara b'għajnejha, sa fuq suġġetti li għall-biċċa l-kbira tal-poeti l-oħra ma huma ta' ebda ispirazzjoni. Imma fihom Mary Meylak issib baħar sħiħ fejn timraħ. Għaliha furfiċetti, ġdur, ġlieġel, fjuri, bottijiet, siġar u elf ħaġa oħra bħal dawn huma kawża ta' tqanqil poetiku u fuqhom tinbena din l-immaġinazzjoni fertili marbuta ma' sengħa fit-tħaddim tal-kelma. Dan it-tqanqil poetiku, imbagħad, deher f'għadd kbir ta' xogħlijiet miġbura f'antologiji bħal **Pleġġ il-Ħena**, **Dawra Misterjuża**, **Villa Meylak**, **Album**, u **Għana għat-Tfal**, barra għadd kbir ta' xogħlijiet oħra li hi ma rnexxilhiex tippubblika qabel mietet. Naħseb

li ma nkunx niżbalja jekk ngħid li Meylak kienet tgħix għall-poeżija.

Inħoss li Meylaq għandha tibqa' mfakkra l-aktar bħala l-ewwel mara li kellha l-kuraġġ tisfida l-atteġġjament negattiv ta' żmienha u tikteb bil-Malti. Dan għalija hu kuraġġi kbir mhux biss għax hi kitbet bil-Malti fi żmien meta lsienna kien meqjus bħala l-lingwa tal-kċina, imma wkoll għaliex din il-mara kitbet fi żmien meta l-letteratura kienet meqjusa bħala dominju maskili. Għalhekk nixtieq nieħu din l-okkażjoni biex inħeġġeġ ħalli lil din il-mara nagħtuha l-post li jixirqilha ħalli ma jiġrilhiex bħal ma ġralhom kittieba oħra Maltin, li artna damet wisq ma għarfet il-kontribut tagħhom għall-ġid ta'ġensna.

## Il-Mara fid-Drammi

Il-Mara tidher bħala protagonista wkoll fil-qasam tal-proża, kemm f'dawk li huma drammi u kemm f'dawk li huma rumanzi u novelli.

Wieħed minn dawk li taw sehem kbir fejn tidħol il-kitba tad-drammi, hu l-Professur Ġużè Aquilina. Bħal Cremona, Aquilina għamel isem l-aktar fl-istudju tal-Malti bħala lingwa. Infatti Aquilina kien l-ewwel professur tal-Malti u ta' l-Ilsna Orjentali li kellha l-Università ta' Malta, dejjem jekk ma nsemmux lil M.A. Vassalli[8] . Imma Aquilina, barra xogħlijiet lingwistiċi, tana wkoll xogħlijiet ta' poeżija, drammi u anke rumanz, **Taħt Tliet Saltniet**, li se nagħmel referenza għalih aktar 'il quddiem.

Id-drammi ta' Aquilina jimxu l-aktar fuq xeħta soċjo-realista. Infatti nistgħu ngħidu li t-teatru ta' Aquilina hu t-teatru tal-protesta soċjali. Fi drammi bħal **L-Ikkundannata**, **Il-Bniedem li Ċaħdu** u **Arbli Fuq Il-Bjut**, Aquilina jagħtina din il-protesta soċjali kontra l-inġustizzji li kien jara jseħħu f'pajjiżna dak iż-żmien. Fost dawn insibu inġustizzji mal-ħaddiem, mal-batut, preġudizzji minħabba reliġjon u tant u tant nuqqasijiet oħra li kienu, u sa ċertu punt għadhom, komuni f'Malta. Spiss il-protagonista ta' dawn id-drammi tkun mara.

It-tema tagħhom hi t-tiġrib tal-ħajja ta' kuljum. Il-karattri li niltaqgħu magħhom lanqas ma huma maħluqin għal kollox minn żnied l-awtur, u ma trabbewx għal kollox fil-fantasija tiegħu imma huma karattri tad-demm u l-laħam, u għalhekk għandhom it-tajjeb u l-ħażin tagħhom għax huma nies li qed jiġġieldu biex jgħixu ħajjithom mill-aħjar li jafu. Id-djalogar li l-awtur joħloq bejn il-karattri tiegħu jgħin ħafna fl-interpretazzjoni tal-ħajja.

Wieħed minn dawn id-drammi hu **L-Ikkundannata**. L-isem stess tad-dramm jissuġġerixxi li n-nisġa ddur fuq karattru ta' mara. Il-protagonista tad-dramm hi tfajla, Marjon. Din Marjon tirrappreżenta lil dawk it-tfajliet li kultant jispiċċaw vittmi ta' soċjetà bigotta u fariżejka, mimlija nies li l-kittieb isejħilhom "kompromessisti". Din hi soċjetà li tippriedka mod biex imbagħad taġixxi mod ieħor. Marjon hi każ tipiku tat-tfajla vittma ta' raġel bla skrupli,

li wara li jagħmel biha li jrid, jarmiha bħal lumija magħsura. Barra li jkollha tbati l-effetti tat-trawma li tgħaddi minnha, din it-tfajla jkollha ssofri wkoll il-kundanna ipokrita tas-soċjetà li titfa' l-ħtija kollha fuqha. Infatti fil-każ ta' **L-Ikkundannata**, Marjon ma ssibx fidwa. Il-passat tagħha jibqa' jiġri warajha anke meta tkun ħasbet li ħelset minnu. Il-ħelsien tispiċċa biex issibu biss meta tasal biex tneħħi ħajjitha b'idejha minħabba din l-istess kundanna.

B'kuntrast mal-karattru ta' Marjon hemm dak tas-sinjura Ġeltrude. Jekk Marjon tirrappreżenta l-vittma, Ġeltrude tirrappreżenta lis-soċjetà li dejjem lesta tikkundanna. Din il-mara hi simbolu tal-fariżej, ta' dawk li lesti jitfgħu l-ġebla ma' l-iċken ħjiel ta' kundanna. Aquilina jkompli jipponta sebgħu lejn Ġeltrude billi jpinġiha bħala bniedma li suppost li hi qaddisa u tar-ruħ, imma li fil-fatt tmur kontra l-ispirtu evanġeliku li tgħid li temmen fih minħabba l-kundanna li titfa'. Din hi t-tip ta' mara li tinqeda bil-livell soċjali tagħha biex tiġġustifika dak li tagħmel jew li taħseb li hu tajjeb. Hi tistaħba wara din il-maskra soċjali biex tkun tista' tikkundanna. Din l-imġiba tagħha aktarx li ssib l-appoġġ tas-soċjetà li hi tagħmel parti minnha, imma żgur mhux dak tal-qarrej. Dan jispiċċa jissimpatizza ma' Marjon waqt li jibda jiddubita min tassew hi l-ikkundannata: jekk hix Marjon li tispiċċa kkundannata għall-mewt mis-soċjetà jew hix Ġeltrude li hi kkundannata mill-qarrej minħabba l-mod li bih timxi mat-tfajla. Dawn iż-żewġ karattri li jiddominaw dan id-dramm mhux biss huma simboli tas-soċjetà kontemporanja tad-dramm imma għadna nistgħu narawhom ukoll fis-soċjetà tagħna llum.

Fi dramm ieħor ta' Ġużè Aquilina, **Imħabba u Mibegħda**, insibu l-imħabba bħala t-tema prinċipali. Hawn, għal darba oħra, l-awtur juża persunaġġ femminili bħala protagonista. Din hi Lina, mara intelligenti ta' madwar erbgħin sena. Għall-mara, l-imħabba hi importanti ħafna, imma ħafna drabi jiġri li hi ssib ruħha maqsuma bejn żewġ tipi ta' mħabba: l-imħabba ta' mara għar-raġel li ġejja mill-ġibda għas-sess oppost, u l-imħabba ta' mara-omm, dik li ġejja mill-istint matern. Kultant l-istint matern jegħleb kollox u l-mara, avolja forsi ma tkunx omm, tkun lesta li titfa' l-affezzjoni materna tagħha kollha fuq xi ħadd, anke jekk dan ikun ifisser sagrifiċċju kbir għaliha.

Dan ta' l-aħħar hu l-każ ta' Lina, il-protagonista. Din, għalkemm mhi qatt lesta li tiżżewweġ għax f'żgħożitha kienet għaddiet minn trawma, xorta waħda ma tiċħadx l-imħabba ta' omm lil żagħżugħ, Frans, li miegħu kienet rabtet qalbha. Għalkemm ma tkunx trid tieħdu b'żewgha kif jixtieq hu, hi turi l-imħabba materna tagħha lejh meta tagħmel minn kollox biex tbiegħdu minnha u titfgħu f'dirgħajn Ġuljetta, tfajla ta' mparu. Biex tagħmel dan, Lina hi lesta li turi kemm kienet xiħa, xi ħaġa li kull mara tobgħod tagħmel.

Is-sehem tal-karattri nisa fid-drammi l-oħra ta' Aquilina ma jonqosx, għalkemm in-nisa mhux dejjem huma l-protagonisti bħal f'dawn iż-żewġ każi li tkellimt dwarhom fit-tul hawn fuq. Kultant huma karattri serji, bħal fil-każ tal-karattru ta' Karmena f'**Arbli Fuq il-Bjut**. Kultant huma karattri li joħolqu

sitwazzjonijiet umoristiċi bħal Marija u Tereża, ulied is-Sur Martin, f' **L-Inkwiet tas-Sur Martin**, jew Linda f'**L-Għira**. Madankollu huma dejjem jagħmlu l-parti tagħhom biex il-protesta soċjali, l-għan li għalih il-kittieb tana dawn id-drammi, tintlaħaq. Ħafna drabi dawn ir-ritratti ta' nisa u tfajliet mhumiex ħlief projjezzjoni ta' sitwazzjonijiet jew karattri kontemporanji.

Fid-drammi tiegħu, Ġorġ Pisani jimxi ħafna fuq l-istess linji ta' Aquilina u saħansitra nistgħu ngħidu li dan il-kittieb ukoll jipprova jittratta suġġetti li, għaż-żmien li l-awtur kien qiegħed jikteb, kienu xi ftit jaħarqu. Fost dawn insemmu d-drammi **Is-Sengħa ta' l-Imħabba** u **Il-Kewkba.** F'**Is-Sengħa ta' l-Imħabba**, l-awtur joħloq kwadru tal-ħajja ta' żagħżugħ modern li jittratta r-relazzjoni tiegħu mal-mara bħala waħda superfiċjali. Infatti Ġorġ, il-protagonista, ma jagħrafx jieħu ħsieb martu, iħalliha tmur fil-kumpanija ta' rġiel oħra bil-konsegwenza li ż-żwieġ ifalli u l-familja titħarbat. Din it-tema li tgħodd anke għal żmenijietna, ma tantx intleqgħet tajjeb meta dehret l-ewwel darba tant li qajmet kontroversja sħiħa, il-każ kien spiċċa l-qorti u l-maġistrat kien ta verdett famuż meta qal li fuq il-palk, l-awtur għandu juri biss dak li hu sabiħ!

Fit-tieni dramm tiegħu, **Il-Kewkba**, Pisani jerġa' jqiegħed lill-mara bħala ċ-ċentru tan-nisġa. Permezz tal-karattru ta' Vera u ta' żewġha Renato, l-awtur jipprotesta kontra l-ideat xi ftit liberali ż-żejjed. Vera u Renato, koppja li tqis lilha nnifisha emanċipata, jispiċċaw biex mhux biss ikissru l-imħabba ta' bejniethom imma talli jeqirdu wkoll l-hena ta' wliedhom. Vera, moħħha fl-emanċipazzjoni tal-mara, toħroġ kandidata għall-politika u tiġi eletta membru tal-parlament. Imma fit-telfa tax-xogħol politiku tagħha hi tinsa d-dmirijiet tagħha bħala omm, u flimkien mal-ħajja libertina ta' żewġha, tikkontribwixxi għall-falliment tal-ħajja matrimonjali u tal-familja tagħha. Skond Aquilina[9], m'hemmx dubju li meta kiteb dan id-dramm, Pisani ma kienx ħabib tal-moviment li jrid l-emanċipazzjoni politika tal-mara li kenet għadha kemm akkwistat id-dritt tal-vot sentejn qabel (1947)[10] . Bħal ħafna nies konservattivi, f'din l-emanċipazzjoni Pisani kien jara l-akbar kawża ta' inkwiet fil-familja u fin-nazzjon. Imma dan kien fl-1949 u minn dak in-nhar 'l hawn ħafna ideat tbiddlu għal kollox.

L-aħħar dramm li nixtieq insemmi hawn hu **Il-Fidwa tal-Bdiewa**, kapulavur drammatiku ta' Ninu Cremona. Dan id-dramm epiku-pastorali, li jimxi ħafna fuq xeħta Klassika-Romantika, jiġbor fih ġrajja ta' tbatijiet u sagrifiċċji, ta' ħila u ta' qlubija, li għaddew minnha niesna meta kienu taħt il-ħakma ta' sidien fewdatarji Spanjoli.

Fih Cremona bena l-ġrajja ta' Monroj u l-ġlieda għall-ħelsien ta' artna u l-akkwist tal-"Magna Carta" mir-Re Alfonsu ta' Aragona. F'dan id-dramm, għalhekk, l-element partijottiku jinħass qawwi. Nistgħu ngħidu li dan hu dramm ta' ġieħ nazzjonali għax jirrakkonta ġrajja ta' mħabba u ta' qlubija tal-poplu u ta' Malta.

Dan id-dramm epiku għandu bħala ċentru tiegħu tfajla, Rosi. Din it-tfajla mhix biss il-protagonista tad-dramm, imma bħalma semmejt aktar 'il fuq meta kont qed nitkellem dwar il-poeżija romantika, hi wkoll is-simbolu tan-nazzjon, ta' Malta. Infatti Rożi hi, bla ebda dubju, il-karattru prinċipali tad-dramm. Fuqha jiddependu l-personaġġi l-oħra, u l-patrijottiżmu tagħha jorbot tajjeb ma' l-iżvilupp u n-nisġa ta' dan id-dramm. Rożi tiġbor fiha karattru nobbli. Hi għandha l-karatteristiċi ta' dak kollu li hu tajjeb u sabiħ fit-tfajla Maltija. Cremona jpinġihielna bħala raħlija b'karattru twajjeb u li taf tħobb. L-imħabba tagħha għal Pietru l-Baħħari, bħal ma jitlob l-istil Romantiku, hi safja u sabiħa. Hi lesta li tibqa' tħobb sa l-aħħar anke jekk taf li se tbati. Hi mara bieżla u ħawtiela, u tistinka biex id-dota tagħha tfaddalha hi bl-għaraq ta' ġbinha. Infatti l-quċċata tal-patrijottiżmu ta' dan il-karattru jintlaħaq fit-tieni taqsima, meta Rożi tagħti dak kollu li kienet faddlet għall-fidwa ta' Malta:

> Jien niżżik ħajr, ja ġhież, għaraq ta' ġbini
> għax ridt illum tħalli dar ommi għal kollox
> imżewwaq f'lewnek bħal farfett tittajjar
> 'l bogħod mis-sieħeb li stenniek dal-għodu
> *biex tħammar fuqi libsa ta' l-imħabba.*[11]

Il-karattru ta' din it-tfajla, l-imħabba tagħha għal Pietru, is-sagrifiċċji kbar għal pajjiżha, flimkien mal-ħtif tagħha mis-sidien barranin, Don Carlos u Don Josè, u fl-aħħar il-ħelsien tagħha minn Pietru, m'huma xejn ħlief allegorija nazzjonali. Infatti Rożi hi Malta, Malta maħkuma mill-barranin, Malta batuta u sfruttata, Malta xewqana għall-indipendenza u l-ħelsien politiku. U l-mod li bih Cremona jagħlaq id-dramm tiegħu juri biċ-ċar ix-xewqa kbira li dan il-kittieb kellu għall-ħelsien ta' art twelidu. Din ix-xewqa tidher fl-aħħar kelmiet tad-dramm, waqt li Pietru joffri lit-tfajla ta' mħabbtu bħala simbolu tar-rahan ta' art tewlidu.

> Iftħuli l-bieb, iftħuli l-bieb ja bdiewa,
> hawn hu seħibkom, ir-Rebbieħ tal-Għadu
> *wasal bir-Rahan tal-Fidwa tagħkom bdiewa!*[12]

Karattru femminili li joffri kuntrast ma' Rożi hu dawk ta' Xandra mart Pedro. Din kienet mara mill-agħar, ħaxixa ħażina. Kellha lsien ta' lifgħa, li bih kienet tniggeż u taqla' l-inkwiet u li bih tgħidx kemm għamlet ħsara lil gżiritha u lil niesha. Fi ftit kliem, Xandra hi l-antitesi tal-karattru tal-protagonista u, waqt li waħda ssib is-suċċess fil-kisba tal-ħelsien fl-aħħar tad-dramm, l-oħra tagħlaq il-ġrajja ddisprata.

Dan id-dramm, barra l-ġrajja patrijottika tiegħu, joffri wkoll tagħrif folkloristiku marbut man-nisa tagħna ta' l-imgħoddi. Cremona, li kien folklorista kbir[13], jieħu din l-okkażjoni ħalli jgħaddilna dan it-tagħrif dwar

ħwejjeġ, tisjir, għerusija, rigali u t-tieġ tal-Maltin ta' dari. **Il-Fidwa tal-Bdiewa** hu dramm pastorali u għalhekk hawn Cremona sab kamp wiesa' li fih seta' juri d-drawwiet tal-bdiewa u n-nisa tagħhom, drawwiet li ħafna minnhom intemmu maż-żmien.

## Il-Mara fir-Rumanz

Ġeneru ieħor li fih il-mara tidher bħala protagonista hu l-ġeneru tar-rumanz. Ir-rumanz bil-Malti għandu tliet tipi prinċipali: dak storiku, li t-tema tiegħu ddur fuq ġrajja storika ta' art twelidna u li fiha missirijietna kienu għamlu ġieħ għalihom u għalina; dak soċjo-realistiku, li fih il-kittieb jipprova jagħti deħra kemm jista' jkun realistika tas-soċjetà kontemporanja; u dak psikologiku li fih l-awtur jistħarreġ il-komportament ta' karattru protagonista f'konfront mar-realtà tad-dinja ta' madwaru. Ir-rumanz storiku-romantiku Malti hu qadim ħafna. Nistgħu ngħidu li hu l-ewwel ġeneru letterarju bil-Malti li qabad l-art. Dan it-tip ta' rumanz, li kien influwenzat mir-rumanz Taljan ta' l-istess stil u epoka, jaf il-bidu tiegħu bil-Malti lil Antonio Emanuele Caruana bil-ktieb tiegħu **Inez Farruġ**. Dak Għawdxi ma tantx dam ma wasal warajh. Infatti ftit snin biss wara Caruana, Mons Luigi Vella tana sensiela ta' rumanzi qosra, fosthom **Ferdinandu Montagnes** (1896) **Bernardo Dupuò** (1898), **Nikol Abdul** (1901) u **Isolda** (1902).

Fil-każ tar-rumanz storiku, naraw li n-nisġa aktarx timxi fuq il-linji li juża Cremona fid-dramm tiegħu **Il-Fidwa tal-Bdiewa**, li tkellimt dwaru aktar 'il fuq. F'dan it-tip ta' rumanz it-tifla jew il-mara Maltija spiss ikollha rwol ċentrali. Madankollu din aktar hi karattru passiv milli attiv. Fi kliem ieħor, għalkemm l-istorja hi bbażata fuqha tant li n-nisġa mingħajrha tisfa fix-xejn, it-tfajla hi karattru-oġġett. Billi l-karattri rġiel fl-istorja aktarx li nsibuhom f'żewi kampi separati u opposti, it-tfajla se tkun l-oġġett ta' kontestazzjoni bejn it-tnejn. Ħafna drabi, l-irġiel li se jiġġieldu għat-tfajla jkunu tnejn: wieħed Malti u l-ieħor barrani. Ir-rumanzier ipinġi lill-Malti bħala bniedem li fiżikament u moralment hu tajjeb ħafna, anġlu, waqt li l-barrani hu xitan.

In-nisġa ta' l-istorja wkoll hi waħda komuni għal dan it-tip ta' rumanz. Fiha nsibu li l-barrani jitfa' għajnejh fuq it-tfajla Maltija, il-maħbuba tal-Malti. Minħabba l-awtorità u l-prepotenza tiegħu dan il-barrani jippretendi li t-tfajla Maltija għandha tkun tiegħu, mhux għax iħobbha imma għax tappartjeni lilu bi dritt, bħala ħakkiem jew għax jaqbillu. Il-Malti jipprova jiddefendiha u jiġġieled għaliha bil-mezzi kollha li għandu għad-dispożizzjoni tiegħu. Imma għall-ewwel kollox imur ħażin. Hu jisfa maħqur, waqt li t-tfajla aktarx li tispiċċa mġiegħla titgħarras lill-barrani kontra l-volontà tagħha. Imma meta kollox jibda jidher li hu mitluf, meta qalb il-qarrej tkun ingħasret flimkien ma' dik tal-protagonisti, u ma jkun baqa' l-ebda tama li s-sitwazzjoni tinbidel,

naraw lill-kittieb joħloq xi inċident li bih jaqleb is-sitwazzjoni ta' taħt fuq. Permezz ta' "Deus ex Machina", il-ħażin jieħu l-kastig li jkun ħaqqu waqt li t-tajjeb, il-Malti, jieħu l-premju tat-tbatijiet li jkun sofra - billi jieħu lit-tfajla Maltija bħala martu.

F'dan it-tip ta' rumanz, li jidher li hu influwenzat ħafna mir-rumanz Taljan **I Promessi Sposi** ta' Alessandro Manzoni, it-tfajla għandha rwol ieħor x' taqdi, rwol aktarx moħbi f'forma ta' allegorija. Infatti jekk il-qarrej jirrifletti ftit fuq l-istorja, malajr jinduna li t-tfajla Maltija hi tfajla idillika, u faċilment tista' tirrappreżenta lil Malta. Din l-idea, li diġà ltqajna magħha fil-poeżija tradizzjonalista u fid-dramm ta' Cremona, terġa' titfaċċa hawn. Il-barrani mhu ħadd ħlief il-ħakkiem li matul is-sekli ħa pussess ta' gżiritna għall-iskopiijiet strateġiċi u militari tiegħu. Il-Malti, min-naħa l-oħra, jirrappreżenta lill-poplu, poplu ħabrieki, fqir, imma magħqud. Skond il-kittieb, dan il-poplu dejjem kellu l-ħsieb li jmexxi hu lil art twelidu bħala nazzjon, dejjem kellu l-ħsieb li pajjiżu jkun indipendenti u sovran. Dan jidher fir-rumanzi ta' Luigi Vella, **Bernardo Dupuò** u **Nikol Abdul**, f'**Il-Qassis Li Rebaħ** ta' Ġorġ Scicluna u anke fir-rumanz ta' Ġużè Aquilina, **Taħt Tliet Saltniet**.

Wara dan ir-rumanz beda jitfaċċa tip ieħor ta' rumanz, dak melodrammatiku. Dan ma kienx ħlief ir-rumanz storiku-romantiku li kien neża' kważi għal kollox il-parti storika, imma li żamm il-melodrammatiċità kollha. Dan hu rumanz li, bħal ta' qablu, hu imbiegħed ħafna mir-realtà, imma li, kontra tiegħu, hu nieqes minn dak l-aspett allegoriku li jagħti lir-rumanz storiku tant importanza. Rumanzi ta' dan it-tip insibu **Isolda** ta' Mons Luigi Vella, **Beraq u Qawsalli** u **Żerniq fuq L-Għoljiet,** it-tnejn ta' Pisani, **Ommijiet u Missierijiet** u **Il-Mara li Għexet** ta' Ġorġ Scicluna u **Nokkla Sewda** ta' Mary Meylak, l-istess bħalma fuq in-naħa l-oħra tal-fliegu nsibu **Il-Qawwa ta' l-Imħabba** ta' Ġużè Bonniċi u **It-Tfajla bil-Fjur fuq Sidirha** ta' Albert M. Cassola.

Għal darba oħra, f'dan ir-rumanz nerġgħu nsibu lit-tfajla bħala protagonista. Din id-darba n-nisġa ddur fuq l-imħabba li tiltaqa' mad-diffikultajiet kollha sakemm tasal sal-quċċata tagħha fiż-żwieġ. Fl-istorja, li aktarx isseħħ f'ambjent rurali, din it-tfajla tkun tħobb ġuvni, imma l-imħabba tagħha ssib oppożizzjoni biex tilħaq il-milja tagħha. Dan l-inkwiet għandu kawżi differenti. Hekk, f'**Żerniq Fuq l-Għoljiet**, bħal fil-każ tar-rumanz **Taħt Tliet Saltniet**, insibu li hi d-differenza bejn il-klassijiet li ma tħallix lil Martin tas-Sies, li kien bidwi, jiżżewweġ lil Lina, bint il-Barunissa Petronilla Seychell. F'**Beraq u Qawsalli** nsibu li Marija tal-Hlewwa u Franġisku s-Sagħtri ma jistgħux ikunu ta' xulxin minħabba l-ġlied bejn il-familji tat-tnejn. Dan jgħodd ukoll għar-rumazett **Isolda - Imħabba ta' Bint**, ta' Mons Luigi Vella, li fih naraw l-inkwiet li jinqala' meta Elena t'Alagona ssir tħobb lil Edmondu ta' Guevara. (Hawn il-qarrejja jiftakru fid-dramm ta' Shakespeare, **Romeo and Juliet**). F'ta' l-ewwel il-parrokkjaliżmu wkoll jilgħab il-parti tiegħu biex

itellef l-għaqda bejn il-maħbubin. F' **Il-Mara li Għexet** tkun il-pesta li tbiegħed lill-ispiżjar Nikol mill-maħbuba tiegħu Olimpja waqt li f'**Ommijiet u Missirijiet**, hi l-gwerra li tagħmel l-imħabba bejn it-tabib Richard, li kien Malti, u Luċija, li kienet minn Napli, tant diffiċli.

Il-karattri ta' dawn iż-żewġ tipi ta' rumanzi huma karattri ċatti, jiġifieri l-qarrej ma jsib ebda żvilupp psikoloġiku fil-mod kif jaħsbuha jew kif jaġixxu. Min jibda abjad jispiċċa abjad u min jibda iswed jispiċċa iswed. Hadd ma jsir griż. L-istess nistgħu ngħidu f'dawk li huma karatteristiċi. Il-karattri huma jew tajbin għal kollox jew ħżiena għal kollox. U min hu tajjeb, hu tajjeb kemm moralment u kemm fiżikament, waqt li l-ħżiena huma l-oppost. It-tfajla protagonista, bħal fil-każ tal-poeżija tradizzjonalista, hi dejjem ippreżentata bħala tfajla sabiħa, kwieta, miġbura u ħabrieka:

> *"Kienet xbejba fuq tagħha, tkellmek b'għajnejha, liebsa tajjeb ukoll, b'xogħol tal-ganċ f'idejha"*[14]

Hi tfajla li, malli jkellimha xi strangier jew il-maħbub tagħha l-ewwel darba, dritt tiħmar bil-mistħija:

> "Sraqthieli int. Int kellek il-ħilla tisraqli qalbi bla ma ninduna', stqarr Nikol.
> *U Olimpja regħxet, tbiddlet, fawra telgħet għal wiċċha li f'għamża t'għajn ħmar daqs il-qroll."*[15]

Dan jgħodd kemm għall-karattru ta' Marija f'**Il-Qassis li Rebaħ**, kemm għal Lina f' **Bernardo Dupuò**, u kemm għal Olimpja f'**Il-Mara li Għexet**. Dak li għedna għall-karattri pożittivi jgħodd ukoll għall-karattri negattivi bħal Kelina tan-Niexfu f'**Beraq u Qawsalli** u Isabella, omm Alessandru Habela, f'**Taħt Tliet Saltniet**. Madankollu hu probabbli li l-ħżiena jsiru tajbin, jekk dan ikun jaqbel lill-awtur biex ir-rumanz isib it-tmien feliċi, karatteristika oħra tar-rumanz melodrammatiku. Hekk, ngħidu aħna, jiġrilha l-barunessa Petronilla, omm Lina, li bħal Ġanni l-Iswed, tindem mill-aġir tagħha, tbiddel ħajjitha u tħalli lil bintha tiżżewweġ lil Martin tas-Sies.

Preżentazzjoni differenti tidher fil-karattru ta' Pawlina f'**Taħt Tliet Saltniet**. Pawlina hija tfajla bħall-oħrajn, tajba, ġwejda, miġbura, taf tħobb, tieħu ħsieb l-interessi tal-familja, u hi mogħtija għax-xogħol. Sa hawn tidher li hi karattru passiv. Imma meta jasal il-waqt tal-prova taf taqbad l-armi wkoll biex tiġġieled kontra l-Franċiżi, flimkien ma' ħuha Ġanni u l-maħbub tagħha Alessandru. L-istess aġir jidher fl-inċident tal-Kavallier Royas. Meta dan jissikkaha u jdejjaqha hi ma tiddejjaqx tirreaġixxi u tlibbsu satal ilma.

Il-Barunessa Habela, mill-banda l-oħra, hi figura konvenzjonali u melodrammatika, l-istess bħall-barunessa Petronilla ta' Pisani. Din tirrappreżenta l-klassi nobbli u għanja li ma kinetx tħabbel rasha mill-fqir u

mill-maħqur, minn min m'għandux biex jgħix bħan-nies. Anzi hi lill-fqar u lill-ħaddiema kienet tistmerrhom u tobgħod jekk jersqu lejha. Hi karattru mkabbar bih nnifsu. Mingħaliha li għandha xi jeddijiet speċjali biex tkun fuq l-oħrajn, il-ħlejjaq "ordinarji". Aquilina jinqeda bil-karattru tagħha biex joħloq id-differenza tal-klassi u jkompli jwassal il-messaġġ tiegħu ta' ġustizzja soċjali, messaġġ li jidher ukoll fid-drammi tiegħu, kif semmejt aktar 'il fuq.

Kultant l-improbabilità fil-karatterizzazzjoni tkun tant ovvja, anke għal rumanz ta' din ix-xeħta, li l-qarrej mhux la kemm jaċċettaha. Hekk insibu l-każ ta' Għażiża u Marija f'**Nikol Abdul**. Dawn it-tnejn jilbsu ta' uffiċjali, wieħed Għarbi u l-ieħor Nisrani, bl-iskop li ma jħallux lil nieshom jiġġieldu ma' xulxin waqt il-battalja bejn in-nies ta' Ruġġieru u dawk tal-Mirilaj. L-istess insibu fir-rumanz **Bernardo Dupuò**, meta Lina tilbes ta' suldat biex tkun tista' tieħu sehem fit-taqbid kontra l-inkursuri Torok meta dawn jaħbtu għall-gżira t'Għawdex.

Fir-rumanz romantiku spiss insibu li l-mara hi meqjusa inferjuri għar-raġel, trattament pjuttost tradizzjonali. L-aktar li jidher dan hu fix-xogħlijiet ta' Pisani u kultant anke f'dawk ta' Scicluna, fejn il-mara narawha suġġetta għal dak kollu li jgħidilha żewġha. Hi tidher li tibża' ħafna minnu u meta tagħmel xi ħaġa li lilu ma togħġbux, tarah iċanfarha u jgħajjat magħha, jekk ukoll ma jintrafax għal kollox minn magħha u ma jibqax ikellimha. Ta' l-ewwel jidher meta Nikol is-Sagħtri jagħdab għal martu tant li jwerwirha bi kliem bħal:

> *"Int oqgħod bi kwietek ... Inti jaqbillek toqgħod bi kwietek u tħallini nagħmel jien. Din biċċa tiegħi u fiha nikkmanda jien, qed tifhimni, nikkmanda jien!"*[16]

Xi ħaġa simili tidher fir-rumanz **Ommijiet u Missirijiet**, meta s-Sur Karm jirrabja għall-mara tiegħu x'ħin jaraha li ma jogħġobha xejn u tinsab mitlufa wisq fuq dawk li, skond hu, huma ftietaq. Għalih in-nisa ħlief paroli m'għandhomx!

> *"Intom in-nisa xejn ma jogħġobkom. Naħseb li l-Ġenna tixbgħu wkoll; anke jekk tiltaqgħu tlieta jew erbgħa tpaċpċu minn filgħodu sa bil-lejl, jekk hemmhekk jaqa' d-dlam. In-nisa xagħarhom twil u s-sens qasir!"*[17]

Tat-tieni tidher meta Mawriz is-Sies jeħodha kontra martu Trejża għax din, kontra x-xewqa tie għu, kienet kellmet lil ħuh, Gawdenz in-Nemsi, meta Mawriz kien imsiefer l-Awstralja. Hu rrifjuta mhux biss li jiktbilha aktar ittri jew li jibagħtilha aktar flus, imma saħansitra baqa' jżomm f'qalbu anke wara li ġie lura mis-safar. U dan sempliċement għaliex ħuh indaħal għall-familja ta' Mawriz meta din sabet ruħha mingħajr kap ta' familja:

*"Jien ma nafx uliedi x'sabu u ma sabux"... "naf biss illi għal marti l-kelma tiegħi m'għadha tiswa xejn li xejn. Meta ma ratnix iktar ma' wiċċha ma baqgħetx jimportaha iktar minni u minn dak kollu li nixtieq jiena!"*[18]

Mill-banda l-oħra naraw ukoll li l-ulied bniet kienu taħt il-kontroll assolut ta' ommijiethom. Infatti dawn ma kenux jitħallew joħorġu waħedhom f'okkażjonijiet speċjali bħal f'xi festa. L-aktar li jidher li kien jinkwieta lill-omm kien li bintha tieħu l-fama ta' tfajla li tiġri u hekk taqa' fi lsien in-nies. Dan jidher kemm fir-rumanz **Il-Qassis li Rebaħ** u kemm fir-rumanz **Beraq u Qawsalli**.

*"Fl-irħula t'Għawdex il-kelma ta' l-omm għandha setgħa kbira fuq ix-xebbiet tagħha, speċjalment fejn tidħol l-imġiba u d-drawwiet tajba"*[19]

Imma mbagħad ma jidherx li dan hu l-każ ta' Lina, bint il-Barunessa Petronilla, f' **Żerniq fuq l-Għoljiet**, għax din mhux biss tkellem lil Martin is-Sies fi Strada Merkanti l-Belt, imma saħansitra tbusu fil-pubbliku, ħaġa assolutament ipprojbita u skandaluża f'rumanz ta' din ix-xeħta. Jista' jkun li dan jiġri għax Lina hi bint in-nies sinjuri tal-belt, mhix bint ir-raba', u għalhekk skond Pisani, ġejja minn kultura differenti minn dik kampanjola.

Idea tradizzjonali oħra li toħroġ mill-qari ta' dawn ir-rumanzi hi l-attitudni lejn l-ulied bniet li jkunu għadhom kemm twieldu. Infatti ħafna ġenituri kienu jkemmxu xofftejhom meta jaraw li t-tarbija li tkun għadha kemm rat id-dawl tad-dinja, tkun tifla. Dan jista' jkun minħabba l-fatt li l-ġenituri kienu jippreferu tifel li jkun jista' jagħti daqqa t'id fix-xogħol tar-raba' meta jikber. Mill-banda l-oħra, jekk it-tarbija tkun tifla, il-missier ikun irid jibda jaħsbilha għad-dota meta tiżżewweġ għax inkella "tibqa' ma' wiċċu"! Din l-idea tidher f'wieħed mid-Djalogi ta' De Soldanis, **Fuq Iż-Żwieġ ta' Tifel Bidwi**. Hi wkoll l-idea tas-sinjura Marì, omm it-tabib Richard, meta din tistaqsi lil mart binha dwar it-tarbija l-ġdida:

Marì staqsietha, "Tifel jew tifla?"
"Tifel", weġbitha.
*"Hekk ukoll xtaqt jien. L-ewwel tarbija tifel. Mhux għax il-bniet mhumiex ħelwin, imma...!*[20]

Din hi l-linja ġenerali li jimxu fuqha r-rumanzi tal-kittieba Għawdxin. Imma rumanz li jieħu xejra ftit jew wisq differenti minn dawn hu r-rumanz **Tlitt Iħbieb** ta' Joe Camilleri. Dan inkiteb meta l-awtur kellu biss ħmistax-il sena.

Nammetti li l-melodrama għadha taħkem anke fil-każ ta' dan ir-rumanz imma almenu dan il-kittieb ipprova jieħu direzzjoni ġdida. Infatti t-tfajla protagonista tar-rumaz, Yvonne, tispiċċa biex tmut u mhux biex tiżżewweġ lill-maħbub tagħha, kif is-soltu jiġri. Fl-istess ħin hi tmut biex l-għarus tagħha jkun jista' jgħix, u għalhekk din tagħha hi mewta melodrammatika fiha nnifisha. Mill-banda l-oħra, l-mod kif it-tlitt iħbieb itemmu l-ġrajja tagħhom hu interessanti ħafna. Il-ġrajja ta' l-imħabba, fil-każ tat-tliet iħbieb tispiċċa b'nota negattiva għax wieħed, Mario, ma jkollux suċċess mat-tfajla li jkun tefa' ħarstu fuqha u jiddeċiedi li jmur suldat il-Vjetnam; ta' l-ieħor, Joe, tmutlu, kif ġa semmejt; u l-aħħar wieħed, Silvio, ikollu jħalli lil art twelidu minħabba t-tfajla li għażel bħala l-għarusa tiegħu.

Barra minn hekk, Camilleri jipprova jagħti dehra kemm jista' jkun realistika tas-sitwazzjoni soċjali tal-ħajja Għawdxija ta' żmienu, dik attwali, u mhux ta' dik ta' snin ilu, li hu forsi ma jaf xejn dwarha. Hawn insibu problemi li kienu komuni fis-snin ħamsin u sittin, problemi bħall-edukazzjoni, in-nuqqas ta' xogħol u l-emigrazzjoni. Nistgħu ngħidu li dan hu rumanz li jersaq xi ftit lejn dak soċjo-realistiku, li tfaċċa fil-letteratura Maltija ma' **Leli ta' Ħaż-Żgħir** ta' Ellul Mercer. Madankollu Camilleri xorta ma jilħaqx il-livell ta' rumanziera bħal Ġużè Chetcuti u J.J. Camilleri, aktarx minħabba l-età żgħira u n-nuqqas ta'esperjenza ta' l-awtur, meta nkiteb ir-rumanz.

Dwar ir-rumanz psikoloġiku nistgħu ngħidu li f'Għawdex dan ma jeżistix. Hu hawn li wieħed jistenna l-iżvilupp jekk għandhom jinkitbu rumanzi oħra, aktar 'il quddiem. Din hi ħaġa li nawgura minn qalbi imma li għal issa tidher remota wisq.

Qabel nagħlaq ma nixtieqx ma nsemmix il-karattru femminili fin-novella Għawdxija. Fuq quddiem nett f'dan il-ġeneru letterarju, nerġgħu nsibu lil Mary Meylak, bil-ktieb tagħha **Stejjer ta' Daw' il-Gżejjer** u lil Ġorġ Pisani b' **Għoxrin Novella**. Fil-ktieb tagħha **Stejjer ta' Daw' il-Gżejjer** Meylak tieħu x-xeħta ta' rakkontatriċi. Il-kitbiet tagħha, bħal dawk ta' Pisani, jfakkruna fix-xogħlijiet bikrin ta' Pawlu Bellanti u, aktar viċin lejna, dawk ta' Ġino Muscat Azzopardi jew Ġużè Bonniċi. L-istil hu wieħed li jxaqleb lejn il-melodrama, u r-rakkont aktarx li jiżvolġi ruħu f'wieħed sempliċi bi tmiem feliċi. Il-karattri huma ftit jew wisq superfiċjali u sempliċi żżejjed, bħall-karattri-tipi tar-rumanż romantiku li għadna kemm iddiskutejana. Eżempju ta' dawn għandna **Il-Ħassiela ta' l-Għajn Il-Kbira** u **It-Tromba Ta' Birkirkara**, fejn il-protagonisti huma t-tnejn nisa. Ma tonqosx ukoll xi novella umoristika minn dawk li taf tipprovdi Meylak u li jfakkruna fix-xogħol li Temi Zammit tana fil-kotba tiegħu **Ħrejjef, Stejjer u Kitba Oħra**.

## Għeluq

Minn din il-ġirja qasira mal-letteratura Maltija li ħarġet mill-pinna tal-kittieba

Għawdxin, naraw kif din il-kitba tagħhom dejjem tat ġieħ lill-mara Għawdxija. Matul is-snin din kienet għajn ta' ispirazzjoni għal dawn il-kittieba tagħna. Rajna kif il-figura femminili dehret taħt aspetti u ġeneri letterarji differenti, u f'kull aspett u f'kull ġeneru hi kellha rwol importanti. Madankollu, donnu li llum il-letteratura Għawdxija m'għadhiex fertili. Donnu li l-għejun tal-kittieba tagħna nixfu tant li dawk l-Għawdxin li jiktbu xogħlijiet letterarji saru rari daqs iċ-ċawl. Dan irrifletta fuq fil-figura letterarja tal-Mara wkoll. Tassew, din in-nixfa letterarja ma seħħitx f'Għawdex biss, imma xorta jibqa' l-fatt li minħabba f'hekk ma nsibu ebda xogħol reċenti li fih naraw il-figura femminili ppreżentata b'mod naturali u realistiku. Ma nistgħux nibqgħu kkakkmati mar-romantiċizmu li ilu li għamel żmienu. Mela ma nistgħux nibqgħu nippreżentaw lill-mara bħalma kienet ippreżentata tletin, erbgħin sena ilu. Id-dinja tbiddlet u magħha tbiddlet il-mara. Ma' dawn it-tnejn trid tinbidel ukoll ix-xejra letterarja li għad trid toħroġ mill-gżira tat-tliet għoljiet. Il-mara fil-kuntest letterarju trid tibda tirrifletti dawn iż-żmenijiet il-ġodda billi tkun ippreżentata b'mod realistiku, bit-tajjeb u l-ħażin, bil-punti negattivi flimkien ma' dawk pożittivi. Fi ftit kliem din trid tkun il-mara li int u jien niltaqgħu magħha fil-ħajja ta' kuljum. Jekk dan jibqa' ma jsirx, inkunu nistgħu ngħidu, bla ma nkunu niżbaljaw, li l-letterattura tagħna tkun staġnat u qdiemet, jekk ma mitetx ukoll.

*Carmel C. Cachia*

## Bibliografija


Aquilina J., ***Antoloġija ta' Proża Maltija***, A.C. Aquilina & Co.,1980.

Aquilina J., ***Fit-Teatru***. A.C. Aquilina & Co., 1977

Aquilina J., ***Il-Muża Maltija***. A.C. Aquilina & Co., 1969.

Aquilina J., ***L-Ikkundannata u Drammi Oħra***. A. C. Aquilina & Co., 1969

Aquilina J., ***Taħt Tliet Saltniet***. A.C. Aquilina & Co., 19

Bezzina Ch., ***Baħar Solitarju***. A.&M. Printing Ltd, 1996.

Bezzina Ch., ***Meta Karab il-Baħar***. A.&M. Printing Ltd, 1993.

Buttigieg A., ***Qasba Mar-Riħ***. Union Press, 1979.

Cachia C., ***Mary Meylak*** *- Kittieba u l-Ewwel Poetessa Maltija*. Focus on Gozitan Personalities, 7 ta' Novembru, 1995, (esej mhux ippubblikat).

Camilleri J., ***Tlitt Iħbieb***, Union Press, 1964.

Cassola A. et al. ***Qawsalla***. Università ta' Malta, 1990

Cremona A., ***Mis-Siġra Ta' Ħajti***. Malta University Press,1970.

Cremona A., ***Il-Fidwa tal-Bdiewa***. Progress Press, 1968.

Cremona A., ***Mikiel Anton Vassalli u Żmenijietu***. Klabb Kotba Maltin, 1975.

Diacono Ġ., ***Wara Ibsen***. Melitensia Publications, Lux Press, 1972

Friggieri O., ***Ir-Ruħ Fil-Kelma***. Klabb Kotba Maltin, 1973.

Meylak J., ***Għanjiet ta' Qalbi***. Gozo Press, 1978.

Meylak M., ***Poeżija Għat-Tfal I***. Malta, 1948.

Meylak M., *Nokkla Sewda*. Empire Press, 1958.
Meylak M., *Ħrejjef Ta' Daw' il-Gżejjer*,Veritas Press,1972.
Mizzi A., *Poeżiji*. Mireva Publishings, 1993.
Pisani Ġ., *L-Għid Taż-Żgħożija*. Lux Press,1963.
Pisani Ġ., *Is-Sengħa tal-Imħabba*. Lux Press, 1948.
Pisani Ġ., *Il-Kewkba*. Lux Press, 1949.
Pisani Ġ., *Beraq u Qawsalli*, A.C. Aquilina & Co., 1976.
Pisani Ġ., *Żerniq fuq l-Għoljiet*, Interprint, 1982.
Pisani Ġ., *Għoxrin Novella*, Lux Press, 1946.
Psaila C., *Poeżiji*. Klabb Kotba Maltin, 1984.
Psaila J., *Graffiti f'Gerduf*. Publikazzjoni Bugelli,1993.
Scicluna Ġ., *Il-Mara Li Għexet*. Klabb Kotba Maltin, 1975.
Scicluna Ġ., *Il-Qassis Li Rebaħ*. Empire Press, 1970.
Scicluna Ġ., *Ommijiet u Missirijiet*. Klabb Kotba Maltin, 1978.
Vella L., *Bernardo Dupuo*, Gozo, 1901.
Vella L., *Ferdinando Montagnes*, Gozo, 1896.
Vella L., *Isolda*, Gozo, 1898.
Vella L., *Nikol Għabdul*, Gozo, 1902.
Xuereb V., *L-Odissea*. Interprint, 1989.
Zarb T.," *Mal-Fanal Hemm Ħarstek Tixgħel"- Studju Kritiku*, Grima Pub., 1992

## Noti

1 **Friggieri O.** : **Il-Mixja Poetika ta' Achille Mizzi,** *Poeżiji* 1993
2 **Mizzi A.** *Poeżiji* p.78
3 **Vassallo K.** *Tnemnim* (dedika)
4 **Friggieri O., Ninu Cremona - art u lsien,** *Ir-Ruħ fil-Kelma*,p.38
5 **Zarb T.** *Mal-Fanal Hemm Ħarstek Tixgħel ta' Oliver Friggieri* - **Studju Kritiku**. p.25
6 **Cachia C.** *Mary Meylak, Kittieba u l-Ewwel Poetessa Għawdxija*, Focus, On Gozitan Personalities, 1995. (Essay mhux ippublikat)
7 **Cachia C.** Ibid
8 **Cremona N.** *Mikiel Anton Vassalli u Żmenijietu*, p.59
9 **Aquilina Ġ.**, **Qabel il-Kummiedja** - daħla għal, *Il-Kewkba* ta' **G.Pisani,** 1949
10 **Cremona J.J.** *The Maltese Constitution and Constitutional History Since 1813*,p.47.
11 **Cremona N.** *Il-Fidwa Tal-Bdiewa*, p.81
12 **Cremona N.** *Il-Fidwa tal-Bdiewa*, p.186
13 **Friggieri O. Ninu Cremona - art u lsien,** *Ir-Ruħ fil-Kelma*, p.38.
14 **Scicluna Ġ.** *Il-Mara li Għexet*, Kap. 1, p.2
15 **Ibid.**, p.4
16 **Pisani Ġ.,** *Beraq u Qawsalli*, Kap 15, p.149.
17 **Scicluna Ġ.,** *Ommijiet u Missirijiet*, p.65.
18 **Pisani Ġ.,** *Żerniq fuq l-Għoljiet*, Kap11, p. 119.
19 **Pisani Ġ.,** *Beraq u Qawsalli*, Kap 17, p.167.
20 **Scicluna Ġ., *Ommijiet u Missirijiet***, p.89.

# 3

# Lingwa u Lingwistika

# L-Ilsien Malti fix-Xandir, fil-Ġurnali u fir-Rivisti Maltin

*Joe Flask*

Fit-13 ta' Novembru 1999, l-Akkademja tal-Malti, organizzat seminar, "Ilsien Qadim f'Millennju Ġdid", f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, il-belt Valletta. Isem tassew interessanti, li jitlob impenn. Għażilt li nieħu sehem, għaliex jiena, għalkemm nitkellem bil-Malti u ktibt għadd ta' kotba bil-Malti, qatt ma tgħallimt l-ilsien Malti li bih jiena tant kburi. Iċ-ċirkustanzi li sibt ruħi fihom sa miċ-ċokon ma għenunix u sa 22 sena, kulma kelli f'idejja, għal tlettax-il sena sħaħ, kienu żewġ kotba, *Ward ta' Qari Malti* u *Ġabra ta' Poeżiji Maltin*, li għandi ngħożż sal-lum. Forsi kienet il-prużunzjoni, iżda, aktarx li kien in-namur lejn dan l-ilsien sabiħ, li ħafna drabi jaf ikun mirqum u mexxej, li ġegħelni nistinka tul is-snin biex filwaqt li ma nirrepetix l-għeltijiet tas-soltu, nagħmel ħilti biex nitgħallem nitkellem tajjeb, nikteb u nesprimi ruħi mill-aħjar li nista'. Persważ, li għad baqagħli, u żgur li għadni ma lħaqtx il-milja tat-tħaddim veru tal-maħbub ilsien pajjiżi.

Wara din il-premessa li ħassejtni fid-dover li nagħmel, anki b'sens ta' ġustizzja lejkom il-qarrejjea u lejn sħabi l-ġurnalisti, xandara u tal-karta stampata, ippermettuli nerġa' nagħmel riferenza għas-seminar tal-bidu. Il-president tal-lum ta' l-Akkademja tal-Malti, Dr Charles Briffa ġabar dak kollu li ntqal u ġie suġġerit waqt is-seminar, fi ktejjeb bl-isem ta' *Ilsien Qadim f'Millennju Ġdid*, li minnu nixtieq nislet paragrafu li laqatni ferm: "L-ilsien huwa l-aqwa teżor li fih hemm maħżuna l-memorja kollettiva tat-tiġrib ta' ġensna. Għandha tkun l-isbaħ sfida għalina li fuq l-għatba tal-millennju l-ġdid mhux biss nagħmlu l-att tal-fidi f'dan l-ilsien imma nistinkaw biex dan dejjem iżjed jixxettel u jissaħħaħ." (p.73). Dan il-kliem qalu is-Sur Achille Mizzi li kien president ta' l-Akkademja tal-Malti dik il-ħabta. Kliem meqjus u fi'waqtu li bilfors iġegħlek taħseb u tirrifletti li bil-kliem biss ma naslux biex ilsienna "jkun dejjem iżjed l-aqwa mezz biex iseddaq l-identità tagħna."

Personalment ma skantajt xejn meta f'dak l-istess seminar saru diversi kummenti (forsi aħjar użajt il-kelma attakki, jew le!) fuq l-użu tal-Malti fil-ġurnaliżmu Malti kemm tax-xandir kif ukoll tal-karta stampata. Filfatt, kemm

meta jsiru attivitajiet ta' din ix-xorta kif ukoll meta jsiru diskorsi u/jew jinkitbu ittri inkella artikli sħaħ fuq l-użu ħażin ta' l-ilsien Malti, il-vittmi aktarx li jkunu dejjem il-ġurnalisti. Mhux se noqgħod nirritalja billi ngħid li hawn kittieba li jagħmlu żbalji ħoxnin u jużaw ħażin il-Malti kemm f'dik li hija etimoloġija, grammatika u sintassi. U xi ngħidu mbagħad għall-kostruzzjoni tas-sentenzi jew tal-frażi? Imma jkolli nammetti li ħafna minna l-ġurnalisti ma nitkellmux u ma niktbux Malti tajjeb. Fl-opinjoni tiegħi dan jiddependi minn fatturi varji u minn ċirkustamnzi differenti.

Jiena naqbel ma' dak li qal fis-seminar is-Sur Achille Mizzi: "illum ħafna xandara għandhom Malti ħażin, donnhom jintgħażlu mingħajr kriterji għax ma jafux ir-regoli tal-Malti sewwa." (p. 68) Anki jekk forsi kellu jestendi l-ilment tiegħu għall-ġurnalisti kollha. Imma qabel kollox għandna nistaqsu għalfejn qed jiġri hekk? Fejn hi l-imma? Kif jista' jkun li mill-Università joħroġ gradwat fil-Komunikazzjoni u ma jafx jitkellem, jikteb bil-Malti u bilkemm jaqra bil-Malti? Sewwa qalu Dr Manwel Mifsud u l-Professur Oliver Friggieri: "l-awtoritajiet għandhom jistabilixxu kriterji għall-għażla tal-ġurnalisti." U jiena nżid, irid ikun hemm tħejjija tajba u mhux nidħku bl-istudenti billi ngħidulhom: biżżejjed tkun taf fl-Ingliż biex taħdem fil-qasam tal-ġurnaliżmu *(sic!)*. Dawn x'ideat huma? Kif qatt nistgħu nkunu tassew professjonisti jekk lanqas biss ikollna l-bażi fuqiex naħdmu. Veru wkoll li t-tħaddim tal-Malti fil-ġurnaliżmu ma titgħallmux fuq il-bank ta' l-iskola jew fl-Università, imma t-tħejjija żgur li hija meħtieġa. Mill-banda l-oħra jiena konvint li l-kriżi li għandna fl-ilsien Malti fil-ġurnaliżmu m'hijiex tant problema tal-ġurnalisti li dan il-qasam huwa ħobżhom, imma tal-għadd bla qies ta' persuni li jsejħu lilhom infushom ġurnalisti għax xi drabi (u sfortunatament ġieli regolarment) jieħdu sehem f'xi programmi fuq il-mezzi tax-xandir jew jiktbu artikli f'xi ġurnali. Għalhekk inħoss li jekk inħarsu sew madwarna dlonk nintebħu li għandna kriżi mal-pajjiż kollu f'setturi differenti. Nintebħu li m'hijiex biss problema tal-Malti imma wkoll ta' l-Ingliż u żgur ta' ilsna oħrajn, jekk mhux ukoll ta' identità. Ta' dan min jaħti? Jekk jogħġobkom ħalluni neżamina ftit is-sitwazzjoni, mingħajr ma naħrab mis-suġġett jew forsi taħsbu li rrid naljenakom.

Jiena naħseb li mhux biss m'għandniex iktar ġurnalisti li jafu jiktbu u jesprimu ruħhom bil-Malti sewwa, imma konvint, bħal f'diversi kategoriji oħra, li m'għandniex iktar ġurnalisti tajbin. Għaliex? Sempliċi ħafna. Mill-klassijiet iż-żgħar neħħejna dak kollu li matul is-snin seta' b'xi mod jew ieħor jistimula l-ħsieb: il-fantasija. L-għażliet skolastiċi li jsiru ma baqgħux b'sens iżda għall-konvenjenza. Mela allura kif nistgħu nippretendu li nrawmu ġurnalisti tajbin mingħajr qari, mingħajr studju ta' l-Istorja, tal-Ġografija, tal-Letteratura, tal-Kultura artistika, soċjali, ekonomika u anki politika. Kif nistgħu nippretendu li wara li ġegħelna lil dak li jkun iwarrab kollox, wara ħafna snin, mingħajr bażi ta' xejn, jerġa' jistudjah, Il-ġenerazzjoni tiegħi u dik immedjatament warajja, qed nirreferi għaż-żmien ta' bejn is-snin erbgħin sa

tard fis-snin ħamsin, fil-maġġoranza tagħna kellna fantasija fertili li kienet tissarraf ħafna drabi fil-kuxjenza tal-ħajja. It-tfal ta' bejn it-8 u l-14-il sena kienet tegħlibhom il-kurżità, kellhom diversi xewqat, forsi wkoll l-ewwel tentazzjonijiet sesswali. Il-fantasija kienet tiggarantilna taħt ċerti aspetti, li naġixxu b'mod responsabbli, aktarx matur, fin-namur per eżempju, fil-mod kif inħarsu lejn is-sess, fl-imġiba tagħna fid-dar u mal-ħbieb, għaliex il-kuxjenza tagħna kienet kontinwament imqanqla, kważi, nistgħu ngħidu li konna nitgħallmu a spejjeż tagħna, b'esperjenzi forsi qarsa ħafna, Iżda li għenuna nikbru u niffaċċjaw l-isfidi tal-ħajja b'kuraġġ u determinazzjoni.

F'dawn l-aħħar snin il-fantasija nħonqot mill-istess mezzi moderni li nqisu bħas-sinjali tal-progress: it-televiżjoni li jaf ikun mezz aljenanti ferm, mhux edukattiv, fieragħ, il-*videogames* li kontinwament u b'mod li jgħajjuhom jibbumbardjaw il-moħħ ta' l-adolexxenti u taż-żgħażagħ tal-lum; films u kotba bla sens, bla skop, vojta kemm tal-biża' kif ukoll tad-daħk. Għalhekk m'għandniex għalfejn niskantaw jekk żagħżugħ (għalija minn 14 sa 18-il sena) li ma jafx iktar x'inhi jew xi tfisser ir-realtà tal-fantasija, faċilment iħoss ruħu mitluf anki fuq ħaġa tant sabiħa bħalma hija l-ewwel xrara ta' l-imħabba. Ma jafux x'se jaqbdu jagħmlu, kif se jġibu ruħhom. Kull element uman tal-ħajja għalihom huwa misteru. Forsi, f'dan il-qasam it-tfajliet huma ferm aħjar mill-ġuvintur, imma dan aktarx li huwa dovut għall-istint naturali.

L-istess jgħodd, ħafna drabi, għar-relazzjonijiet li llum l-adolexxenti u ż-żgħażagħ għandhom mal-ġenituri tagħhom, speċjalment jekk huma stess mgħobbijin bi problemi ta' kull tip bħal pressjoni u ħinijiet twal ta' xogħol jew każi ta' separazzjoni u firda. Il-fondoq, l-abbiss li nħoloq hemm f'moħħhom minħabba nuqqas kbir ta' fantasija jġiegħel lill-adolexxenti u liż-żgħażagħ jgħixu ħajja gidba u jagħmlu minn kollox biex jissaportu lil xulxin. Il-porblema tikber malli tintemm l-età tal-*videogames*, tal-*playstation* u l-*overdose* ta' ħafna u ħafna *gadgets* oħrajn li jagħmlu parti sħiħa mill-ħajja "moderna u progressiva". Hekk kif isibu saqajhom ma' l-art dlonk jintebħu li taħthom hemm biss il-baħħ, il-vojt terribbli li ma jafux assolutament kif se jimlew. Il-ġenituri għalihom isiru ostaklu u ġieli rivali li ma jafuhomx, u xi drabi wkoll kompetituri. F'livell ta' skola għolja mhux l-ewwel darba li s-sitwazzjoni tkompli tikkumplika ruħha bl-iskuża tat-tagħlim teknoloġiku u avvanzat, kompjuterizzat: "u jekk tridu tkunu tafu iktar fitxu fuq l-internet!?!" Tassew parir tajjeb! U xi ngħidu meta jintużaw l-għadd kbir ta' CD-ROM bħala l-bażi ewlenija għat-tagħrif jew tagħlim u għall-istudju? Kollha mezzi li jekk ma jiġux użati tajjeb ikomplu jżommu liż-żgħażagħ tagħna f'dak l-istat ta' ipnożi li daħlu fih meta kienu iżgħar. Spiss, jiddependi mill-għalliem jew mil-*lecturer*, aktar u aktar meta l-istudneti jkollhom ta' bilfors jisimgħu u jibilgħu bla ma jifhmu għaliex realtajiet kulturali differenti għal kollox mill-mod ta' kif jaħsbu jew li qed jgħixu huma llum. Jingħatalhom tagħrif żejjed fuq kulturi ta' l-imgħoddi mbiegħed, tal-qadim minflok, forsi, riflessjonijiet ta' kif l-imgħoddi u l-qadim jista' jkun rifless fil-ħajja attwali, u mqabbel mal-

preżent. Kulħadd, forsi jiena wkoll, jaf jippontifika, jgħid, ilablab fil-vojt, meta fil-fatt l-adolexxenti u ż-żagħżugħ tagħna jridu biċ-ċar, u jixtiequ ħafna, isiru jafu aktar fuqna l-adulti, ir-reazzjonijiet tagħna, il-ħsibijiet, il-prinċipji u l-għanijiet veri tagħna.

Għażiż qarrej, nistħajlek qed tmejjel rasek u tagħti b'idek jew, forsi, tħokk rasek u tistaqsini, imma dan x'għandu x'jaqsam? Għalfjen din is-saħna kollha? Ippermettili ngħidlek: għandu x'jaqsam u kif! Għaliex huwa minħabba f'dan li għadni kemm ktibt li m'għadx għandna ġurnalisti tajbin, anki fl-ilsien Malti. Forsi, ma ridtx ngħid hekk eżattament, imma għalhekk, għalija, is-Sur Mizzi kien korrett meta għamel dik l-istqarrija fuq ix-xandara u l-ġurnalisti. Jiena ma qgħadtx infettaq u nispeċifika l-iżbalji li jsiru, li jinkitbu, li jingħadu għaliex, u hawn ma nixtieqx ninftiehem ħażin, għaliha, l-aqwa li min jisma' u min jaqra jifhem. Il-grammatika, is-sintassi u ħwejjeġ oħra jistgħu jiġu rrimedjati permezz ta' korsijiet intensi, billi l-ġurnalisti jkunu umli u jaċċettaw u jimplimentaw il-korrezzjonijiet. Jien nżid ukoll li l-Akkademja tal-Malti għandha taħdem bis-sħiħ biex fl-ilsien Malti tinħoloq lingwa b'bixra ġurnalistika, jiġifieri, Malti iktar popolari li jifhmu kulħadd b'regoli fissi u determinati minn qabel minn persuni li jifhmu u jkunu midħla tal-qasam ġurnalistiku. Importanti mbagħad li dawn ir-regoli jiġu adottati u rrispetati minn kulħadd, mingħajr ebda distinzjoni.

Fl-istess ħin, intenni dak li għedt fis-seminar li rridu niddistingwu bejn "il-ġurnaliżmu mgħaġġel ta' l-aħbarijiet (li x'aktarx jinqeda bl-ewwel forom lingwistiċi li jiġu f'moħħ il-kittieba, ukoll meta jkunu maqlubin kelma b'kelma mill-Ingliż) u ġurnaliżmu mirqum f'artikli ta' interess (li ġeneralment ikollhom Malti wisq aħjar)". (p.68) Jiena naqbel perfettament ma' dak li stqarr Dr Manwel Mifsud li l-ġurnalist spiss ikollu jħabbat wiċċu ma' bosta kunċetti ġodda u jrid jara kif jgħaddihom lill-pubbliku fl-iqsar ħin possibbli. Għalhekk huwa ssuġġerixxa wkoll li jsir studju kontemporanju (u joħroġ għad-dawl) fuq l-influwenza tal-mezzi tax-xandir fuq l-użu tal-lingwa.

Nikkonkludi billi nirreferi għad-Dokument Konsultattiv maħruġ mill-Awtorità tax-Xandir fuq l-użu ta' l-Ilsien Malti mix-xandara. Nixtieq nagħmel tiegħi paragrafu minn dan id-dokument: "*In England, the BBC had acquired so much fame in this sector that BBC English is cited as the main example of how English should be spoken, not only broadcasters but by everybody.*" Nawgura minn qalbi li aħna l-ġurnalisti, tax-xandir tal-karta stampata, nieħdu eżempju mill-istazzjon Ingliż, u filwaqt li nkunu konxji tal-ħtieġa li nkunu mħarrġa tajjeb professjonalment daqstant ieħor inkunu mħarrġa fl-ilsien Malti biex inkunu ta' xprun li nużaw aħjar u kif jixraq ilsienna, mhux biss bħala xandara/ġurnalisti imma nkunu ta' eżempju għall-poplu kollu. Jenħtieġ li nkunu konvinti minn dan iktar mill-imgħoddi għaliex illum l-ilsien Malti huwa mhedded u qed iħabbat wiċċu ma' influwenzi lingwistiċi u tgħawwiġ ieħor li ma kinux jeżistu qabel.

# Is-Sitwazzjoni Lingwistika f'Għawdex

*Carm Cachia*

20 ta' Lulju, 1992

**Daħla**

Kull lingwa tibqa' ħajja sakemm tkun kapaċi tadatta ruħha għaċ-ċirkustanzi li ssib ruħha fihom mal-mixja taż-żmien. Għalhekk kull lingwa tgħaddi minn tibdil. Ċertu kliem jinstab li qdiem, u ma baqagħlux użu, u għalhekk jitwarrab u jitbiddel. Postu jieħdu kliem ġdid. L-istess jingħad għal espressjonijiet idjomatiċi. Dan hu li jżomm lingwa ħajja, friska u li taqdi l-esiġenzi tas-soċjetà li tkun tużaha. Min-naħa tagħha, is-soċjetà li titkellimha turi l-identità tagħha biha, u għalhekk żgur li tibda tkisser din l-identità bil-mod il-mod, hekk kif tibda twarrab l-ilsien endemiku biex tbiddlu ma' wieħed internazzjonali, anke jekk dan, f'xi każi, jista' jaqdi aħjar l-esiġenzi tagħha. F'din il-kitba, jiena ser nagħti l-opinjoni tiegħi dwar il-qagħda lingwistika fil-gżira Għawdxija billi, waqt li kont niktibha, żammejt f'moħħi dawn il-punti li għadni kemm semmejt.

**Sfond Storiku**

Qabel nagħtu ħarsa lejn id-djalett Għawdxi u l-futur tiegħu, ser nagħtu ħarsa lura lejn l-istorja ta' din il-gżira. Id-differenzi li jeżistu bejn in-nies ta' Malta u dawk ta' Għawdex, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam ma' djalett, għandhom storja soċjali warajhom. Għawdex hu l-gżira ż-żgħira miż-żewġ gżejjer popolati fl-arċipelagu Malti. Għawdex ma kellu qatt port ta' kalibru jew importanza bħall-Port il-Kbir. Dawn iż-żewġ ħwejjeġ, jiġifieri id-daqs tal-popolazzjoni u n-nuqqas ta' port importanti, għamlu lil din il-gżira anqas importanti f'għajnejn il-qawwiet il-kbar li ħakmu dan il-Baħar Nofsani u li dejjem ħatfu lil Malta minħabba l-qagħda strateġika tagħha. Mal-miġja tal-Kavallieri ta' San Ġwann u l-bini tal-Belt Valletta, Għawdex kompla għadda fl-oskurità. Imma d-differenza żgur li kibret sew f'dawn l-aħħar seklu u nofs ta' ħakma Ingliża u l-bidu ta' l-industrijalizzazzjoni f'pajjiżna. Waqt li Malta saret bażi militari qawwija u ċentru kummerċjali f'waħda mill-aqwa rotot tad-dinja,

il-gżira t'Għawdex kompliet tinqata' għaliha u tingħalaq fiha nnifisha. Il-mezzi ta' komunikazzjoni bejn il-gżejjer kienu ftit u mill-agħar. Biżżejjed ngħidu li t-trasport bil-vapur bejn Malta u Għawdex beda biss mitt sena ilu waqt li t-telegrafu u l-telefon daħlu Għawdex ħafna snin wara Malta. Dan in-nuqqas ta' komunikazzjoni ħoloq barriera bejn l-iżvilupp f'Malta u dak f'Għawdex. Imma fl-istess ħin dan kien li ppreserva d-djalett Għawdxi.

Għall-aħħar tas-seklu 19 u fil-bidu tas-seklu 20, beda dieħel ammont kbir ta' kliem misluf, l-ewwel mit-Taljan u mbagħad mill-Ingliż. Dan seħħ l-aktar fin-naħat tal-Port il-Kbir u l-Belt Valletta billi dawn l-inħawi kienu l-ħolqa li tgħaqqad lil Malta mad-dinja. Fl-irħula laħaq aktar tard, kif wieħed jista' jara mid-djaletti Maltin, l-aktar mill-kliem mikellem fost l-anzjani f'dawn l-irħula[1] . L-aħħar li beda dieħal kien f'Għawdex. Mela l-industrijalizzazzjoni mwaħħra ta' dil-gżira, flimkien mal-fatt li Għawdex hu relattivament aktar agrikolu minn Malta, żammew din il-gżira marbuta mas-sengħa tal-biedja li ilha teżisti hawn minn qabel il-miġja tal-Għarab fostna.

## Varjazzjoni fit-Taħdit

Mela, waqt li Malta ħasset il-bżonn li ddaħħal numru kbir ta' kliem Rumanz u Anglo-Sassonu, f'Għawdex dan il-bżonn ma kienx tant kbir. L-Għawdxi baqa' aktar konservattiv fi kliemu, b'tendenza li llum issib kliem Semitiku (u kultant anke kliem Rumanz) użat b'ċerta regolarità, meta f'Malta m'għadux jintuża, bħal:

| | | |
|---|---|---|
| ħkimt | flok | qbadt |
| mħajjem | flok | fissud |
| tħaxxem | flok | inqaras |
| xenxel | flok | ġibed ix-xagħar |
| xenxul | flok | għanqud (għeneb) |
| jonfod | flok | ilaħlaħ |
| jgħellmu (minn għelm) | flok | jimmarkah |
| ġakkijiet | flok | boċċi |
| gurxin | flok | furkettun |
| għakrux | flok | bebbuxu |
| qabru (qubru) | flok | granċ |
| bejt | flok | dar |
| nixlik | flok | nugżak |

(Dawn l-aħħar tnejn iltqajt magħhom fiż-Żebbuġ biss.)

Teżisti wkoll xi differenza fl-ismijiet ta' l-għasafar u tajr tal-passa li jżuru gżiritna matul is-sena. Fost dawn insibu **ċuċċarda** flok **kuċċarda**, **pinniċċiera** flok **daqquqa** u **sekonda** flok **birwina**.

Imbagħad insibu differenzi lessikali fi kliem li ġej mir-Rumanz. Dan hu kliem li jintuża Malta u ma jintużax Għawdex jew il-kontra, jew li f'Malta jkollu tifsira differenti. Hekk niltaqgħu ma' dawn il-kelmiet:

| | |
|---|---|
| Għawdex | Malta |
| skritt | pitazz |
| boxxla | antiporta |
| xerbitelli | ċekċik (*meta l-kelma tirreferi għal tiżjin*) |
| trampi | kummiedji |
| kaxxa tat-taraġ | tromba tat-taraġ |
| ċombini | labar ta' l-inxir. |

Il-kelma **trampa** tintuża fil-frażi: ***jaqta' trampa*** meta l-Malti jrid jgħid: ***jagħmel kummiedja***. (ta' min jinnota l-verb li jakkompanja n-nom fiż-żewġ każi). Il-kelma **ftira** f'Għawdex tixbah ħafna lill-pizza waqt li f'Malta hi ħobża bla ħmira ta' għamla ċatta.

Barra minn dawn insibu wkoll differenzi fit-tlissin ta' l-istess lessemi fuq livell fonemiku, fis-sens li nsibu żewġ jew aktar allofonijiet għall-istess fonema, kif se naraw minn dawn il-ftit eżempji:

| **D.Għ.** | | **M. S.** |
|---|---|---|
| /waqoit/ | għal | /waqait/ |
| /bait/ (Xagħra) | għal | /beit/ |
| /tibin/ | għal | /tiben/ |
| /wurze:q/ | għal | /werżieq/ |
| /ru:ġul/ | għal | /ra:ġel/ |
| /mena/ | għal | /mela/ |

Jeżistu wkoll differenzi fit-tlissin tal-fonemi **/u/** u **/i/**, li fid-djalett Għawdxi, f'ċerti każi, jieħdu t-tul vokaliku. [2]

| | | | |
|---|---|---|---|
| Hekk: | /ottubru/ | issir | /ottu:bru/ |
| | /knisja/ issir | /kniesja/ | |

Imbagħad fejn jidħol is-suffiss **/ija/** dan aktarx jingħad aktar maħtuf bħal fil-każijiet:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| /maltija/ | issir | /maltia/ | | |
| | | /pulitsija/ | issir | /pulitsia/ |
| | | /gallarija/ | issir | /gallaria/ |

Din id-differenza tidher l-aktar fost l-istudenti Għawdxin li jsibuha diffiċli jiddistingwu bejn il-kelmiet ċ**fija**' (*in me*) u ċ**fiha**' (*in her*)

Hawn ta' min isemmi wkoll il-pronunzja ta' ħafna mill-ismijiet tradizzjonalment Maltin. Ħafna minn dawn jinbidlu fil-pronunzja, l-aktar fil-pronunzja tal-fonemi vokaliċi. Dawn jew jinbidlu ma' fonemi vokaliċi oħra jew jinbidlu f'fonemi dittongali. Ara dawn l-eżempji li ġejjin:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Ġann | issir | Ġonn | jew | Ġannuj |
| Tonina | issir | Tunujn jew | Tunine | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Karmenu | issir | Kermien | jew | Korm | jew | Karmnu |
| Feliċ | issir | Filejċ | | | | |
| Kolina | issir | Kulujn jew | Kuline | | | |
| Ġużepp | issir | Ġiws | jew | Ġiżepp | jew | Ġiżeppej |
| Marija | issir | Maruj | jew | Marije | | |

F'Għawdex niltaqgħu wkoll ma' l-użu tal-plural Semitiku għal xi kliem Rumanz li f'Malta għandu desinenzi tal-plural Rumanz. Eżempji għandna:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| karozza | **D. Għ.** | krarez /kruruz | **M.S.** | karozzi |
| purtiera | **D. Għ.** | prieter (Nadur) | **M.S.** | purtieri |
| torta | **D. Għ.** | torot | **M.S.** | torti |
| verdun | **D. Għ.** | vrieden | **M.S.** | verduni |

L-ewwel żewġ eżempji, aktar ma jmur, aktar qegħdin jonqsu u kważi sparixxew għal kollox.

Fl-aħħar nett ngħaddu għall-użu idjomatiku. Hawn jeżistu xi differenzi wkoll, żgħar imma ta' min jagħti kashom, bħal:

| | | |
|---|---|---|
| D.Għ. *Għamel il-ħin* | flok | M.S. *Sar il-ħin* |
| *Mort naqta' x-xagħar* | flok | *Mort naqta' xagħri*[3] |

Ma' dawn nixtieq ninkludi l-espressjoni Għawdxija "ħabib" bħal fil-każ:

"**Tipparkjax hawn, ħabib**",
meta l-Malti jgħidlek:

"**Tipparkjax hawn, sieħbi**.";
u n-nuqqas ta' l-espressjoni Maltija **"hu"** li f'Malta hi tant komuni, bħal fil-każ:
- Kemm xtrajt?
- Xtrajt sitta, hu!

## Il-Malti Standard f'Għawdex

Hawn ta' min jistaqsi jekk il-Malti Standard jeżistix f'Għawdex jew le, u jekk jeżisti, min jużah u għaliex. Qabel xejn ejja naraw x'inhu l-Malti Standard. Skond A. Borg, il-Malti Standard hu r-riżultat ta' fattur soċjali :

> *Presumably a section of the population, possibly concentrated in certain urbanised areas, was, at a certain relatively late stage of our history, perceived as a model by the rest of the inhabitants with the consequent attempt on the part of the latter, to emulate the way of life*

*of the former, including their way of speaking, probably also in the hope of a share in some of the perceived benefits the elite group were seen to enjoy.*[4]

Mela l-Malti Standard nistgħu ngħidu li hu d-djalett tan-nies tal-Belt jew ta' l-inħawi madwar il-Port il-Kbir u Marsamxett, l-aktar Tas-Sliema, fejn għexu nies ta' l-ogħla klassi tal-gżira għal dawn l-aħħar mitt sena. In-nies ta' l-inħawi l-oħra u li għandhom djalett għalihom, bdew jikkupjawhom biex ma jħossuhomx inferjuri.

Issa, kif naraha jien, f'Għawdex insibu erba' tipi ta' nies li jitkellmu dan id-djalett li sar Malti Standard. Għall-ewwel tip jappartjenu dawk li dejjem tkellmu b'dan il-mod. Għalihom dik minn dejjem kienet l-ewwel lingwa. Minn dawn il-persuni ftit issib u x'aktarx li dawn jappartjenu lill-klass l-għolja tal-gżira jew huma wlied ġenituri Maltin li sabu ruħhom Għawdex minħabba raġunijiet diversi, però mhux minħabba żwieġ (eż. bin familja kompletament Maltija li sabet ruħha Għawdex minħabba x-xogħol tal-missier). Il-Malti Standard ta' dawn hu perfett, fis-sens li ma jinstab ebda ħjiel ta' l-iċken aċċent djalettali f'diskorshom. Dawn in-nies jagħmlu użu minn kliem bħal:

| | | |
|---|---|---|
| Ewropow | flok | Ewropew |
| ħlow | flok | ħlew |
| ġow | flok | ġew |
| żvolgow | flok | żvolġew |
| daka | flok | dak |
| dina | flok | din |
| hekka | flok | hekk |

Ħafna drabi dawn in-nies jagħmlu użu wkoll minn kliem taljan jew taljanizzat meta jiġu biex jesprimu dak li jridu jgħidu. Ara dawn iż-żewġ eżempji li ġejjin:

i) Dika tfajla frivola.
ii) Meta wieħed jindaga sow fil-problema, wieħed jinduna li hu problema abbastanza kompless, u kwindi jirrikjedi indaġini profonda biex ir-riżultat finali jkun wieħed sodisfaċenti.

Ma' dan il-grupp jiena ninkludi t-tieni grupp. Dan hu l-grupp professjonista. Sa ftit tas-snin ilu, il-professjonisti f'Għawdex kont tgħoddhom fuq ponot subgħajk. Barra minn hekk, dawn kienu wħud mill-ftit nies ta' skola li kienu jżommu kuntatt kontinwu ma' Malta u mad-dinja ta' l-edukazzjoni. Għalhekk, għalkemm forsi ma kenux ġejjin minn familji li jużaw il-Malti Standard, dawn tgħallmuh tant li spiċċaw jużawh esklussivament. Ħafna minn ulied dawn il-professjonisti llum jitkellmu b'Malti Standard. Mandakollu, in-numru ta' professjonisti Għawdxin, speċjalment it-tobba, illum żdied sostanzjalment u, minkejja l-livell għoli ta' skola li dawn għandhom, ma jħossuhomx differenti minn sħabhom, l-Għawdxin l-oħra. Ħafna xorta jużaw id-djalett, l-aktar xħin jiġu biex jittrattaw ma' pazjenti/klijenti b'livell baxx ta' skola. Dan juri li mhux dejjem teżisti r-rabta bejn il-Malti Standard u l-livell għoli ta' edukazzjoni.

Imbagħad insibu t-tielet grupp ta' nies li jużaw il-Malti Standard. Dan il-grupp, ukoll żgħir fin-numru, huwa dak li jużah biex jipprova jidher li għandu status soċjali għoli. Fost dawn issib nies li għandhom livell ta' skola xi ftit ogħla mil-livell medju. Però dawn ma jitkellmux il-Malti Standard regolarment. Dawn jitkellmuh ma' wliedhom u bejniethom f'okkażjonijiet formali u anqas formali. Imma huma jużaw id-djalett meta jkunu jitkellmu ma' nies li jużaw id-djalett biss, jew meta jkunu rrabjati. Il-Malti Standard ta' dawn l-Għawdxin mhux l-istess bħal ta' l-ewwel tip li diġà aċċennajt għalih, għax għalihom dan hu t-tieni varjazzjoni tal-lingwa li ġiet akkwistata tard fil-ħajja. Minkejja l-fatt li dawn jippruvaw iħallu d-djalett Għawdxi barra għal kollox, fi kliemhom jibqgħu jidhru, 'l hawn u 'l hemm, l-aċċenti fuq kliem għal '**kutra**', '**pulizija**', eċċ, li tkellimt dwarhom aktar 'il fuq. Wisq drabi dawn in-nies ma jifhmux kif il-Maltin jagħrfu li huma minn Għawdex. Dawn 'jintgħarfu' mhux mill-kliem li jużaw, imma mill-intonazzjoni u l-aċċenti tagħhom.

Fl-aħħarnett insibu lil dawk l-Għawdxin li jużaw il-Malti Standard għaliex iħossuh bżonn li jagħmlu hekk. Infiehem ruħi aħjar. Ħafna Għawdxin, biex ma ngħidx il-maġġoranza tal-ħaddiema, jagħmlu żmien relattivament twil jaħdmu Malta. Min jgħaddi sena, min tnejn, tlieta, ġieli aktar. Dawn jgħixu parti kbira minn ħajjithom mal-Maltin u għalhekk jibdew jitkellmu bil-"Malti" (M.S.) biex ma jħossuhomx inferjuri għall-ħaddiema sħabhom (l-istess kif jagħmel wieħed Malti li jitkellem bid-djalett imma li jsib ruħu jaħdem f'ambjent fejn il-Malti Standard hu predominanti). Ma ninsewx li f'pajjiżna teżisti differenza bejn l-abitanti taż-żewġ gżejjer. Il-Maltin spiss iħarsu lejn sħabhom l-Għawdxin jew b'arja ta' superjorità jew b'arja patronizzanti, bħal ma turi l-frażi li spiss tisma' f'fomm il-Maltin - "Ara, jaħasra, mela int Għawdxija?" jew il-frażi l-oħra - "Ara, l-anqas tidher li int minn Għawdex!" Imbagħad hemm il-każ ta' meta persuna tiġi introdotta ma' oħra. L-intermedjarju (Malti) jalludi għal dik Għawdxija hekk: "Dan hu s-Sur Atttard, minn Għawdex". Imma hu ma jalludix għall-post jekk il-persuna li se jintroduċi tkun Maltija: "Dan hu s-Sur Attard, Żebbuġi."

Għaldaqstant, dawn il-ħaddiema, kważi kollha ta' grad ta' skrivan jew ogħla, (u magħhom nistgħu nżidu wkoll il-ħafna studenti li qegħdin jattendu l-università), iridu jew ma jridux, iħossu l-bżonn li jitkellmu bil-Malti Standard. Imma dawn jabbandunawh malli jiġu trasferiti lejn Għawdex u jibdew jużaw id-djalett Għawdxi mill-ġdid.

Mill-kumplament, id-djalett insibuh użat fiċ-ċirkustanzi kollha l-oħra tal-ħajja Għawdxija. Meta tal-familja jitkellmu bejniethom, dawn jużaw id-djalett. Dan jintuża wkoll bejn persuni familjari f'sitwazzjonijiet informali u xi drabi anke formali - jekk l-interlokuturi huma t-tnejn Għawdxin - iżda jintuża l-Malti Standard jekk hemm terza persuna Maltija fil-grupp. Biss din l-aħħar sitwazzjoni mhix xi regola, għax jekk il-persuna Maltija tkun "aċċettata", jintuża d-djalett Għawdxi anke jekk il-Malti juża l-Malti Standard f'diskorsu. Nieħdu l-eżempju tiegħi personali, li jien Malti noqgħod Għawdex. Sikwit niltaqa' ma' kazi ta' persuni li meta jċempluli jew ikellmuni jużaw il-Malti Standard. Iżda malli nweġibhom bid-djalett, huma jaqilbu għad-djalett mill-ewwel, tant li tinħoloq arja ta' informalità.

Hawn, bla dubju ta' xejn, għandna każi ta' ***diglossia*** fejn, għal raġunijiet speċifiċi se jkollna "***code switching***" jew qlib bejn id-djalett u l-Malti Standard skond l-okkażjoni li tkun. C.A. Fergusson japplika d-*digossia* għal sitwazzjonijiet fejn:

> *The two varieties of a language exist side by side throughout the community with each having a definite role to play . . . the most familiar example is the standard language and the regional dialect.*[5]

Fergusson jiddeskrivi disa' fatturi ta' diglossia: *function, prestige, acquisition, literary heritage, standardisation, stability, grammar, lexicon, phonology.*[6] Mhux l-iskop tiegħi li nidħol fid-dettal f'din il-ħaġa. Però rrid ngħid li ħafna minn dawn il-fatturi jsibu ruħhom fid-djalett Għawdxi, speċjalment l-ewwel tnejn u l-aħħar waħda. Din is-sitwazzjnoni hi simili għal dik deskritta minn A. Camilleri fit-teżi tagħha li semmejt aktar 'l fuq[7].

**Il-Lingwi Barranin u d-Djalett Għawdxi**

Il-lingwa Maltija bħalissa tinsab ibbumbardjata minn numru kbir ta' kliem barrani li dieħel fil-gżejjer tagħna minħabba influwenzi barranin bħal ma huma t-turiżmu, it-telekomunikazzjoni, il-mikroteknoloġija u oħrajn anqas evidenti. Illum Għawdex ħareġ mill-iżolament tiegħu li semmejt fil-bidu. L-element konservattiv tiegħu qiegħed jiġbed numru kbir ta' turisti, barranin u Maltin. Dawn, barra li jinfluwenzaw b'diskorshom lill-abitanti, għandhom esiġenzi li jitolbu modernizzazzjoni rapida li forsi Għawdex mhux daqstant ippreparat għaliha. Din il-modernizzazzjoni żgur li se tħalli effett fuq id-djalett Għawdxi fil-futur.

**L-Ingliż**

U hawn hu fejn jidħol l-Ingliż. Fil-ħajja soċjali Għawdxija, l-Ingliż m'għandux dik l-importanza li għandu f'ċerti lokalitajiet f'Malta. Għalhekk ma nistgħux nikkonsidrawh bħala t-tieni lingwa f'Għawdex, u każi ta' bilingwiżmu nistgħu ngħidu li kważi ma jeżistux. F'Għawdex ma jinħassx il-bzonn li nkellmu lit-tfal tagħna bl-Ingliż jew li nużaw l-Ingliż bejnietna. It-tfal tagħna ftit li xejn jattendu skejjel fejn iridu jitkellmu bl-Ingliz bilfors jew fejn jiġu kkastigati jekk jużaw il-Malti. Għall-kuntrarju, f'ħafna każi l-għalliema jużaw id-djallett biex jesprimu ruħhom aħjar u biex joħolqu arja ta' familjarità bejnhom u bejn l-istudenti. Dan jgħodd sa fejn hu possibbli, anke għal suġġetti ta' xjenza, bħall-fiżika. Mela jeżisti *code switching* (qlib) mill-Malti għall-Ingliz, imma jeżisti aktar qlib mid-djalett għall-Malti Standard u f'ċerti każi anke mid-djalett għall-Ingliż.

F'suġġetti marbuta ma' l-iskola, speċjalment meta l-għalliem/a, jew min ikun jitkellem, isibha diffiċli biex jesprimi ruħu bil-Malti, il-kelliem spiss juża frażijiet jew sentenzi qosra bl-Ingliż. Dan x'aktarx jiġri meta l-ideat jew termini li jkun irid jispjega

aktarx li ma jkollniex kliem tekniku għalihom bil-Malti. Għalhekk il-kliem Ingliż użat f'okkażjonijiet bħal dawn ikunu assoċjati biss ma' dak li l-kelliem ikun irid ifiehem, u hu malajr jerġa' lura għall-Malti Standard jew għad-djalett, skond xi jkun juża l-interlokutur f'dik l-okkażjoni partikulari. Frażijiet qosra bl-Ingliż jintużaw ukoll bħala '*fillers*' bejn żewġ ideat. Hekk insibu li jintuża kliem bħal "*I mean*", "*Right*", "*Sorry*" u "*Wait*".

Madankollu, fil-***motherese***, jew *baby language,* (dak il-kliem li jintuża fid-diskors mat-trabi jew tfal ċkejknin ħafna) kliem Ingliz jew Ingliżizzat ħa post dak tradizzjonali Malti / Għawdxi, li jew spiċċa jew għadhom jużawh biss l-anzjani. Kliem bħal **tuttu** (żiemel), **bambu** (żarbun), **nejna** (ġbejna), **ġuġu** (ġobon), **ziza** (tiġieġa), **wuwwu** (kelb), **pejxa** (qattusa), dan kollu għeb u floku nsibu kliem bħal ***pussy*** (qattus), ***horsie*** (żiemel), ***doggie*** (kelb), u ***shoesie*** (żarbun).

Għall-kuntrarju, l-Ingliz dieħel ħafna bħala kliem missellef fejn jidħlu invenzjonijiet moderni u snajja' marbutin magħhom. Uħud minn dawn il-kelmiet huma:

i) Ismijiet ta' snajja' u kliem tekniku marbut magħhom bħal: **mekkanik**, **plamer**, **elektrixin**, **iwwajerja**, **isswiċċja**, **iffittja**
ii) Ismijiet ta' għodda bħal **spaner**, **swiċċ**, **tester**, **sokit**, **plakk(a)**, **plajers**
iii) Ismijiet ta' prodotti bħal: **fann**, **friġġ**, **kuker**, **giżer**, **vann**, **trakk**, **sink**, u issa anke **kompjuter**
iv) Kliem marbut ma' l-isports bħal **futbol**, **tenis**, **volibol**, **plejer**, **tim**, **skorja**, **ixxuttja**, **iffawlja**

F'ċerti każi dan il-kliem jieħu xeħta semitika, bħal fil-każ tal-kelma **plakka** minn ***plug***. F'każi oħra jieħu plural semitiku jew taljan bħal **flettijiet**, **swiċċijiet** u **plakek /plakki**, **vannijiet**, **fannijiet**, **trakkijiet**. Imma fil-biċċa l-kbira l-kliem Ingliż iżomm il-forma oriġinali, bil-plural b'kollox, bħal fil-każ ta' kliem bħal: **films**, **kukers** u **ħiters**.

Xi kliem Ingliz ġieli jintuża meta persuna Għawdxija, l-aktar mara, tkun tindirizza oħra li tkun Maltija:

"Ara Mary, kif int, olrajt?

Kieku Marija kienet Għawdxija , kienet tgħidilha:

"Ara, kif aħne Maruj?"

Qabel ma ngħaddi għal punt ieħor, nixtieq nagħmel referenza għal żvilupp li qiegħed jitfaċċa fi gżiritna f'dawn l-aħħar snin u li, aktar ma jmur, donnu li aktar qiegħed jiżdied - l-ulied ta' ħutna l-emigranti li qegħdin jirritornaw lejn art twelidhom. Dawn it-tfal u żgħażagħ aktarx li ġejjin minn pajjizi fejn l-Ingliż hu l-lingwa nazzjonali (bħall-Istati Uniti u l-Kanada). Għalkemm ħafna minn dawn jafu jitkellmu xi ftit bil-Malti, l-Ingliż jibqa' l-ewwel lingwa tagħhom. Dawn jitkellmu bil-Malti jew aħjar bid-djalett Għawdxi mat-tfal li għandhom il-Malti bħala l-ewwel lingwa imma fil-familji tagħhom u ma' sħabhom emigranti jużaw biss il-lingwa Ingliża. Uħud minnhom issa ilhom hawn numru ta' snin, imma xorta għadhom jippreferu jużaw l-Ingliż biex jikkomunikaw.

Madankollu, minkejja li n-numru ta' dawn mhux daqstant żgħir, dawn m'humiex se jbiddlu l-atteġġjament ta' l-Għawdxin lejn l-Ingliz għaliex (a) dawn m'humiex tant influwenti li se jbiddlu mentaltà ta' gżira sħiħa u (b) dawn għandhom tendenza li joħolqu klikek għalihom u jispiċċaw biex jitħalltu mill-inqas ma' tfal u żgħażagħ Għawdxin ta' mparhom.

## It-Taljan

Lingwa oħra li qed ikollha xi ftit ta' l-influwenza fuq id-djalett Għawdxi hija l-lingwa Taljana. Dari kliem Taljan kien komuni ħafna fil-lingwagg tal-professjonisti u ta' nies ta' skola Għawdxin, l-aktar avukati u nutara. Dan sa ċertu punt għadu sa llum, kif semmejt aktar 'il fuq.

Illum huma t-tfal li jużaw ħafna kliem Taljan. Dan hu l-effett tal-programmi televiżivi ta' l-istazzjonijiet Taljani li t-tfal isegwu għal sigħat sħaħ. Infatti waqt il-logħob tagħhom spiss tisma' frażijiet bit-taljan bħal "*Mani in alto*" jew "*Fermati o sparo*", kliem li fi tfulitna, minħabba l-influwenza ta' films Amerikani, kien ikun "*Hands up*" jew "*Reach for the Sky*". Biss naħseb li din l-influwenza Taljana hi limitata għal hekk biss għax għalkemm ħafna tfal jifhmu sew it-Taljan u ġieli kapaċi jitkellmuh ukoll ta' età żgħira, qatt ma jesprimu ruħhom bit-Taljan flok bil-Malti jew bid-djalett Għawdxi.

## Għeluq

Minkejja dan id-dħul u l-influwenzi ta' kliem barrani, naħseb li d-djalett Għawdxi ftit li xejn nistgħu ngħidu li ġie affettwat tant li se jitlef l-identità tiegħu. Biss xi tibdil hemm żgur. Biżżejjed ngħidu li d-distinzjoni bejn il-varjazzjoni tad-djalett Għawdxi qiegħda tonqos. Sa ftit snin ilu kull raħal tista' tgħid li kellu l-varjazzjoni tiegħu tad-djalett Għawdxi. Din il-varjazzojni kienet tikkonsisti minn differenzi fit-tlissin tal-fonemi sad-differenzi fit-tonalità. Ta' min isemmi l-'**r**' *rolled* tan-Nadur u tal-Għarb, l-'**għ**' imlissna taż-Żebbuġ, u '**q**' mibdula f''**k**' tax-Xewkija u partijiet tar-Rabat. Hemm id-dittong /**ei**/ mibdul f' /**ai**/ min-nies tax-Xagħra. Insibu l-kliem maħtuf fid-diskors tan-nies tan-Nadur u tal-Qala u t-tonalità mkaxkra tan-nies ta' Kerċem. Illum insibu li l-'**għ**' imlissna taż-Żebbuġ kważi nqerdet għal kollox u l-ċ**k**' tax-Xewkija qiegħda tonqos sew. Waħda mir-raġunijiet prinċipali hi t-taħlit tan-nies minn irħula differenti, minħabba xogħol, skola u kwistjoni ta' *housing*. Raġuni oħra hi din. Bħalma l-Malti tal-Belt, eċċ; sar il-Malti Standard, hekk id-djalett tar-Rabat qiegħed isir, naqra naqra, l-Għawdxi Standard. Hafna nies ta' l-irħula jippruvaw jimitaw lin-nies tar-Rabat f'diskorshom. Dan ikkonfermajtu minn żewġ studenti li għallimt dawn l-aħħar snin. Studenta miż-Żebbuġ qaltli li meta bdiet tattendi l-iskola sekondarja fir-Rabat, sħabha tal-klassi bdew jidħqu biha għax kienet isemma' l-'**għ**' f'diskorsha . Din spiċċat biex

qatgħet l-'**għ**' imlissna għal kollox minn kliemha sa meta waslet fl-iskola post-sekondarja fejn ngħallem jien. Studenta oħra mix-Xewkija ma kenitx issemma' l-'**q**' bħala '**k**'. Meta aċċennajtilha għal din il-ħaġa, ir-risposta kienet simili għall-każ preċedenti. Madankollu, f'raħal twelidha u ma' tad-dar hi kienet tuża l-'**k**' regolarment għax inkella jgħidulha "kiesħa mir-Rabat'. Dawn iż-żewġ każi juru ċar dak li għedt qabel, li ftit jew wisq il-varjazzjoni qiegħda tonqos.

Mill-banda l-oħra, li d-djalett Għawdxi jinqata' u jintemm għal kollox, biex postu jieħdu l-Malti Standard jew l-Ingliż naħseb li hi xi ħaġa 'l bogħod mir-realtà. Ir-raġuni hi, kif forsi ġa semmejt, li f'Għawdex min jitkellem bil-Malti Standard mhux la kemm jiġi aċċettat mis-soċjetà. Għawdxija. Hawn ta' min isemmi mill-ġdid l-studju ta' J. Xuereb[8] dwar il-każ ta' raġel Malti li joqgħod Għawdex, u li spicca biex telaq il-Malti Standard għad-djalett sabiex ikun jista' jinserixxi ruħu fis-soċjetà Għawdxija. Insemmi wkoll il-każ ta' tfal li fid-dar huma mdorrija jitkellmu bil-Malti Standard (uliedi), iżda li ma' sħabhom jużaw id-djalett biex iħossuhom aktar '*at ease*' fl-ambjent li jkunu.

Fl-aħħar mill-aħħar nixtieq ngħid ukoll li dawk l-Għawdxin li jirnexxilhom jegħlbu s-sens ta' inferjorità f'konfront ma' min juża l-Malti Standard, jużaw id-djalett kullimkien. Każ partikulari hu dak ta' persuna importanti fil-qasam ekkleżjastiku li ma tiddejjaq xejn tuża d-djalett fuq il-mezzi tax-Xandir jew meta tindirizza ġemgħat ta' nies.

## Ftit Riflessjonijiet

Biex nagħlaq nixtieq ngħid li biex id-djalett Għawdxi jibqa' sħiħ u ma jisfumax u jintesa, ta' min jagħti kas dawn l-osservazzjonijiet:

1. Trid tinqata' l-mentalità li min juża d-djalett hu injorant, bla skola u mhux ta' mannies. Għalhekk id-djalett għandu jkollu d-dritt li jiġi użat kullimkien, bla ebda preġudizzju jew diskriminazzjoni.
2. Trid tinqata' l-mentalità li d-djalett hu inferjuri għall-Malti Standard, speċjalment fost il-ġenituri li jużaw l-istandard biex jippruvaw jgħollu l-livell soċjali tagħhom u ta' wliedhom.
3. Ma jsirx sforz żejjed fl-użu tal-Malti Standard fil-klassi, għalkemm dan għandu l-importanza tiegħu biex l-istudenti ma jitħawdux fit-tagħlim tal-lingwa miktuba.
4. Li ssir enfasi fuq ismijiet djalettali u folkloristiċi għal triqat, postijiet pubbliċi u ħwienet lokali.
5. L-użu tad-djalett fil-ġeneri letterarji bħal ma hi l-poeżija għandu jkun inkoraġġut mil-bidu nett, meta l-istudent ikun għadu ma ġiex taħt l-influwenza tal-Malti Standard jew ta' xi djalett ieħor.

Fl-aħħarnett irrid ngħid li d-djalett hu parti mill-identità ta' Għawdex. Jekk inħalluh jispiċċa, Għawdex jitlef parti kbira minn dak li jagħmlu ġawhra f'nofs il-Mediterran.

## Biblijografija

**Borg A.** 1986. ***The Maintenance of Maltese as a language: What chances?*** Paper presented at the European Workshop of Multicultural Studies in Higher Education (Council of Europe), Strasburg.

**Camilleri A.** 1987. ***Language, Socialisation and Education in Mgarr.*** Unpublished B.Ed (Hons) dissertation, University of Malta.

**Ferguson, C. A.** 1972. ***Diglossia.*** In P.P. Giglioli (ed) ***Language and Social Context.*** Hamondsworth, England: Penguin Books Ltd.

**Xuereb J.** 1984. ***A Sociolinguistic Profile: a case study.*** Unpublished undergraduate study, University of Malta.

## Nota ta' l-Awtur

Kif turi d-data t'hawn fuq, din il-kitba saret f'Lulju ta' l-1992 biex tinqara waqt Laqgħa ta' l-Esperti dwar il-Pjanifikazzjoni Lingwistika. Din il-laqgħa kienet inżammet mill-Fondazzjoni għall-Istudji Internazzjonali fi ħdan l-Università ta' Malta flimkien mal-Fondazzjoni għall-Istudji ta' Soċjetajiet Pluralistiċi, l-Istitut tal-Lingwistika, il-Kunsill Malti għall-Moviment Ewropew u l-Akkademja tal-Malti. Il-laqgħa kienet inżammet mit-18 sal-21 ta' Lulju ta' dik is-sena u nżammet fl-Aula Magna ta' l-Università, ħlief għal sessjoni waħda li nżammet fil-Ministeru għal Għawdex, ir-Rabat. Għal-laqgħa kienu preżenti wkoll rappreżentanti minn Wales, Friesland, l-Irlanda u l-Katalunja.

Minħabba l-fatt li l-laqgħa kienet inżammet aktar minn tmien snin ilu, xi aspetti ta' din il-kitba jistgħu ma jkunux aktar relevanti għal Għawdex ta' llum.

Carm C. Cachia
18 ta' Jannar, 2001

1 Ara **Camilleri A.** ***Language, Education and Socialisation in Mgarr*** - 1987
2 Ara **Xuereb J.,** ***A Sociolinguistic Profile: a case study.*** 1984
3 Ara **Borg A.,** ***The Maintenance of Maltese as a Language*** - 1988
4 Ara **ibid.**
5 Ara: **Ferguson C.A.,** ***Diglossia*** - 1972
6 Ara: **Ibid.**
7 Ara: **Camilleri A.,** ***Language, Education and Socialisation in Mgarr*** - 1987
8 Ara **Xuereb J.,** ***A Sociolinguistic Profile: a case study.*** 1984

# 4

# Kif jaħsbuha

# Il-Malti fl-Edukazzjoni

**(Pjan imħejji minn Dr Charles Briffa fid-dawl tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali, 1999 fuq talba tal-Ministru ta' l-Edukazzjoni)**

*Inwelldu l-Ġejjieni Flimkien* (1999) jagħti prominenza t-tagħlim u t-tħaddim ta' l-Ilsien Malti f'dak li għandu x'jaqsam ma' tisħiħ tal-bilingwiżmu, żvilupp ta' sens ta' identità nazzjonali, kompetenza komunikattiva, u twettiq ta' politika ta' tagħlim tal-lingwi.

Parti essenzjali mill-edukazzjoni Maltija tiddependi fuq l-użu effettiv tal-Malti u l-ħila biex il-Malti jinftiehem tajjeb. It-tħaddim tajjeb tal-Malti, proċess li jħaddan il-mod kif nipproduċu u nirċievu l-lingwa, iservi għal bosta aspetti oħra fil-ħajja wara l-iskola. Minħabba f'hekk *Inwelldu l-Ġejjieni Flimkien* jirrakkomanda li suġġetti bħall-Istudji Soċjali, l-Istorja, ir-Reliġjon, u l-PSD jiġu mgħallma bil-Malti. Fid-dawl ta' dawn il-bżonnijiet, f'dak li għandu x'jaqsam mat-tħaddim tal-Malti, trid issir bidla mill-qiegħ nett fit-tagħlim formali tal-Malti, bl-iskop li t-tfal ikollhom lingwa għal ħajjithom. Il-Malti jrid iservi ta' għodda fl-ambjent tiegħu.

B'dan il-għan, taħt il-ħarsien ta' l-Akkademja tal-Malti, jinħatar bord għat-tagħlim tal-lingwa nazzjonali li jissejjaħ **Il-Bord tal-Malti fl-Edukazzjoni** b'dawn ir-responsabiltajiet:

a. biex jagħmel studju fuq il-bżonnijiet lingwistiċi fil-livelli u l-aspetti kollha tas-sistema edukattiva, jiġifieri: fil-livell primarju (kindergarten, mill-ewwel sas-sitt sena); fil-livell sekondarju (liċej, sekondarji mill-ewwel sal-ħames klassi); fil-livell tekniku (skejjel tas-snajja'); fil-qasam edukazzjoni speċjali; fil-qasam vokazzjonali; fil-livell post-sekondarju - jitqies ukoll il-Matsec fit-tliet livelli (taċ-Ċertifikat ta' l-Edukazzjoni Sekondarja, tal-Matrikola fil-livell Intermedju, u tal-Matrikola fil-livell Avvanzat).
b. biex ifassal (skond il-kondizzjonijiet tal-Kurrikulu Nazzjonali u skond il-bożonnijiet ta' (a) hawn fuq) materjal edukattiv għat-tagħlim ta' l-użu tal-

Malti f'kull livell u f'kull aspett ta' l-edukazzjoni. Dan il-materjal edukattiv irid (i) jirrifletti r-rabta organika bejn il-ħiliet kollha tal-lingwa, jiġifieri jinkludi l-qari, il-kitba, is-smigħ, u t-taħdit; u (ii) jenfasizza l-ħtieġa għall-kontinwità fl-iżvilupp tal-lingwa, jiġifieri itella' sistemi gradati.

c. biex juża t-teknoloġija tal-kompjuter aktar (f'kull livell) fit-tagħlim tal-lingwa materna.

Bħala prinċipji jridu jinżammu l-prinċipju li l-ħiliet iridu jiġu ttrattati bħala ħaġa sħiħa u l-prinċipju li jrid ikun hemm kontinwità bl-qtugħ tul is-snin fl-iskola.

Il-materjal irid jinkludi: kotba għall-qari, kotba tal-grammatika; kotba b'xogħol ta' taħriġ, materjal viżiv, materjal ta' *sound* (CDs), *soft-ware* għall-kompjuter. U kollox irid ikun gradat.

Il-Bord tal-Malti fl-Edukazzjoni għandu jkollu **Kumitat Ċentrali** kompost minn rappreżentanza tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni (b'mod partikulari d-Direttur tal-Kurrikulu ħalli jkun hemm rappreżentanza ta' l-iskejjel kollha), rappreżentanza ta' l-Akkademja tal-Malti (bħala entità awtonoma fuq il-lingwa), u rappreżentanza mid-Dipartiment tal-Malti ta' l-Università. Dan il-Kumitat Ċentrali għandu jasal biex iħaddem timijiet ta' riċerkaturi f'kull qasam (primarju, sekondarju, post-sekondarju, skejjel tekniċi, skejjel vokazzjonali, edukazzjoni speċjali) u f'kull aspett tal-pubblikazzjonijiet (edituri, artisti, *setters, eċċ*) u tat-teknoloġija (esperti tas-CDs u tal-kompjuters).

Dan huwa biss abbozz preliminarju biex wieħed jibda jaħdem immedjatament fuq dan il-proġett kbir.

*Dr Charles Briffa*
6 ta' Ottubru 2000

# L-Aħħar Intervista mal-Professur Ġużè Aquilina

*Anton Cassar*

*(Din l-intervista mal-Prof. Aquilina kienet l-aħħar waħda li saritlu qabel miet f'Awissu 1997. Kienet dehret f'*Għalik Magażin *tat-3 ta' Frar 2001. Hawnhekk qegħdin inġibuha bil-permess ġentili tas-Sur Anton Cassar.)*

**Anton Cassar**: Professur Aquilina, għandi l-pjaċir niltaqa' miegħek u nitkellem miegħek illum bħala veteran ta' l-ilsien Malti. Nixtieqek tgħidilna, int li twelidt Għawdex u ġejt toqgħod Malta u ħadt l-edukazzjoni tiegħek l-ewwel fl-iskola primarja tas-Sannat u mbagħad fis-Seminarju ta' Għawdex, x'tgħidilna dwar il-bidu ta' l-istudji tiegħek?

**Il-Professur Aquilina**: Il-bidu ta' l-edukazzjoni tiegħi kien fl-iskola tas-Sannat, dik primarja u s-Seminarju. Irrid ngħid li fost il-ħames aħwa li aħna, jien biss huwa Għawdxi, fis-sens li tgħammidt fil-knisja parrokkjali tas-Sannat, għaliex il-Munxar kien għadu mhux parroċċa u ħuti l-oħra kollha, mgħammdin fil-knisja ta' San Lawrenz, il-Birgu. Ir-raġuni kienet illi fil-każ tiegħi, ommi marret Għawdex u jiena twelidt Għawdex. Ma naf l-ebda raġuni għax kellha ssir din id-diskriminazzjoni, biex ngħid hekk, jiena Għawdex u ħuti l-oħrajn hawn Malta. Ommi Għawdxija mill-Munxar ta' Għawdex u missieri Malti minn Monastir tat-Tuneżija. Hija ħaġa tassew kurjuża kif isir it-tlaqqigħ għaż-żwieġ u minn dak il-bogħod kollu jiġi missieri minn Monastir u jsib lil ommi u jiżżewwiġha!

**Anton Cassar**: Bħalma inti ltqajt ma' mara Maltija li ġiet Għawdex minħabba l-gwerra.

**Il-Professur Aquilina**: L-istess ħaġa. Kellha tiġi gwerra bħal dik li kellna biex il-mara tiegħi tiġi Għawdex u jien niltaqa' magħha f'Għawdex. Dawn huma l-inċidenti tat-tlaqqigħ taż-żwieġ. Kulħadd għandu l-istorja tiegħu.

**Anton Cassar**: Issa inti, Profs. fejn kont toqgħod Malta, meta kont tistudja Malta?

**Il-Professur Aquilina**: Meta tajt il-matrikola ġejt noqħgod il-Birgu maz-ziju tiegħi Pawlu. Dawn kienu z-ziju Pawlu, iz-ziju Karm u z-ziju Bert, ħut missieri u kellhom oħthom ukoll miżżewġa Għawdex. Kienu jinħabbu. Il-fatt li żammni miegħu mat-tfal tiegħu u kellu familja mhux żgħira u l-armla tiegħu, meta miet, baqgħet iżżommni sakemm sirt avukat, nista' ngħidlek x'tip ta' nies kienu u x'familja kienet. Kienu nies tajbin li llum qegħdin jisparixxu. U din il-ħbiberija u din l-intimità bejni u bejn it-tfal tagħhom baqgħet bħalma kienet ma' missirijiethom u ommijiethom.

**Anton Cassar**: Issa inti Profs. ħdimt ta' avukat, għaliex inti sirt avukat, imma l-karriera tiegħek kienet fl-istudju, fl-Università, l-iktar.

**Il-Professur Aquilina**: Jien studjajt għal avukat u ħadt il-lawrja ta' avukat u l-ħajja tiegħi kellha tkun ta' avukat, kienet maħsuba biex tkun il-ħajja ta' avukat, imma bħal fiż-żwieġ jinqala' xi aċċident u jlaqqgħek ma' ħaddieħor. Iċ-ċirkostanzi li saru ta' dak



iż-żmien, il-kwistjoni tal-lingwa li kien hawn Malta, il-politika ta' dak iż-żmien, imħallta ħafna u li kienet tittratta dwar ħafna affarijiet li lanqas għadhom jissemmew għax illum, hija dwar kwistjonijiet ekonomiċi u soċjali, waqt li dak iż-żmien kienu kwistjonijiet ta' lingwa Ingliża u l-lingwa Taljana u l-hekk imsejħa kultura. Allura jiena meta sirt avukat tlaqt lejn Għawdex. Biex mort Għawdex ridt infisser li tlaqna mill-Birgu, fejn kont ngħix f'dar, ma niftakarx in-numru, imma li kienet ħajt ma' ħajt mal-knisja ta' San Lawrenz, il-Birgu u wara d-dikjarazzjoni tal-gwerra, għax aħna fejn konna kien *target* leġittimu tal-bombi u rnexxieli nieħu miegħi u nġorr lejn il-Munxar, Għawdex, il-familja taz-ziju Pawlu li trabbejt magħhom. Issa jiena ħdimt ta' avukat u l-isbaħ nota umoristika fil-ħajja tiegħi qasira ta' avukat, kienet li fost dak il-ġuħ kollu li kien hemm, l-għaks tal-gwerra, irnexxieli nakkwista xkora dqiq. In-negozjanti kienet tiġihom b'xejn u jiena għax-xogħol li kont għamiltilhom ma kontx tlabthom flus, għax fil-gwerra l-flus ma kienu jiswew xejn, ma jaqtgħulekx il-ġuħ. Dak kien aċċident umoristiku ta' l-esperjenza tiegħi ta' żmien il-gwerra.

**Anton Cassar**: Kif inti sirt professur, taf inti l-ġlieda għall-Malti ġiet fl-aqwa tagħha fis-sin tletin meta l-ilsien Malti daħal fil-Qrati, fl-amministrazzjoni u fit-tagħlim u inti nħtart l-ewwel professur tal-Malti fl-Università, għalkemm inti taf li Mikiel Anton Vassalli, permezz ta' Hookham Frere kien jgħallem il-Malti fl-Università wkoll fi żmienu. Imma fi żmienna inti sirt l-ewwel professur tal-Malti fl-Università. Kif saret il-ħatra tiegħek bħala professur?

**Il-Professur Aquilina**: Ħalli niċċaraw dwar Hookham Frere. Hookham Frere ma kienx fl-istaff tal-Malti. Hookham Frere kien ħallas għal serje ta' *lectures* u jiena tħabatt fil-kalendarju ta' l-Università. Kont jien li tħabatt biex ismu jibda jidher bħala professur. Huwa għamel ftit taż-żmien. Jiena għamilt erbgħin sena ngħallem. Issa l-mistoqsija x'inhi proprjament?

**Anton Cassar**: Jiena staqsejtek kif saret il-ħatra tiegħek bħala professur tal-Malti fl-Università għax qabel ma kienx hemm din il-katedra.

**Il-Professur Aquilina**: Ħa ngħidlek, Anton. Aħna għandna biex nisthu. Kattoliċi kemm trid, iżda l-ewwel bibja bil-Malti li ġiet, għamluha l-Protestanti. U l-istess ġara

fil-katedra tal-Malti. Kien il-Gvern Ingliż, li ħażin jew tajjeb għamel il-katedra tal-Malti fi żmien il-gvern kolonjali. Ħaġa ta' mistħija, il-Maltin dejjem jippersegwitaw ilsien art twelidhom. Għadhom sal-lum jitkessħu biċċa minnhom. L-ilsien Malti għen ukoll lill-istudjużi barranin u iżjed lil Malta, għax għandna studjużi, lingwisti, illi fil-Malti raw lingwa, biex ngħid hekk, interessanti, marbuta mad-dinja semitika, li lingwistikament hija għanja u hija interessantissima. Imma l-Maltin, imħawdin mill-politikanti tas-snin tletin, dawk li għalija l-iktar li ħawdu u ħawdu anki l-kunċett tad-dipendenza u l-identità nazzjonali sal-lum u jitħaddtu fuq l-identità u ma jafux x'inhi din l-identità. Dak iż-żmien bil-katedra tiegħi, bit-taħbit ta' oħrajn li studjaw il-Malti u li kitbu, bħal Saydon u Dun Karm Psaila, il-kunċett ta' l-identità Maltija rebaħ. Anki meta qed nagħmel dan id-dizzjunarju u għamel ieħor Erin Serracino Inglott ukoll, aħna ikkontribwejna għall-identità. Imma xi nies lanqas jagħtu każ ta' dan. Jitħaddtu ħafna bla bla u ħafna kliem kbir u ma tara l-ebda rikonoxximent, ma tara l-ebda wieħed li japprezza u jara li għandna l-evidenza li quddiem l-Ewropa u quddiem il-bqija tad-dinja, inti għandek lingwa tiegħek u li għandek identità nazzjonali tiegħek.

**Anton Cassar**: Imma b'danakollu, Profs., inti ma tafx li dawn l-ideat iridu jkunu attwati minn nies politiċi, li jridu jkunu huma li jagħmluhom.

**Il-Professur Aquilina**: Ha niftiehmu, b'dak li għedt ma rridx immaqdar il-politiċi, għax il-politikanti, in-nies li jiggvernaw huma n-nies li jilleġiżlaw. Jiena stajt nagħmel il-kotba li għamilt fuq il-Malti, li ma jagħmluhomx il-politikanti, imma mbagħad huwa l-leġiżlatur li jilleġiżla.

**Anton Cassar**: Imma int, Profs., ma jidhirlekx li dari l-Malti lanqas kien jissemma, kien immaqdar, imma llum il-Malti rebaħ. Tant inbidlet il-ħaġa, li llum, għalkemm forsi traskurat minn xi wħud, illum il-Malti daħal u dan minħabba x-xogħol li għamilt int u għamlu oħrajn.

**Il-Professur Aquilina**: Difatti darba kont is-Seminarju, kont fil-bitħa tas-Seminarju ta' Għawdex u kont qed naqra ktieb bil-Malti u bniedem ekkleżjastiku prominenti ħafna, ma nsemmix ismu, *de mortuis nihil nisi bonum*, fuq il-mejtin tgħid xejn ħlief it-tajjeb, imma speċi ġietu ħniena minni li kont qed naħli ż-żmien u qalli "Dan il-Malti!"

**Anton Cassar**: Imma mhux il-professuri kollha, għax il-Monsinjur Dun Pawl Cauchi kien wieħed mill-membri tal-Kummissjoni tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti għal Għawdex. Jiena niftakar ħafna professuri hemmhekk u kien hemm min kien kontra l-Malti, imma kien hemm oħrajn li kienu favur il-Malti. Imma inti kellek ħafna tfixkil u anki meta sirt professur tal-Malti. Jiena kont għadni tifel dak iż-żmien, imma kont insegwi u anki fil-gazzetti kont ikkritikat u kellek ħafna tfixkil u b'ċerti kunċetti politiċi ta' dak iż-żmien bilkemm ma kontx traditur għal xi wħud ta' dak iż-żmien, meta kont qed titħabat għall-Malti.

**Il-Professur Aquilina**: La qiegħed issemmi l-kelma traditur ħa ngħidlek b'inċident ieħor. Meta kont Londra kont ktibt artiklu f'ġurnal Ingliż li kien il-*Catholic Herald* u jiena l-kalegrafija tiegħi ma tantx hija sabiħa u dak tal-*Catholic Herald* l-aħħar kelma ta' "Aquilina" ħasibha "e" u għamilha "Aquiline". U trid tara x'artiklu kien inkiteb hawn Malta kontra t-tradiment tal-Professur Aquilina li Ingliżizza ruħu! Imma ħalli mbaħgad ngħid ukoll kien ġentlom l-editur, għax wara li spjegajtlu għamel stqarrija ta' korrezzjoni. Imma biex tara kemm konna sħan, klima tal-Mediterran.

**Anton Cassar**: Profs., inti għamilt karriera twila fl-Università. Kont professur u kont ukoll f'diversi karigi. Tista' tgħidilna xi ħaġa dwar dan Iż-żmien tiegħek fl-Università?

**Il-Professur Aquilina**: L-ewwelnett jiena kont dekan tal-Fakultà ta' l-Arti għal ħafna żmien twil. Kont ukoll Pro-Rettur, meta l-Professur Borg Costanzi kien isiefer, kont nidħol floku. Kont ukoll membru tal-ATRUM, dik li semmejt inti, l-Assoċjazzjoni tal-Għalliema ta' l-Università Rjali ta' Malta, li kienet speċi ta' trejdiunjin. Waħda mir-rebħiet tagħha kienet li r-rettur ma kienx idum iżjed fil-kariga minn ħames snin.
**Anton Cassar**: Professur, inti kont tgħallem il-Malti fl-Università, naturalment lill-istudenti kollha tal-Fakultà ta' l-Arti, hux hekk? Fiex kien jikkonsisti dan it-tagħlim tal-Malti lil dawn l-istudenti li kienu se jsiru avukati, prokuraturi legali, nutara, eċċ. Inti taf li l-lingwa tal-Qrati kienet it-Taljan qabel, meta daħal il-Malti spiċċa Malti Taljanizzat u bilfors kellu xi ftit ikun hekk, għax it-terminoloġija tal-lingwa tal-Qrati ġejja bilfors mit-Taljan.
**Il-Professur Aquilina**: L-ewwelnett il-problema tiegħi meta dħalt hemm, dħalt biex nibda katedra, meta qabel ma kien hemm xejn. Ġirien tiegħi kelli l-professur ta' l-Ingliż, b'waħda mil-letteraturi kbar tad-dinja, il-Professur Fogarty u l-Professuri Fabriani u Laurenza tat-Taljan b'letteratura kbira wkoll. U jiena sibt ruħi b'titlu kbir ta' professur u x'kien hawn Malta, poeżija popolari ta' stil ħafna minnha medjokri, tneħħi ta' Dun Karm u ta' Patri Atanasju Cuschieri u xi ftit oħra, allura kelli nagħmel biex ngħid hekk, biex il-Malti jkun bi dritt fl-Università, allura kelli nsib banda oħra l-materjal, kelli noħloq il-materjal essenzjali ta' studji xjentifiċi fuq l-lingwistika u hawnhekk għamilt kotba li safejn naf jien kien għadu ma kitibhom ħadd. Minbarra dan kont immur il-kungressi internazzjonali, fis-soċjetà onomastika, suġġett li jittratta fuq l-ismijiet ta' l-inħawi tal-gżejjer tagħna. F'dik li hija lingwistika xjentifika, l-ilsien Malti m'għandu għalfejn jistħi xejn ħdejn ilsna oħra. F'dik li hija letteratura iva, għax il-letteratura tagħna għadha tibda.
**Anton Cassar**: Profs., la semmjejt l-onomastika, Annibale Preca fil-*Malta Cananea*, ma nafx kemm din hija awtorevoli, ta spjegazzjoni ta' l-ismijiet ta' postijiet, imma dan kien jgħid li kważi kollox ġej mil-Lhudi, filwaqt li l-Professur Wettinger ma jaqbilx perfettament ma' din l-idea. Inti dħalt f'dan is-suġġett ukoll?
**Il-Professur Aquilina**: Jiena fuq dan is-suġġett kont stampajt ukoll kotba. Imma hemm differenza bejn suġġett tittrattah xjentifikament u tittrattah bħala dilettant. Dawk kienu dilettanti u nammirahom bħala dilettanti, għax ta' dilettanti li kienu, anki jekk ma qalux, dak li xjentifikament tista' tapprovah, pero kien hemm ċertu studju fih. Kienu dilettanti. Jiena ma kontx kapaċi li nipproduċi dak li pproduċejt kieku ma mortx l-Ingilterra. L-ewwel ħaġa li għallmuni l-Ingliżi u hawnhekk m'aħniex nidħlu fil-politika, għax kellna bżonn ma nħalltux il-politika ma' l-istudji, kien x'inhi lingwa. Lingwa hi mezz ta' komunikazzjoni. Sempliċi tgħidhom dawn l-erba' kelmiet. Imma mbagħad għamluha kwistjoni ta' etimoloġija l-politiċi. Jekk ngħidu "tavla", jekk ngħidu "spiritiera", hi! Jgħidu din mit-Taljan, mela l-Malti mhux Malti. Din banali. In-nies sfortunatament kienu jtennu ċerta politika Taljana li kienet tiġbed lejn l-Italja. Ara dak kien dilettantiżmu konfużjonarju, dak li nkiteb dak iż-żmien kien kollu konfużjonarju mħawwad. Imma mbagħad kellu nmetalità xjentifika Napuljun Tagliaferro. Dak fetaħ it-triq għax kien ras kbira u hemm oħrajn. Dwar id-diletantiżmu ngħid li jekk ma tkunx għaddej bix-xjenza, bid-dixxiplina u l-kuxejnza għandha d-dixxiplina, tkun bdejt ta' dilettant, tibqa' ta' dilettant, rasek sħuna u sfortunatament hawn Malta, din tad-dilettantiżmu, għadha hemm.
**Anton Cassar**: Issa Profs., inti sirt professur tal-Malti fl-Università fl-1937 u minn dak iż-żmien sal-lum għaddew kważi 60 sena. X'bidla rajt inti fl-istudju tal-Malti u fl-użu tal-Malti minn dak iż-żmien sal-lum?

**Il-Professur Aquilina**: Kultant nisma' u naqra fil-gazzetti nota pessimistika dwar li l-Malti se jispiċċa. Jiena li għandi l-għomor tiegħi twil u allura nħares 'il bogħod minn min hu iżgħar minni, immur fil-bidunett, immur fit-tletinijiet. Inti t-tletinijiet tiftakarhom. Il-Malti kien imfarrak. Il-Malti qam biex ngħid hekk, bħala protesta tal-ħaddiema u ħaqqhom prosit iktar mill-professjonisti li raw fihom u f'moħħ Boffa, biex ngħid hekk, id-disprezz impliċitu li kien hemm għall-ħaddiem.

**Anton Cassar**: Minħabba l-Malti?

**Il-Professur Aquilina**: Minħabba l-Malti għax il-Malti kien tal-ħaddiem, tal-pastaż. Kienu hekk. U tara l-klassi tal-ħaddiema, bħal Karmenu Ellul Galea li għadu kemm ħareġ il-kotba fuq l-istorja tat-trejdjunjoniżmu, nara li kellhom ċerta ħeġġa, u l-oħrajn kienu mejtin. Issa wara li ħadna sehem aħna fil-Malti, issa qed joħorġu wkoll mill-klassi intellettwali kittieba tal-Malti, imma qabel kien hemm nies bħal Nikol Biancardi, kienu l-ħmira tal-Moviment Malti. Kien hemm taħlita inevitabbli ta' patrijottiżmu laburista, fis-sens mhux ta' partit, imma ta' ħaddiema.

**Anton Cassar**: Bħal Ġużè Ellul Mercer, Gino Muscat Azzopardi, John F. Marks, u oħrajn. Dawn ma kinux Laburisti biss. Kienu wkoll kittieba.

**Il-Professur Aquilina**: Saydon ma kienx imur jagħżaq jew jaħdem ta' mastrudaxxa. Imma mbagħad daħlu wkoll l-istudjużi u daħal Dun Karm.

**Anton Cassar**: Imma inti Profs. ma jidhirlekx inti, meta wieħed iħares lejn l-Ewropa u jara per eżempju il-Welsh miet u qed jagħmlu minn kollox biex jerġgħu jqajmuh, il-Gaelic fl-Iskozja u fl-Irlanda, fejn kulħadd jitkellem bl-Ingliż, mentri l-Malti għadda minn taħt tant dominazzjonijiet u baqa'. Ma jidhirlekx li l-Malti għandu xi ħaġa fih innifsu, qawwa kbira assimilattiva, anki meta jixrob kliem minn barra. Il-kunċett żbaljat li l-lingwa hi organiżmu wieqaf.

**Il-Professur Aquilina**: Veru, veru. Il-Malti għandu dik li għadek kif semmejt inti forza assimilattiva, il-maqlub tal-Gaelic li spiċċa għal kollox. Jien jiddispjaċini, avolja mhux ilsien tiegħi, għax dawn huma kollha parti mill-kultura tal-popli, li għandhom dritt għalih. Il-Malti għandu wkoll kontinwita'. Issa l-iżball li jsir, mill-kunċett żbaljat li jaħsbu li l-lingwa hi organiżmu wieqaf bħal ġebla u jekk ma tibqax forma ta' ġebla u jekk, taraha ġebla mingħajr ma titħarrek, tkun qed titħassar. Dawn jibżgħu mill-kliem li daħal fil-Malti. Dal-kliem missellef bħaż-żwieġ. Anki l-Ewropa u d-dinja huma magħmulin minn popli mħalltin ma' xulxin. U l-lingwi qegħdin, biex ngħid hekk Iżewġu ħafna kliem li qed jidħol fil-lingwa. Imma mbagħad hemm żewġ realtajiet. Hemm il-lingwa tal-poplu li jitkellem biha kuljum, "ktieb", "żiemel", "bejt". Xi ħadd inventahom dawn, ma nafux meta. Imma mbagħad hemm ;il-vokabolarju, ġabra ta' kliem fi ktieb li dejjem qed tikber mat-teknoloġija ta' żmienna, li qed tinħoloq mix-xjenzjati. L-"astronawta" x'se ssejjaħlu? Għalhekk trid tagħmel distinzjoni. Din l-idea li għandhom li l-lingwa hija ħaġa wieqfa, ġebla stazzjonarja, hija idea żbaljata. Il-politikanti ta' dari ħassru ħafna mħuħ u lil dawk tal-lum nistedinhom li meta jitħaddtu fuq l-identità jifhmuha fis-sens xjentifiku. Il-lingwa hija l-identità tal-poplu u ma joqogħdux jgħidu kemm hemm kliem bit-Taljan u kemm hemm kliem bl-Ingliż, għax għall-Ingliż ma ngħidux li fih hemm kliem kważi mid-dinja kollha. Dak li jagħmel mill-mezz tal-komunikazzjoni tal-poplu, mhux l-etimoloġija li għandek tikkonsidra, imma dik il-kelma fil-komunikazzjoni tal-poplu.

**Anton Cassar**: Profs., jiena nirringrazzjak talli lqajtna f'darek illum u tajtna din l-intervista tant interessanti.

**Il-Professur Aquilina**: Jiena ngħid merħba bikom. Kif jgħidu d-dar żgħira u l-qalb kbira.

5

# Tifkiriet

# Biex infakkru

*Charles Briffa*

**Pawlu Mifsud:** Kitbitilna l-mara ta' Pawlu Mifsud (1928-1996) biex tgħidilna li kien għadu kemm ġie ppubblikat *Tusè u ċ-Ċapsa* ta' żewġha. Bagħtet kopja lis-segretarju. Ma' l-ittra għamlet din in-nota: "Ħidma fl-Akkademja tal-Malti ta' Pawlu Mifsud. Pawlu Mifsud kien membru attiv fl-Akkademja tal-Malti. Daħal membru fl-1970, u sa mill-bidu kien beda jieħu interess kbir fir-rivista *Il-Malti*. Fil-fatt ħafna mix-xogħol li tirrikjedi rivista bħal din waqa' f'idejh. Kien jieħu ħsieb l-istampar, it-tqassim tagħha u kultant kien jippubblika fiha xi kitbiet tiegħu. Kien fil-bord editorjali u kull nhar ta' Sibt filgħodu kien imur fiż-żewġt ikmamar ta' l-Akkademja f'Palazzo Caraffa biex jibgħat in-numri qodma kif ukoll ġodda ta' din ir-rivista lill-membri u lil min ikun talabhom. Matul żewġ perjodi, bejn l-1972 u l-1980, u l-1980 u l-1986-1992 Pawlu Mifsud kien ukoll teżorier u kien jieħu ħsieb is-sħubija fl-istess għaqda (ara l-qoxra ta' *Il-Malti* Ġunju 1974). Kien membru attiv u dejjem jaqdi dmirijietu sew; fitt fix-xogħol u ta' l-affari tiegħu ħafna, hekk li kemm-il darba qala' t-tifħir tal-membri waqt il-laqgħat ġenerali."

**Doreen Micallef:** Fl-1 ta' Diċembru 2001 mietet Doreen Micallef (1949-2001). Doreen kienet dramatriċi mill-aqwa u poetessa gwappa. Awtriċi ta' *Wiċ imb Wiċċ u Drammi Oħra* (1972), *Fit-Triq ta' l-Empirew* (1975), *De Profundis* s(1979), u *Kyrie* (1980). Il-poeżija tagħha tixhed ħtieġa għall-komunikazzjoni umana u tikxef ambjent testwali ffragmentat mistikament però dejjem umanizzat. Għal apprezzament konċiż fuqha ara Oliver Friggieri, *L-istorja tal-Poeżija Maltija* (PIN, 2001), p.116-118. Lil Doreen sirt nafha personali fir-rebbiegħa ta' l-2001 (ftit xhur biss qabel ma mietet). Kienet tibgħatli l-poeżiji tagħha (bħal dawk li qegħdin jidhru hawnhekk) bit-tajprajter-sieħba tagħha u ċċempilli biex nitkellmu fuq il-futur tal-letteratura Maltija. Kienet hi li ħajritni sew biex nibda nattendi l-laqgħat tal-Poeżijaplus. Darba bagħtitli "kumment letterarju" fuq *Il-Malti* (2000) u se nġibu hawnhekk biex nuri kemm kienet bniedma altruwista: "L-Akkademja tal-Malti wkoll għadha kif ippubblikat ktieb li jiġbor fih kitbiet diversi ta' kittieba Maltin ukoll editjat minn Dr Charles Briffa u dan il-ktieb ġie ppubblikat mill-Klabb Kotba Maltin, u huwa ktieb importanti ħafna għal dawk kollha li huma interessati fil-kitba bil-Malti. L-Akkademja tal-Malti qed twettaq xogħol importanti ħafna fil-qasam tal-letteratura, u qed tgħin b'mod prattiku lill-awturi Maltin; u wieħed jieħu gost ħafna jsir jaf li, il-President tar-Repubblika wkoll offra waħda mill-kmamar tal-Palazz tal-President għal-laqgħat li l-Akkademja tagħmel. L-Akkademja tal-Malti hi waħda mill-għaqdiet letterarji li, għal snin twal, tat impenn u dedikazzjoni nobbli favur l-awtur u l-letteratura ta' pajjiżna, u wieħed jieħu gost u għandu dmir serju japprezza lil din l-Akkademja b'mod konkret u fir-realtà. U jistħoqqilha l-appoġġ tal-Gvern u ta' kulħadd. U jistħoqq ukoll l-appoġġ tal-Gvern kollu u ta' kulħadd mhux biss lill-Akkademja tal-Malti u l-għaqdiet letterarji, imma wkoll lid-Djar tal-pubblikazzjoni bħal ma huma l-KKM u Merlin talli, f'kull ċirkustanza, baqgħu jippubblikaw kotba ta' livell għoli bħala letteratura li tilħaq ħafna oqsma tas-soċjetà. Fil-ktieb *Il-Malti* ta' l-Akkademja tal-Malti u l-KKM, insibu, fost kitbiet tajbin oħra, il-kitba

ta' l-editur u awtur Charles Briffa li għandha valur importanti ħafna, u fil-fehma tiegħi, Briffa huwa wieħed mill-aħjar esponenti tal-letteratura ta' pajjiżna. F'dan il-ktieb insibu wkoll tagħrif important dwar xogħol ippubblikat tal-Prof. Oliver Friggieri li, baqa' kontinwament jiddedika ħajtu kollha għat-tixrid tal-letteratura. Forsi wieħed jista' jifhem il-bżonn li, l-awturi kollha, ta' kull ġeneru letterarju, jibdew jiltaqgħu flimkien u spiss fuq livell informali biex jikkomunikaw ma' xulxin l-ideat u x-xogħlijiet u l-impenn kollu letterarju tagħhom u joħolqu b'mod konkret il-klima letterarja u intellettwali tant bżonjuża għas-soċjetà bħalma kienet inħolqot fis-snin sittin bit-twaqqif tal-Moviment Qawmien letterarju u t-teatru ta' Francis Ebejer u Ġużè Diacono."

Ma kontx naf li Doreen ma kinitx tiflaħ. Fit-2 ta' Diċembru 2001 Mario Azzopardi ċempilli biex jgħidli li Doreen ħallietna. L-għada morna għall-funeral tagħha. Konna nofs tużżana awturi (O. Friggieri, P. Mizzi, V. Fenech, M. Azzopardi, C. Flores, J. Felice Pace, u xi oħrajn li ma nafx x'jisimhom) u l-Ministru Louis Galea u Alex Sciberras Trigona, u ħadd aktar għax qraba ma kellhiex. Kien funeral vojt. F'qalbi għedt: lil Doreen il-letteratura kellha tagħtiha l-aħħar qima qabel id-difna; kieku ma kinitx il-letteratura, Doreen kienet tindifen bla ħadd ħlief il-qassis. Kif mort lura lejn l-Università nsib ittra kattiva tistennieni mingħand Sergio Grech tgħidli li Doreen kienet l-isptar u għandha bżonn ħafna min iqawwilha qalbha, u staqsiet fost oħrajn għalija, u tkellmet fuq il-kotba tagħha u kienet qiegħda titqabad mas-solitudni.

**Reinhold Kontzi** (22.12.24 - 12.12.01): Kif konna qegħdin nistampaw *Il-Malti* rċevejt kartolina ta' niket mingħand il-familja tal-Professur Kontzi tgħidli li kien miet. Kien ħabib u studjuż kbir tal-Malti u membru kburi ta' l-Akkademja. Niftakar fit-tmeninijiet kien ġie Malta u qagħad jispjegalna bil-Malti x-xogħol li kien qed jagħmel fuq ilsienna. Kellu proġett biex jifli l-Malti u d-djaletti Għarbin ħalli jistabbilixxi ftit aktar dettalji fil-ġeografija lingwistika li kien qed jiżviluppa. Fost ħwejjeġ oħra semma kif il-Malti, bħad-djaletti Għarbin, huwa differenti mill-Għarbi klassiku u kif il-Malti għandu ħafna mill-Għarbi tal-Magħreb. Dan is-suġġett baqa' mwaħħal f'moħħi (ukoll jekk il-kumplament ta' l-argument insejtu) għax kien impressjonani ħafna li wieħed barrani kien (a) jitkellem daqshekk tajjeb bil-Malti, u (b) jinteressa ruħu fl-istudju tal-Malti, meta fostna hawn Maltin li la jitkellmu tajjeb bil-Malti u lanqas jinteressahom l-istudju tal-Malti.

**Victor Apap** (1913-2001), attur u awtur ħalliena nhar l-20 ta' Awissu 2001. Beda l-karriera tar-reċtar tiegħu fl-1934 mal-kumpanija drammatika *Gioventù Cattolica*, u kien jieħu sehem kemm fuq il-palk u kemm fuq ir-radju. Fl-1970 rebaħ il-Gold Star bħala l-aħjar attur tas-sena fuq ir-Rediffusion. Fl-1931 kien wieħed mill-fundaturi ta' l-Azzjoni Kattolika (Malta) u fl-1944 ma' Mons Mikiel Azzopardi waqqaf il-fergħa ta' l-irġiel. Għamel ħabta fuq il-bord editorjali ta' *Leħen is-Sewwa*. Sar membru ta' l-Akkademja tal-Malti fl-1940 u fl-2000 ingħata mill-Akkademja tal-Malti it-trofew tat-tmenin f'serata li saret fil-Palazz tal-President f'Diċembru 2000 għas-sehem tiegħu fil-kitba bil-Malti. Pubblikazzjonijiet: *Blanzuni* (1945), *Ulied ta' l-Azzar* (1960), *Dar il-Hena* (1975), *F'Bieb il-Ħajja* (1975), *Misraħ Qawsalla* (1983), u *Triq Fawwara 22* (1984).

**Vincenzo Maria Pellegrini** (1911-1997) kien awtur prolifiku ħafna. Ippubblika kotba ta' poeżija, drammi, *radio-plays*, libretti għall-opri, oratorji, u esejs f'rivisti lokali u barranin. Għall-kontribut tiegħu fil-qasam ta' l-arti mużikali, il-Gvern Taljan onorah b'medalja tal-fidda u ħatru Cavaliere della Stella Solidarietà Italiana. Bħala kotba bil-Malti għandu: *Malta Rebbieħa* (1952), *Bjuda bil-Lejl* (1955), *Marċellino Ħobż u Nbid* (1957), *L-Epopea ta' Ġensna* (1971), *Xefaq bla Tmiem* (1975), *San Vinċenz Ferreri* (1982), *Kwiekeb ta' Sliem* (1984), *Shakespeare għat-Tfal* (1989). Kiteb ukoll xi kritika bit-Taljan.

# Il-Professur Dun Ġużepp Calleja

*Alfred Massa*

Ħal Tarxien ta lil Malta diversi saċerdoti li għamlu ġieħ lil art twelidhom f'oqsma differenti tal-ħajja. Insemmi b'eżempju lill-Mons. Ġużeppi Schembri, Latinista mill-aqwa; lill-Kan. Perit Dun Ġużepp Bonnici, pradikatur prim u għal xi snin Assistent Ekkleżjastiku Ġenerali ta' l-Azzjoni Kattolika Maltija; u lill-Mons. Prof. Karm Sant, studjuż kbir tal-Kotba Mqaddsa u ħaddiem ħawtiel fil-qasam tal-Malti. Ma' dawn ma nistgħux ma nżidux saċerdot ieħor li bena isem sabiħ għalih, għal Ħal Tarxien u għal pajjiżu; qed nirreferi għall-Professur Dun Ġużepp Calleja, li fis-sena 2001 jaħbat il-260 anniversarju tat-twelid tiegħu.

Dun Ġużepp Calleja twieled f'Ħal Tarxien fl-1741 minn Anġlu u Duminka mill-familja mlaqqma Ta' Ganà.[1] Din kienet familja sinjura li kellha d-dar tagħha fuq il-lemin tal-knisja parrokkjali, in-naħa tal-kampnar fejn hemm Iż-żewġ qniepen il-kbar. Sa minn ċkunitu, Ġużeppi wera ħajra kbira għat-tagħlim. Tant hu hekk, li wara li ġie ordnat saċerdot madwar is-sena 1762, huwa ssokkta minnufih l-istudji tiegħu fl-ilsna klassiċi, il-Latin u l-Grieg, u fl-ilsna orjentali, l-Għarbi, is-Sirjak, il-Kaldajk, u t-Tork. Barra minn lingwista, huwa kien meqjus ukoll bħala arkeologu u studjuż tax-xjenzi naturali.

**It-tagħlim tal-Għarbi f'Malta**

L-interess fit-tagħlim tal-Għarbi fost il-kattoliċi nibet fil-bidu tas-seklu XVII. Kien żmien meta l-Imperu Ottoman kien wasal fi tmiemu, għax fis-sewwa kollha baqa' ma ħax ruħ wara t-telfa li ġarrab fil-battalja ta' Lepanto (1571). Sadattant l-Ewropa bdiet tqum fuq tagħha sewwa b'mod partikolari ekonomikament. Bdiet sensiela ta' attivitajiet kummerċjali bejn il-pajjiżi Eworpej u dawk Għarab li ħalliet ħafna frott.

Il-Knisja nnutat dan u tefgħet għajnejha fuq il-popli musulmani bil-għan li tibgħat missjunarji biex jikkonvertuhom għall-Kristjaneżmu. B'hekk ingħata

bidu għat-tagħlim ta' l-ilsien Għarbi, ħalli dawk il-missjunarji setgħu jkunu kapaċi jikkomunikaw mal-popli li kienu sejrin jaħdmu fosthom. Fl-1622 is-Sagra Kongregazzjoni għat-Tixrid tal-Fidi waqqfet kulleġġ f'Ruma għal dan il-għan. F'Malta l-istudju tal-Għarbi twaqqaf fl-1632 mill-patrijiet Franġiskani tal-Belt.[2] Uħud isostnu li anki fil-kulleġġ tal-Ġiżwiti kien beda jiġi mgħallem l-Għarbi għax kienet ix-xewqa tal-fundatur Injazju minn Loyola li jibgħat f'Malta membri tal-Kumpanija ta' Ġesù (kif inhuma magħrufin il-Ġiżwiti) biex ixerrdu t-tagħlim nisrani fost il-misilmin.

Fl-1632 ukoll beda t-tagħlim ta' l-ilsien Għarbi fil-kunvent tat-Tereżjani ġewwa Bormla. Għalkemm mhux magħruf min kien l-ewwel għalliem, iżda fl-1637 dan l-inkarigu ngħata lil ċertu Patri Dumink Pace, li ma damx ma waqqaf skola, seminarju, għal dawk li xtaqu jmorru jxerrdu l-vanġelu fost il-musulmani. Din l-iskola twaqqfet bis-saħħa ta' l-inkwiżitur Fabio Ghigi li aktar tard sar papa, bl-isem ta' Alessandru VII.

Fis-seklu XVIII imbagħad it-tagħlim tal-Għarbi beda jsir biss fis-seminarju ta' l-Imdina u fil-kunvent tal-Franġiskani, il-Belt, fejn kien jiġi mgħallem "għal siegħa kuljum barra l-Ħdud u l-festi kmandati".[3] Wara l-mewt ta' dun Girgor Carbone, li kien jokkupa l-post ta' lettur, fl-1773 sar konkors f'Ruma, li minnu ngħażel Dun Ġużepp Calleja biex ikun il-lettur il-ġdid. Issa dun Ġużepp kellu jgħallem l-Għarbi ġimgħa l-Belt u oħra l-Imdina. Din kienet biċa xogħol tassew iebsa għalih; l-aktar minħabba raġunijiet ta' skariġġ bejn Ħal Tarxien, il-Belt u l-Imdina. Iżda sena wara huwa ngħata l-permess li jgħallem sitt xhur fl-iskola tal-Belt u sitt xhur fis-seminarju ta' l-Imdina.

Fl-20 ta' Settembru 1795, il-Papa Piju VI (1775-99) ħabbar li t-tagħlim tal-Għarbi kellu jagħmel parti mill-programm ta' l-Università. Dan kien ifisser li min kien igawdi l-benefiċċju ta' l-isqof seta' jibbenefika bit-titlu ta' lettur fl-Università. Għalhekk, Dun Ġużepp Calleja nħatar l-ewwel lettur fl-Università ta' pajjiżna. Barra minn dan, issa l-iskola tal-Għarbi fi ħdan il-Knisja, imwaqqfa mis-Sagra Kongregazzjoni għat-Tixrid tal-Fidi spiċċat bl-aħħar lettur tagħha, Dun Ġużepp Calleja.

Għalliem ta' Mikiel Anton Vassalli

Dun Ġużepp Calleja dam jgħallem l-Għarbi għal 25 sena sħaħ; sentejn minnhom fl-Università. Fost l-istudenti li kellu kien hemm Mikiel Anton Vassalli (missier l-ilsien Malti), li tgħallem l-għarbi mingħandu bejn l-1780-87 fis-seminarju ta' l-Imdina. Fl-1785 Vassalli rnexxielu jieħu l-premju li l-Professur kien obbligat jagħti ta' kull sena lill-aħjar student. Huwa kompla l-istudji tiegħu b'mod partikolari fl-Għarbi għax kien jemmen li ma tistax tidħol fil-profond ta' l-ilsien Malti jekk ma tkunx taf tajjeb l-ilsien Għarbi. B'danakollu, ma nsibu mkien li M.A.Vassalli qatt ingħata l-inkarigu li jgħallem l-Għarbi fl-Università. Għaldaqstant wieħed ma jasalx biex jifhem imnejn kien ħa t-titlu ta' professur.

Dun Ġużepp Calleja miet fid-19 ta' mejju 1798, ftit ġimgħat biss qabel ma l-Franċiżi waslu Malta. Jingħad li fit-taħwid ta' dak iż-żmien, ftit xhur wara

mewtu, waqt żjara li l-Franċiżi kienu għamlu f'Ħal Tarxien, huma daħlu fid-dar fejn kien joqgħod Dun Ġużepp u ħarbtu kullimkien. Fost ħwejjeġ oħra huma qerdu għadd ta' kotba u manuskritti li min jaf kemm minnhom setgħu kienu siewja. Kulma fadal huwa dizzjunarju Għarbi-Tork li jinsab fil-Biblijoteka Nazzjonali tal-Belt. Ta' min jgħid li s-suċessur ta' Dun Ġużepp Calleja bħala professur tal-Għarbi fl-Unviersità kien ċertu Antonio Fadl Allah. Dan sar wara li Malta kienet għaddiet taħt il-ħakma Ingliża.

Dun Ġużepp miet f'Ħal Tarxien fl-età ta' 57 sena. Hu jinsab midfun fil-knisja parrokkjali kif wieħed isib miktub fil-*Liber Defunctorum* numru 5 paġna 14 li jinsab fl-uffiċċju parrokkjali ta' l-istess raħal. Uħud jgħidu li hu midfun fil-qabar tal-familja Calleja li hemm fil-kappella ta' l-Immakulata Kunċizzjoni; Iżda oħrajn isostnu li l-qabar tal-familja Ganà kien jinsab taħt il-preżbiterju ta' l-altar maġġur. Dan l-aħħar f'Ħal Tarxien issemmiet triq għal dan il-qassis għaref; din tinsab qrib is-Salib tad-Dejma fi Triq San Tumas. Ritratt tiegħu jinsab fis-sagristija tal-kappella tal-Madonna ta' l-Abbandunati, il-Wardija. Mons. Professur Karm Sant ħa ħsieb li jagħmel kopja tiegħu fl-uffiċju tal-kappillan, li hemm fis-sagristija tal-knisja Marija Annunzjata ta' Ħal Tarxien.

Tkun ħaġa xierqa kieku kellha titwaħħal lapida mal-ħajt tad-dar fejn dan il-qassis għaref twieled, għex u miet; dar li kif għedna tinsab fil-ġenb tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien, magħrufa bħala id-Dar ta' Ganà.

**Noti**

1 Karm Sant, *Tarxien* (Għadd 79), p.10.

2 D.A. Agius, *Malta, Ċentru għat-Tagħlim tal-Għarbi fil-Mediterran* (KKM, nru 102), p.1.

3 ibid., p.6.

6

# Ħidmiet l-Akkademja

# Il-Ħidma ta' l-Akkademja tal-Malti favur l-Ilsien Malti

**Lejn Tisħiħ ta' l-Identità Nazzjonali permezz ta' l-Ilsien Malti**
**Memorandum għas-seklu XXI imħejji mill-Akkademja tal-Malti**

Charles Briffa B.A. (Hons), Dip. Ar., PGCE, M.A., Ph. D. (President)
Carmel Azzopardi B.A. (Gen.), M.A. Dip. Educ. (Adm & Mgt) (Segretarju)
Mario Serracino Inglott B.A. (Econ.), RCA, WSA (Harrow) (Membru tal-Kunsill)[1]

F'laqgħa li l-president ta' l-Akkademja tal-Malti kellu, nhar il-21 ta' Lulju 2000 fid-9.00 a.m. fil-Palazz il-Belt, ma' l-Onorevoli Dr Louis Galea, Ministru ta' l-Edukazzjoni, l-Akkademja ġiet mistiedna tħejji memorandum li kellu jinkludi abbozz ta' Liġi għal aktar tisħiħ ta' l-Ilsien Malti. Fil-laqgħa tal-Kunsill ta' l-istess jum il-membri ħatru sotto-kumitat, magħmul mit-tliet membri msemmija hawn fuq, biex jaħdem fuq dan il-memorandum. Ix-xogħol beda minnufih u saru: sessjonijiet sħaħ ta' tiftix fil-Biblijoteka Nazzjonali l-Belt, fil-Melitensja ta' l-Università, u fl-Arkivji ta' Santu Spirtu r-Rabat; riċerki fuq l-internet u f'kotba relevanti; kuntatti ma' xi persuni li setgħu b'xi mod jgħinu f'din il-biċċa xogħol; u diskussjonijiet fuq il-materjal miġbur. Ix-xogħol kollu tlesta fil-25 ta' Settembru 2000 u tressaq quddiem il-Kunsill nhar id-29 ta' Settembru 2000. F'din il-laqgħa, il-Kunsill unanimament għadda r-rapport kif ippreżentat hawnhekk.

## Introduzzjoni

Fil-kuntest tal-globalizzazzjoni li qed iseħħ fi żmienna wasal iż-żmien li l-Akkademja tal-Malti[2] (qabel magħrufa bħala l-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*), li fis-seklu XX kienet għaqda volontarja, tingħata funzjoni regolatorja[3] dwar il-kitba u l-użu ta' l-Ilsien Malti u ssir enti pubblika, b'personalità legali distinta minn dik ta' l-istat. Din il-funzjoni tissokta ssaħħaħ l-Ilsien Malti bħala dritt uman ta' nazzjon u tissokta sseddaq l-identità ta' ġensna.

Dan il-memorandum jittratta dawn is-suġġetti:[4]

- Għaliex l-Akkademja tal-Malti?

- Il-Ħakma ta' l-Ilsien Nazzjonali
- L-Akkademji tal-Lingwi
- L-Għanijiet ta' l-Akkademja tal-Malti
- L-Appoġġ tal-Gvern fl-1924
- Għarfien Uffiċjali fl-1932 u fl-1934
- Aktar Għarfien Uffiċjali fl-1984 u fl-1992
- Rispett Uffiċjali lill-Akkademja
- Il-Bżonnijiet tal-Lum
- Struttura

**Għaliex l-Akkademja tal-Malti?**

Għaliex għandha tkun l-Akkademja tal-Malti li jkollha din ir-responsabiltà? It-tweġiba fil-qosor hija għax l-Akkademja tal-Malti hija laboratorju demokratiku. Bl-itwal tradizzjoni ta' ħidma favur l-Ilsien Malti u l-Letteratura Maltija, l-Akkademja dejjem gawdiet ir-rispett tal-gvernijiet (Kolonjali, Nazzjonalista, u Laburista) u l-fiduċja tal-poplu sħiħ, u fl-istess ħin baqgħet maqtugħa mill-politika partiġġjana u ġibdet biss lejn l-ideal nazzjonali. L-awtonomija tagħha kienet il-qawwa tagħha u fil-preżent qiegħda sservi biex toħloq xibka ta' kuntatti ma' oqsma essenzjali fis-soċjetà ħalli jinżamm u jitħares il-wirt lingwistiku.

L-Akkademja tal-Malti, li tul it-tmenin sena ta' ħajja li kellha kisbet identità ta' għaqda nazzjonali, qed tissokta tħabrek sabiex il-pajjiż ma jintrikibx mill-indifferenza: dan kien l-għan ewlieni tas-seminar "Ilsien Qadim f'Millennju Ġdid" li l-Akkademja, b'kollaborazzjoni mal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, organizzat f'Novembru ta' l-1999. Bl-Akkademja nibqgħu konxji ta' lsienna u l-iżvilupp tiegħu f'ġejjieni kumpless.

Tul il-biċċa l-kbira tas-seklu XX l-Akkademja serviet bħala l-istituzzjoni ewlenija li rawmet fil-poplu r-rispett lejn l-ilsien u d-dritt li dan l-ilsien jgħix fil-libertà u fil-paċi. Kienet l-Akkademja li sostniet, b'mod konsistenti għal tmien deċennji sħaħ il-ħtieġa li l-Malti jkollu s-sigurtà soċjali f'pajjiżu f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-użu u ma' l-iżvilupp tiegħu - żvilupp li seħħ l-ewwel bl-istandardizzar ta' l-ortografija u l-għarfien uffiċjali tagħha, imbagħad bit-tħabrik għall-użu aktar tal-Malti f'kull qasam, u fl-aħħar bl-għarfien kostituzzjonali tal-Malti bħala l-ilsien nazzjonali u lingwa uffiċjali.

Fil-preżent l-Akkademja għadha tieħu l-ilsien Malti b'impenn u qed tħares lejn l-użu tal-Malti bħala parti mid-demokrazija u bħala aspett mir-responsabiltà tan-nazzjon biex jikkultiva l-wirt nazzjonali u kulturali. Jiġifieri l-Akkademja tagħraf l-importanza li żżomm l-irbit lingwistiku tradizzjonali ħalli tissaħħaħ l-identità kulturali tal-pajjiż. U dan fid-dawl tal-politika tad-differenza li teżisti kullimkien fid-dinja, għax illum il-ġurnata hawn enfasi kbira fuq x'jagħżel poplu minn ieħor: fuq it-tradizzjoni, l-identità, u l-awtentiċita'. Imma l-Akkademja tifhem ukoll li l-ilsien Malti jeħtieġ iwieġeb għar-realtajiet u l-isfidi tas-soċjetà Maltija li trid tipparteċipa f'dinja kumplessa li tagħraf il-ħtieġa tal-globalizzazzjoni u l-interdipendenza. Sadattant tinħass sewwa l-ħtieġa li pajjiżna jibqa' miexi ċ1 quddiem bl-identità nazzjonali tiegħu minkejja l-pressjoni ta' din il-globalizzazzjoni u tas-soċjetajiet multi-kulturali u pluralistiċi.

Dan kollu jeħtieġ jidħol fl-isfera storika u soċjali ta' Malta.

## Il-Ħakma ta' l-Ilsien Nazzjonali

Qabel nibdew nistaqsu lilna nfusna: hemm bżonn li l-lingwa nazzjonali tiġi kkontrollata jew imħarsa? F'soċjetà normali, il-kontroll fuq il-lingwa mitkellma (ukoll meta nirreferu għal-lingwa uffiċjali) huwa diffiċli u ftit jista' jirnexxi. Bosta drabi l-poplu jagħmel il-lingwa u jibdilha skond il-ħtieġa u l-moda. Il-lingwa tinbidel, u hija ħaġa normali li tinbidel għax aktar hemm konvenzjoni milli loġika fl-użu tal-lingwa. Ukoll meta ngħidu hekk, irridu noqogħdu attenti minħabba l-bilingwiżmu. Sa fejn għandna naslu bl-influwenza ta' lingwa fuq oħra? Il-proċess ta' taħlit tal-kodiċi huwa aċċettat f'kull sitwazzjoni? U rridu nqisu fenomenu ieħor tas-soċjetà kontemporanja: ix-xandara bl-użu tal-lingwa tagħhom qegħdin jinfluwenzaw lill-poplu. Mela jista' jkun li huma x-xandara li qegħdin ibiddlu l-lingwa u jxerrdu, b'mod ħafif, il-bidla. Hemm ukoll il-Liġi li tiddetermina ċerti forom (bħall-ismijiet ta' l-ibliet u l-irħula) li mbagħad jinfiltraw fiċ-ċirkulazzjoni.

Mentri l-kontroll fuq il-lingwa miktuba huwa anqas diffiċli. Dan jitlob osservanza sħiħa tar-regoli tal-kitba li min-naħa tagħhom jitolbu aktar ħsieb laborjuż fil-produzzjoni. Il-mistoqsija hawnhekk għandha tkun: sa fejn għandna naslu bl-influwenza tal-mitkellem fuq il-miktub? Żgur li rridu nżommu f'moħħna l-prinċipju kardinali li meta l-ksur tar-regoli jsir spiss is-sistema tista' tiġġarraf (bħal f'kodiċi legali). Hemm baħar x'jaqsam bejn għarfien ta' bidla kontinwa fil-lingwa u tisħiħ tal-proċess biex kulħadd jitkellem kif irid.

Il-fatt ukoll li bosta drabi n-nies jitolbu gwidi ta' kif jinqdew bil-lingwa, gwidi li juru l-espressjoni "korretta" jew l-aħjar mod ta' kif tgħid jew tifhem ħaġa, jindika li għandu jkun hemm xi element ta' kontroll (anki jekk ikun f'għamla ta' gwida) għax dejjem hemm limitu fuq il-livell ta' libertà u x-xorta ta' libertà li titħalla. Pereżempju, nistgħu naqtgħuha li l-użu ta' "dwar" u "fejn" għandu jitħalla meta jieħdu post "fuq" u "meta"; imma l-bidla fil-ġens ta' dak li hu stabbilit ("dan ix-xemx") m'għandux jitħalla.

Mela ma rridux ngħidu li kollox jgħaddi, li m'għandux ikun hemm standards. Irridu ngħidu li għandu jkun hemm standards li huma ta' għajnuna (mhux ta' tfixkil). Il-korrettezza fl-użu edukat tal-lingwa hija ta' għajnuna għax huwa użu aċċettabbli aktar u komunikabbli aktar minn dak l-użu meqjus skorrett minn xi wħud. Li tikkundanna xi użu partikulari (ngħidu aħna, it-tliħħin ta' l-akka fil-pronom mehmuż tal-femminil) bosta drabi ma jkunx realistiku u ta' għajnuna, għax huwa użu li jeżisti u li jista' joħloq distinzjonijiet li mhux ta' min iwarrabhom.

Mela t-tweġiba għal dik l-ewwel mistoqsija għandha tkun: hemm bżonn ta' kontroll bil-qies u dan għandu jiġi b'mod uffiċjali ħalli jnissel fiduċja fin-nies. Il-lingwa trid tespandi b'mod naturali, imma fil-kuntest Malti (fejn jeżisti l-bilingwiżmu) il-kontroll irid isir fuq iż-żewġ lingwi - il-Malti u l-l-Ingliż - biex nevitaw dak li ġara fl-imgħoddi meta t-Taljan kien il-lingwa uffiċjali u kulturali ta' Malta u l-Malti kien biss il-lingwa tal-poplu ż-żgħir u fqir.

## L-Akkademji tal-Lingwi[5]

Issa, kif jista' l-kontroll fuq il-lingwa jkun uffiċjali u meqjus? L-istat jista' jikkontrolla jew iħares il-lingwa uffiċjali b'diversi modi, ngħidu aħna:

- ikun dittatorjali u jinqeda bil-Liġi biex min jikser ir-regoli uffiċjali jkollu jsofri xi piena: il-periklu hawnhekk huwa li jista' jkun hemm kontroll fuq il-lingwa li jwassal għal kontroll fuq il-ħsieb sabiex jintrebaħ xi vantaġġ politiku, u allura dan il-mod jaf imur kontra l-libertà tal-bniedem;
- jikkontrolla l-lingwa fix-xandir: pereżempju jelimina kull lingwa offensiva u goffa biex ma tinxteridx mas-semmiegħa, telespettaturi, u qarrejja; fi kliem ieħor, ix-xandar jitħalla jxandar biss dak li jaħseb li hu normali u aċċettabbli għas-soċjetà; f'dan il-każ ix-xandir ma jibqax jirrifletti l-lingwa reali tal-poplu;
- jinfluwenza lil min jikkompila d-dizzjunarji, jikteb xi grammatika, jeditja u jippubblika kotba u rivisti: dan jista' jsir permezz ta' għaqdiet professjonali ta' qarrejja tal-provi u edituri; hawnhekk ukoll jista' jkun hawn l-eliminazzjoni ta' aspetti reali fl-użu tal-lingwa;
- jippermetti aġenziji (bħall-edukazzjoni, ix-xandir, l-industrija, is-sistema bankarja, u l-kumplament) li jfasslu l-kontroll tagħhom sa ma fl-aħħar dan il-kontroll isir uffiċjali bl-użu; fil-każ ta' Malta, hekk ġara fil-Kurrikulu Minimu Nazzjonali (1999) li speċifika l-funzjoni tal-Malti u ta' l-Ingliż fl-iskejjel;
- jinkuraġġixxi l-eżistenza ta' akkademja tal-lingwa biex tifli lsien il-poplu u żżomm speċi ta' kontroll uffiċjali/ semi-uffiċjali jew għallanqas tapprova elementi ġodda li jidħlu minn barra.

Nifthu daqsxejn fuq dan l-aħħar punt.

Fl-Ewropa nsibu diversi akkademji tal-lingwi li twaqqfu minn żmien għal ieħor. B'eżempju nsemmu dawn li ġejjin (bid-dati ta' meta twaqqfu):

- l-akkademja Taljana (Accademia della Crusca ta' Firenze: 1552; Accademia dell'Arcadia ta' Ruma: 1690)
- l-akkademja Ġermaniża (Fruchtbringende Gesellschaft: 1617)
- l-akkademja Franċiża (Academie Francaise: 1634)
- l-akkademja Spanjola (Real Academia Espanola: 1714)
- l-akkademja Svediża (1786)
- l-akkademja Ungeriża (1825)
- l-akkademja Rumena (1879)
- l-akkademja Ingliża (British Academy: 1901; fl-1712, Swift, Pope, u Congreve ippruvaw jiffurmaw waħda imma għal xi raġuni l-idea mietet fuq ommha)
- l-akkademja Baska (mingħajr għarfien legali: 1918)
- l-akkademja Maltija (l-Akkademja tal-Malti: 1920; qabel kien hemm l-Akkademja Filoloġika Maltija (1843) u x-Xirka Xemija (1880); l-Akkademja tal-Malti bniet fuq dawn it-tnejn u allura hija kontinwazzjoni tagħhom)

F'naħiet oħra tad-dinja nsibu:

- l-akkademja Russa (1783)
- l-akkademja Kolombjana (Academia Hispano-Colombiana de la Lengua: 1817)
- l-akkademja Venezweljana (Academia Venezolana de la Lengua, 1882)
- l-akkademja Ċilena (Academia Chilena de la Lengua: 1885)

- l-akkademja Amerikana (American Academy of Arts and Letters: 1904)
- l-akkademja Ebrajka (1953)

Akkademja tal-lingwa għandha ħafna potenzjal u siwi. Tista' sservi biex tiddeskrivi l-użu attwali tal-lingwa u tikkritika ksur eċċessiv ta' regoli stabbiliti (bħalma tagħmel l-akkademja Franċiża); tista' sservi ta' ċentru għar-riċerka fuq il-lingwa (kif qed tagħmel l-akkademja Taljana); tista' tkun il-korp awtoritattiv fuq il-lingwa (bħalma hi l-akkademja Spanjola); tista' ssaħħaħ id-dritt uman li pajjiż ikollu lsien nazzjonali (bħalma għamlet u għadha qed tagħmel l-akkademja Maltija); u tista' sservi ta' pulizija fuq forom korretti, mislufa, u arkajċi (kif inhi l-akkademja Ġermaniża). Ġeneralment akkademja tal-lingwa jkollha sehem kbir fl-istandardizzar ta' l-ilsien tal-pajjiż u fil-promozzjoni tal-letteratura nazzjonali. Illum il-ġurnata, il-biċċa l-kbira ta' dawn l-akkademji jitqiesu b'rispett mill-awtoritajiet u mill-poplu u saru parti mill-istituzzjonaliżmu. Akkademja tal-lingwa jista' jkollha sehem ewlieni f'xi deċiżjoni fuq ilsien il-poplu bħalma kellha l-Accademia della Crusca meta fl-1862 għaddiet is-suġġerimenti tagħha dwar it-Taljan standard lill-kummissjoni mmexxija minn Alessandro Manzoni; u bħalma kellha wkoll l-Akkademja tal-Malti meta taħt il-presidenza ta' Dun Karm ħabirket sabiex l-ortografija tagħha tkun uffiċjali - ħaġa li ġiet fl-1934.

L-aħjar idea li nistgħu nieħdu ta' akkademja tal-lingwa hija mill-Academie Francaise. L-akkademja Franċiża, limitata għal 40 membru biss, bdiet bħala għaqda informali ta' xi dilettanti, imma l-awtoritajiet mill-ewwel intebħu x'potenzjal kellha u appena saret għaqda formali l-parlament Franċiż approvaha. Wieħed mill-għanijiet tagħha fil-bidu kien li tistandardizza l-lingwa biex din tkun tista' tintuża fil-letteratura u x-xjenza u tkun tista' taqdi sew lill-gvern. Ippruvat ukoll tikkontrolla l-istil letterarju imma ma tantx kellha suċċess. Ħarġet regolarment id-dizzjunarju tagħha biex turi l-ortografija u tirreġistra xi bidliet ortografiċi, imma fejn tidħol korrettezza grammatikali ma tantx kellha suċċess tant li meta stampat il-grammatika tagħha fl-1932 irċiviet bosta kritika mil-lingwisti. Fil-preżent xogħolha huwa li tieħu ħsieb l-użu tal-lingwa u tikkritika lill-gvern f'dak li tarah eċċessiv. Tqassam ukoll xi premjijiet letterarji. Ta' min iżid ma' dan li l-akkademja Ġermaniża ta' Weimar ippruvat fil-bidu tnaqqi l-lingwa standard biex ma jkollhiex aspetti djalettali u allura bdiet tiddeċiedi x'kellu jkun korrett u skorrett fil-lingwa. Kienet tifli s-self minn lingwi oħra u tara x'sehem kellhom l-arkaiżmi fil-lingwa attwali.

Dawn l-akkademji mhux dejjem ikunu effettivi. Kulmeta jkollhom xi membri prestiġjużi x'aktarx li l-vuċi tagħhom se tinstema'; imma meta ma jkollhomx membri prestiġjużi, l-awtoritajiet ftit li xejn jagħtu widen għall-ideat tagħhom. Għandhom it-tendenza li jkunu puristi u kultant jaraw il-bidla fil-lingwa bħala korruzzjoni, għax donnu hemm fihom bixra elitista u konservatista li titqies neċessarja bħala kontroll fuq l-iżvilupp tal-lingwa.

## L-Għanijiet ta' l-Akkademja tal-Malti

Il-ħtieġa soċjali tas-seklu XIX biex ikun hemm ortografija tal-Malti standardizzata wiritha s-seklu XX li welled lill-Akkademja tal-Malti formalment fl-14 ta' Novembru 1920 biex jissawwar alfabett Malti fuq sisien xjentifiċi, biex jingħaqdu l-kittieba tal-Malti, u biex tinbena letteratura xierqa għall-Maltin.[6] Dawn it-tliet għanijiet intlaħqu u nistgħu nfissruhom hekk:

- *biex jissawwar alfabett Malti fuq sisien xjentifiċi* - "Dan l-alfabett[7] ġie mfassal fuq l-istess ħsieb ta' Zerafa, ta' Vassalli, tax-Xirka Xemija, u saħansitra ta' Panzavecchia, u fuq kollox ta' nies għorrief fl-ilsna ta' xeħta waħda bħal tal-Malti,"[8] jiġifieri tfassal billi ntgħamel użu mill-esperimentazzjoni tas-seklu XIX u ġew studjati sistemi ortografiċi ta' ilsna semitiċi oħra;
- *biex jingħaqdu l-kittieba tal-Malti* - fost il-membri ta' l-Akkademja nsibu l-aqwa personalitajiet letterarji tas-seklu XX: Ġużè Muscat Azzopardi, Dun Karm, Ninu Cremona, P.P. Saydon, Ġużè Aquilina, Temi Zammit, Rużar Briffa, Ġużè Bonnici, Anton Buttigieg, Ġużè Galea, l-Imħallef Wallace P. Gullia, Erin Serracino Inglott, Francis Ebejer, Ġużè Chetcuti, Achille Mizzi, Frans Sammut, Oliver Friggieri, Lino Spiteri, Rena Balzan, Kilin, l-ex-President Ugo Mifsud Bonnici, Oreste Calleja, u ħafna oħrajn;[9]
- *biex tinbena letteratura xierqa għall-Maltin* - fir-rivista ta' l-Akkademja, *Il-Malti*, li ilha toħroġ mill-1925, insibu minjiera ta' materjal siewi.

Il-ħtieġa soċjali tas-seklu XXI hija ta' ħidma kulturali li tħares il-wirt lingwistiku u letterarju u fl-istess ħin tibni programm nazzjonali matur li jinkludi l-ambjent attwali, jiġifieri ambjent li jqis il-qagħda bilingwa u li qed iġarrab bidliet importanti minħabba li n-nazzjon irid jissieħeb f'komunitajiet akbar. L-Akkademja lesta li tidħol għal din il-ħidma b'appoġġ akbar mingħand il-Gvern.

Tul it-tmenin sena li ilha ħajja l-Akkademja dejjem gawdiet l-appoġġ tal-Gvern.

## L-Appoġġ tal-Gvern fl-1924

L-Akkademja, fit-18 ta' Diċembru 1921, ressqet l-alfabett fonetiku propost quddiem laqgħa ġenerali u wara ħatret kummissjoni ħalli titfassal grammatika xierqa. Fis-7 ta' Mejju 1922 għadda l-ewwel statut u fl-1924 tlesta x-xogħol fuq il-grammatika minn Ninu Cremona u Ġanni Vassallo. Din il-grammatika ssejħet it-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*. Imma billi l-Akkademja ma kellhiex finanzi, saret talba biex joħroġ l-ispejjeż il-gvern. "Wara ħafna talb u taħbit ieħor li ma sewa għalxejn, is-sur Turu Mifsud, li dik il-ħabta kien Membru fil-Parlament u li hu Viċi-President tal-Għaqda tagħna qala' fis-Seduta tat-22 ta' Novembru 1923 li l-Gvern jistampah fl-istamperija tiegħu."[10]

Biex tippopolarizza l-ortografija tagħha, fl-1925 l-Akkademja bdiet toħroġ rivista, *Il-Malti*. Minkejja li dik il-ħabta l-kwistjoni tal-lingwa kienet għadha tbaqbaq ġmielha, l-Akkademja ma riditx li jkollha x'taqsam mal-politika biex ma twaqqa' qatt il-lealta' tagħha lejn din l-art ħelwa u lsienha. Għalhekk, fl-ewwel editorjal ta' *Il-Malti*, Ġużè

Muscat Azzopardi kiteb li l-"kittieba ta' kull lewn u ta' kull bixla, merħba bihom kollha: imma, qabel ma jirfsu l-għatba ta' darna, iridu jinżgħu kull ġibda li tbiegħed minn ħsiebna u jħalluha wara l-bieb ta' barra, għax inkella ma nkunux nistgħu nilqgħuhom, inqas jekk ikunu l-aqwa ħbieb ta' l-ilsien Malti u tagħna nfusna."[11]

## Għarfien Uffiċjali fl-1932 u fl-1934

Fil-5 ta' Diċembru 1929, l-Akkademja talbet lill-Gvern biex jagħraf l-ortografija tagħha b'mod uffiċjali billi jibda juża din is-sistema fil-pubblikazzjonijiet tiegħu bil-Malti. Imma ma ttieħdet ebda deċiżjoni fuq din it-talba.[12] Tliet snin wara, jiġifieri fl-1932 il-Gvern daħħal l-ortografija ta' l-Akkademja fl-iskejjel, imma fis-6 ta' Settembru 1932 il-Ministru tat-Tagħlim Pubbliku ħareġ ordni li l-Malti kellu jinkiteb kif jitkellmuh u kif jinħass fuq il-widna u bħala għajnuna għat-Taljan. U allura l-ortografija ta' l-Akkademja kellha titwarrab mill-iskejjel. L-Akkademja flimkien ma' seħbitha l-Għaqda tal-Malti (Università) ipprotestaw.

Sadattant reġa' ħa t-tmexxija f'idejh il-Gvern Kolonjali u saret talba oħra biex il-Gvern jagħti għarfien uffiċjali lill-ortografija ta' l-Akkademja. Ir-risposta ġiet mingħand il-Gvernatur Sir Harry Luke li minn dak in-nhar, it-2 ta' Jannar 1934, l-ortografija ta' l-Akkademja kellha tibda tintuża fil-pubblikazzjonijiet kollha tal-Gvern u tibqa' tintuża fl-iskejjel. Mit-2 ta' Jannar 1934 il-*Gazzetta tal-Gvern* bdiet tinqeda bl-ortografija ta' l-Akkademja. Aktar tard, fit-28 ta' Settembru 1934, insibu ċirkulari maħruġa mill-Uffiċċju tal-Gvernatur li tgħid li fis-servizz pubbliku kellha tintuża l-ortografija ta' l-Akkademja.

Id-deċiżjoni tal-Gvernatur li mit-2 ta' Jannar 1934 tibda tintuża l-ortografija ta' l-Akkademja kienet fatt storiku li bosta studjużi rreferew għalih.

Mill-1934 l-ortografija ta' l-Akkademja nfirxet ma' kullimkien u meta, fis-sena skolastika 1937-38 issawwar l-ewwel sillabu tal-Malti għall-Matrikola, il-kandidati li riedu jidħlu l-Università kellhom jgħaddu minn eżami tal-Malti u juru li jafu r-regoli ta' l-ortografija ta' l-Akkademja.[13]

## Aktar Għarfien Uffiċjali fl-1984 u fl-1992

Maż-żmien bdiet tinħass il-ħtieġa li jiżdiedu xi regolamenti li jitkellmu fuq il-kliem ġdid li daħal mill-għoxrinijiet 'l hawn. Tfasslu xi ideat mill-Kummissjoni tal-Lingwa ta' l-Akkademja u mbagħad tressqu, fl-14 ta' April 1984, għal seminar ta' diskussjoni taħt il-presidenza tas-S.T. l-Imħallef Dr Wallace Ph. Gulia. Ir-riżultat kien il-pubblikazzjoni taż-*Żieda mat-Tagħrif: L-Ortogarfija ta' Neoloġiżmi Anglo-Sassoni u Rumanzi fil-Malti*.[14] L-Akkademja minnufih talbet lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Dr Karmenu Mifsud Bonnici, għall-għarfien uffiċjali u dan l-għarfien wasal bla dewmien. Mhux talli hekk imma l-aġent Direttur ta' l-Edukazzjoni ħareġ iċ-Ċirkulari Nru 5/85 (7 ta' Jannar 1985) għall-kapijiet ta' l-iskejjel kollha governattivi u privati jirrakkomanda ż-*Żieda* u jfakkar lil kulħadd fuq it-*Tagħrif*.

Kif waslu d-disgħinijiet inħass li kellu jkun hemm aġġornament ieħor. Saret il-proċedura tas-soltu bil-kummissjoni u s-seminar u r-riżultat kien il-ħruġ fl-1992 ta' l-*Aġġornament tat-"Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*.[15] Din il-pubblikazzjoni ħarġet

bil-għajnuna tal-Ministru ta' l-Edukazzjoni u r-Riżorsi Umani u ġiet stampata fl-Istamperija tal-Gvern. Il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Dr Ugo Mifsud Bonnici, ta saħħa uffiċjali lill-*Aġġornament* u ċċirkolah mal-għalliema għall-ġid ta' l-istudenti.

L-Akkademja, permezz tal-Kummissjoni Lingwa, baqgħet tħabrek u fl-1998 ħarġet ir-regoli mqassra fi ktieb wieħed: *Regoli tal-Kitba tal-Malti*. Dan kien maħsub għat-tfal ta' l-iskola, għax-xandara, għall-kittieba ta' kull bixra, għad-dipartimenti, u għal dawk kollha li jridu jtejbu l-kitba bil-Malti. Jeħtieġ li dan il-ktieb jidħol f'dawn l-oqsma kollha b'mod aktar uffiċjali.

Ta' min ifakkar li kulmeta jinħatar kunsill ġdid ta' l-Akkademja (jiġifieri kull sentejn) dan jitħabbar fil-*Gazzetta tal-Gvern* b'avviż legali.

Ngħidu wkoll li "Is-Sillabu tal-Malti: Junior Lyceums u Sekondarji: Mill-Ewwel sal-Ħames Klassi" jinsisti kull sena fuq it-tagħlim ta' l-ortografija kif imfissra u aġġornata mill-Akkademja tal-Malti.[16]

## Rispett Uffiċjali lill-Akkademja

Għal ċertu żmien l-Akkademja kienet tirċievi sussidju nominali mingħand il-Gvern.[17]

Il-membri tal-Kunsill ta' l-Akkademja kienu mistiedna biex jiltaqgħu mal-President tar-Repubblika fiż-żmien tal-ħatra rispettiva tagħhom: E.T. is-Sur Pawlu Xuereb, Dr Vincent Tabone, Dr Ugo Mifsud Bonnici, u l-Professur Guido De Marco.

Fl-1995 il-President Mifsud Bonnici offra lill-Kunsill ta' l-Akkademja l-użu tal-Kamra ta' l-Avukati fil-Palazz tiegħu l-Belt għal-laqgħat ta' darba fix-xahar tal-Kunsill.[18] Il-President ta' l-Akkademja kien Achille Mizzi li dik il-ħabta kien ukoll is-segretarju personali tal-President Mifsud Bonnici.

Fl-1996 il-Prim Ministru, Dr Alfred Sant, talab lill-Akkademja biex tħejji abbozz ta' Liġi dwar l-ilsien Malti. Il-kunsill ta' l-Akkademja, taħt il-presidenza ta' Achille Mizzi (u s-Segretarju Frans Sammut li dik il-ħabta kien ukoll is-segretarju personali ta' Dr Sant) għamlel sentejn jaħdem fuq att biex jitħares l-ilsien nazzjonali u fl-istess waqt ħadmet biex l-istatut tagħha jinbidel skond it-termini ta' dan l-att. Dan ix-xogħol li kien wasal biex jintemm qatt ma tressaq quddiem l-awtoritajiet minħabba l-bidla fil-Gvern li kien hawn fl-1998.

Mal-ħatra tal-President De Marco, l-offerta biex il-Kunsill ta' l-Akkademja jibqa' jiltaqa' fil-Palazz il-Belt iġġeddet.

Fl-1999 il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Dr Louis Galea, ta appoġġ sħiħ lis-seminar "Ilsien Qadim f'Millennju Ġdid" li organizzat l-Akkademja f'Dar il-Mediterran nhar it-13 ta' Novembru 1999. Il-*papers* li nqraw u xi kummenti siewja ta' l-udjenza f'dan is-seminar inġabru fi ktieb *Ilsien Qadim f'Millennju Ġdid* (2000) li ġie ffinanzjat mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni.

Fis-sena 2000 saru bosta ħwejjeġ li jkattru l-istima ta' l-Akkademja:

- l-Akkademja ġiet ikkonsultata mis-Central Information Management Unit ta' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru sabiex titfassal *keyboard* Maltija;
- fuq talba tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u l-Kultura, l-Akkademja fasslet pjan ta' kultura bl-isem "Politika dwar il-Lingwa Maltija u l-Letteratura Tagħha" li ntbagħat lill-uffiċjal kulturali tal-Ministeru;
- il-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin talab lill-Akkademja tinnomina l-aħjar xogħol

klassiku bil-Malti tas-seklu XX biex jirrappreżenta l-letteratura Maltija f'Madrid; intgħażel ix-xogħol ta' Dun Karm bil-Malti li ntbagħat lis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin li kellu jgħaddih lill-Ambaxxata Maltija ġewwa Madrid sabiex jidħol fil-*Casa Municipal de Cultura* f'Madrid ħalli jirrappreżenta l-Letteratura Maltija fir-reġjun Ewro-Mediterranju;

- l-Akkademja qiegħda tagħmel parti mill-Kumitat Nazzjonali tas-Sena Ewropea tal-lingwi (2001) li għandu l-għan li jseddaq il-prinċipji demokratiċi li jridu jsaħħu l-wirt kulturali u lingwistiku ta' l-Ewropa u jxettel atmosfera interattiva f'kontinent multikulturali u multilingwu.
- qegħdin jissaħħu l-kuntatti ma' l-emigranti Maltin: ta' l-Awstralja jixtiequ jkollhom fergħa ta' l-Akkademja hemmhekk; saru kuntatti ma' *Cercel Vassalli* (għaqda ta' nies b'konnessjonijiet Maltin li tinteressahom il-kitba bil-Malti) ta' Pariġi fuq ħidma bilaterali.[19]

## Il-Bżonnijiet tal-Lum

Il-ħsad huwa ħafna imma l-ħaddiema ftit.

Hemm diversi fatturi li wieħed irid iqis meta jiġi biex jara x'inhuma l-bżonnijiet tal-lum aħna u nħarsu lejn il-futur. Insemmu xi wħud minnhom.

- Minħabba l-bilingwiżmu trabbew ċerti attitudnijiet kontra l-Malti. Dan il-fattur qiegħed jinfluwenza t-tagħlim tal-Malti: hemm xi wħud li qegħdin ikunu sfurzati biex jitgħallmuh bir-riżultat li bosta minnhom jeħlu mill-eżami taċ-Ċertifikat għall-Edukazzjoni Sekondarja. Filwaqt li bl-Ingliż iħossuhom li jistgħu javvanzaw soċjalment, bil-Malti jħossuhom li m'għandhomx sigurtà biżżejjed. Għaldaqstant *hemm il-ħtieġa li jinqerdu dawn l-attitudnijiet negattivi kontra l-Malti* għax jistgħu jaffettwaw l-użu komuni ta' l-ilsien nazzjonali.
- L-iżolament ta' Malta qiegħed kulma jmur jonqos minħabba l-politika (il-mixja għal tisħib f'komunitajiet akbar), il-kummerċ (it-tpartit ekonomiku ma' nħawi oħra), u t-teknoloġija (l-internet). Dan ifisser li qed ikun hemm bosta influwenzi politiċi u ekonomiċi fuq il-Malti li jistgħu jnaqqsulu l-importanza tiegħu fil-Gżejjer Maltin. Mhux għax huwa nieqes lingwistikament, imma għax il-ġenerazzjonijiet il-ġodda qed ifittxu li jinqdew bih anqas u anqas. Mela għad *hemm il-ħtieġa li l-poplu jagħraf id-dritt tan-nazzjon għal ilsienu u li jissaħħu l-aspetti kulturali.* Il-Malti jinsab fil-qalba ta' l-identità kulturali li trid tikkontribwixxi għad-diversità kulturali li d-dinja qed tħambaq fuqha. Mela t-tradizzjoni trid titħares biex ma tintilifx.
- Kull lingwa għandha l-ġrajja tagħha u allura hija maħżen uniku ta' għerf, kunċetti, u esperjenzi ta' komunità li nġemgħu matul is-sekli. Ukoll fil-Malti hemm ħażna kbira ta' tagħrif li għad trid tiġi studjata. Għalhekk *hemm il-ħtieġa li nibqgħu nistudjaw il-Malti biex niskopru kemm nistgħu minn dan l-għerf maħżun.* Dan il-bżonn jisħaqq fuq il-ħarsien tal-wirt lingwistiku bħala għajn ta' studju.
- Għandu jkun hemm analiżi deskrittiva ta' l-użu attwali tal-Malti fl-oqsma differenti tas-soċjetà. Ngħidu aħna, ix-xandir qiegħed jinfluwenza ħafna l-użu komuni tal-Malti tant li spiss jiġu nnutati bidliet sintattiċi, verżjonijiet fonoloġiċi ġodda, u innovazzjonijiet lessikali u semantiċi; barra minn hekk, it-traduzzjonijiet ta' l-aħbarijiet mhux dejjem jipproduċu Malti li jinftiehem sew; fid-dipartimenti tal-

gvern qed isiru bosta traduzzjonijiet ta' termini mill-Ingliż u jeħtieġ ikun hemm standardizzazzjoni; il-lingwa tad-dokumenti legali ma tilħaqx lill-klijenti kollha; fl-edukazzjoni hemm il-ħtieġa ta' grammatika gradata għal kull sena tat-tagħlim fil-primarja u fis-sekondarja - din il-grammatika gradata għandha tasal biex tagħmel għażla ta' aċċettabilità fl-edukazzjoni[20], għażla li ma tkunx wisq preskrittiva. Jiġifieri, *il-ħtieġa hija ta' deskrizzjoni xierqa attwali ta' l-użu tal-Malti* li trid twassal biex ikollna lingwa aktar ċara u sempliċi (għandna nibdew b'kampanja għal-lingwa ċara u sempliċi fix-xandir), standardizzazzjoni fit-traduzzjoni u l-użu ta' termini tekniċi (forsi wasal ukoll il-waqt li jinbena bank tat-terminoloġija bil-Malti), u grammatika gradata għall-iskejjel (li tersaq lejn aċċettabilità fl-edukazzjoni formali mingħajr ma tkun preskrittiva żżejjed). Id-deskrizzjoni għandha tinkludi aspetti soċjali u psikoloġiċi li jiġbru fi ħdanhom tagħrif fonoloġiku, morfoloġiku, lessikali, sintattiku, u semantiku, l-akkwist u l-iżvilupp tal-lingwa, spjegazzjoni ta' reġistri, u dettalji fuq il-varjetajiet tal-lingwa.

- *Hemm bżonn ta' investiment kbir fil-letteratura Maltija.* Il-letteratura qiegħda tikkontribwixxi għall-ekonomija tal-pajjiż (ara dokument 12) u l-kultura letterarja Maltija tista' tkun mezz ta' divertiment f'oqsma turistiċi wkoll. Hawnhekk ukoll għad hawn ħafna xi jsir bħal riċerka fi żviluppi letterarji u stilistiċi, traduzzjonijiet ta' xogħlijiet Maltin, għajnuna għall-awturi, għarfien tal-letteratura tat-tfal, priservar ta' xogħlijiet klassiċi, u użu aktar ta' l-internet. Jista' wkoll jinħoloq, b'mod regolari, simpożju letterarju għall-istudji kritiċi.
- L-ortografija Maltija għandha l-karatteristiċi tagħha bħalma għandhom ortografiji ta' lingwi oħra. Aspett ewlieni fl-ortografija Maltija huwa l-alfabett li jinqeda b'sinjali dijakritiċi fil-każijiet taċ-"ċ", taż-"ż", tal-"ġ", tal-"ħ", u ta' l-aċċent "ì" fuq l-aħħar vokali meta aċċentwata li jrid jingħażel mill-apostrofi li fil morfoloġija Maltija għandu valur ta' għajn. Dawn il-karatteristiċi għandhom jibqgħu jintużaw il-ħin kollu u kullimkien kulmeta jinkiteb il-Malti. Imma spiss ninnutaw li fuq l-istazzjonijiet tat-televiżjoni, fil-gazzetti bl-Ingliż (meta jkollhom bżonn jiktbu xi kelma jew frażi bil-Malti), u f'xi ċirkularijiet uffiċjali dawn l-għeliem qed jitħallew barra bir-riżultat li l-alfabett Malti qed jiġi injorat. F'lingwi oħra jekk għeliem bħal dawn jitħallew barra jitqiesu bi żbalji; u allura anki fil-Malti għandu jkun hekk. Mela, *hemm il-ħtieġa li nħarsu l-ortografija Maltija.* Ma' din il-ħtieġa ta' min iżid li għandna bżonn ta' kompilazzjoni ta' kliem diffiċli biex il-pubbliku jkun jaf kif jispelli ċerti kliem: mhux dejjem din il-funzjoni jaqdiha d-dizzjunarju, u barra minn hekk din il-kompilazzjoni trid tkun aġġornata kontinwament minħabba l-kliem ġdid li qed jidħol b'ritmu mgħaġġel.

## Struttura

Biex nieħdu ħsieb dawn il-bżonnijiet kollha qegħdin nissuġġerixxu li l-Akkademja tal-Malti tingħata funzjoni regolatorja[21] dwar il-kitba u l-użu ta' l-Ilsien Malti u ssir enti pubblika, b'personalita' legali distinta minn dik ta' l-istat. Trid taħdem "full-time" u ma tridx tkun biċċa għodda f'idejn il-gvern. Irid ikollha funzjoni li twaqqaf lil min jabbuża u tikkritika lil min jipprova jiddetta kif għandha tiżviluppa l-lingwa mingħajr

l-approvazzjoni tal-lingwistiċi esperti. B'din il-funzjoni tkun tista' wkoll twettaq aħjar id-dmir li tħares il-wirt lingwistiku u letterarju, tiddeskrivi l-użu tal-lingwa, tistandardizza t-terminoloġija (teknika, xjentifika, amministrattiva, eċċ), u tikkontrolla t-traduzzjoni.

Imma l-Akkademja ma tistax taħdem waħedha.

Il-gvern għandu jagħraf id-dritt ta' l-Akkademja tal-Malti li toffri gwidi f'dak kollu li għandu x'jaqsam ma' l-użu tal-lingwa fl-oqsma soċjali kollha (eż. ix-xandir, il-ġurnaliżmu, il-banek, ir-riklamar, il-pubblikazzjonijiet, l-amministrazzjoni, il-politika, l-edukazzjoni, il-kummerċ, is-sinjali pubbliċi). Jeħtieġ għalhekk li l-Akkademja taħdem id f'id ma' istituzzjonijiet oħra bħall-Università, id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, u l-għaqda tal-ġurnalisti sabiex tistudja u tanalizza l-ħtiġijiet tal-lingwa. Għal dan il-għan hemm ħtieġa urġenti biex tinħoloq sistema li tassigura koordinament bejn kulħadd. It-twaqqif ta' konferenza permanenti (li tinvolvi l-istituzzjonijiet relevanti f'dan il-qasam) jista' tkun parti minn din is-sistema biex jagħti kontribut siewi lill-kultura f'dak kollu li jirrigwarda lil-lingwa Maltija. Din il-konferenza permanenti tlaqqa' kull sena lil kulmin hu kkonċernat biex jitressqu l-ideat fuq il-lingwa Maltija u l-letteratura tagħha, u għalhekk għandha twitti t-triq għal politika kulturali aġġornata. Din il-konferenza permanenti, taħt il-kappa ta' l-Akkademja, għandha tippjana u tippromwovi l-lingwa u l-letteratura. B'hekk ikun hemm aktar standardizzazzjoni u aġġornament meħtieġa għal sistema effiċjenti u moderna tal-lingwa. Tgħin ukoll sabiex iżżomm l-identità letterarja tal-Gżejjer Maltin u b'hekk tikkontribwixxi għall-kunċett ġenerali tad-diversita kulturali.

Is-suġġerimenti tagħna jidhru fl-abbozz imsejjaħ l-"Att biex Jitħares l-Ilsien Malti, l-Ilsien Nazzjonali", imma qabel xejn ta' min isemmi l-abbozz ta' Liġi msejjaħ l-"Att biex isaħħaħ il-qagħda ta' l-Ilsien Malti u l-Identità Nazzjonali Maltija" li kien tfassal xi ftit ta' snin ilu u għal xi raġuni qatt ma mexa.

**Noti**

1 Dawn it-tliet membri ntgħażlu biex jaħdmu fuq dan il-memorandum minħabba li għandhom konnessjonijiet mill-qrib ma' aspetti differenti ta' l-Edukazzjoni: Dr Charles Briffa huwa l-Uffiċjal Prinċipali tal-Lingwi fil-Matsec; Is-sur Carmel Azzopardi huwa assistant kap fil-Liċeo tal-Bniet *Maria Regina* (il-Blata l-Bajda); u s-sur Mario Serracino Inglott huwa għalliem fl-iskola tal-Knisja, il-Kulleġġ ta' *Stella Maris*.

2 Minn issa 'l hemm il-kelma "Akkademja" f'dan ix-xogħol tirreferi għall-Akkademja tal-Malti.

3 B' "funzjoni regolatorja" nifhmu t-tmexxija ta' kull ħaġa li għandha x'taqsam mal-lingwa, bħall-ħarsien tal-wirt lingwistiku u letterarju, studji analitiċi u deskrittivi ta' l-użu tal-Malti u tal-letteratura, monitorjar tal-lingwa fl-oqsma kollha tas-soċjetà, u l- għoti ta' pariri fuq elementi innovattivi fil-lingwa.

4 Ma' dan il-memorandum kien hemm ukoll ippreżentati d-dokumenti u l-abbozz ta' Liġi.

Hawnhekk tħallew barra minħabba l-ispazju.

5 F'din il-parti se nagħfsu fuq dawk l-akkademji li twaqqfu biex iħarsu l-lingwa u l-letteratura ta' pajjiż, u se nħallu barra dawk l-għaqdiet u s-soċjetajiet kollha li twaqqfu biex imexxu x-xogħlijiet ta' l-awturi u biex ikattru l-istudji u l-kritika letterarja.

6 Il-ġrajja f'aktar tul tat-tnissil ta' l-Akkademja tinsab fid-daħla, imsemmija "Kelmtejn ta' qabel fuq il-Kitba Maltija", tat-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* (Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, Stamperija tal-Gvern, Malta, 1924), p.xi-xix; Angela Fenech, *Analiżi tar-Rivista "Il-Malti" (1925-1969)*, teżi m'hix ippubblikata u ppreżentata fl-1974 għall-Grad ta' B.A. (Hons) fid-Dipartiment tal-Malti ta' l-Università ta' Malta, l-Ewwel Kapitlu; Frans Sammut, "Ħidmet l-Akkademja b'Riżq il-Malti", f'*Il-Malti* (Akkademja tal-Malti, Ottubru 1992), p.5-14.

7 L-ortografija ta' l-Akkademja għadha sal-lum magħrufa bħala "l-alfabett tal-Għaqda".

8 *Tagħrif* (1924), op.cit., p.xix.

9 Ara l-lista sħiħa tal-membri f'parti oħra ta' din il-ħarġa.

10 ibid., p.vi.

11 L-Akkademja għadha sal-lum iżżomm din il-bixla tal-ħsieb, jiġifieri li ma xxaqlibx lejn xi politika partikulari imma tħeġġeġ fiha biss il-missjoni tal-ġens li tħares u sseddaq l-identità nazzjonali permezz tal-lingwa u l-letteratura.

12 "Żewġ Anniversarji" f'*Il-Malti* (Akkademja tal-Malti, Jannar-Ġunju 1984), p.9.

13 *University Calendar* (1937-38), p.125.

14 Fil-qosor magħruf bħala ż-*Żieda* (1984).

15 Fil-qosor magħruf bħal l-*Aġġornament* (1992)..

16 Ara "Is-Sillabu tal-Malti: Junior Lyceums u Sekondarji: mill-Ewwel sal-Ħames Klassi" (Dipartiment ta' l-Edukazzjoni), p. 21, 34, 48, 62, 71.

17 Erin Serracino Inglott, *Il-Miklem Malti* Vol IX (Klabb Kotba Maltin, 1989), p.171.

18 Il-kamra li l-Akkademja għandha f'Palazzo Caraffa m'hix xierqa għax tinsab fi stat tal-biki ħafna.

19 Ninnutaw ukoll li l-kittieba Maltin iħossuh unur għalihom meta f'xi nota awtobijografika jniżżlu li huma membri ta' l-Akkademja. Dan il-fatt juri r-rispett li l-kittieba għandhom lejn l-Akkademja.

20 Din l-għażla ta' aċċettabilità fl-edukazzjoni għandha tiggwida lill-għalliema biex ikunu jafu sa fejn għandhom jaċċettaw ċerti elementi tal-lingwa li t-tfal iġibu magħhom. Fi kliem ieħor tipprova twieġeb il-mistoqsija diffiċli: fejn tiġbed linja bejn it-"tajjeb" u l-"ħażin" f'termini ta' skola?

21 Għal aktar dettalji wieħed għandu jara l-abbozz ippreżentat ma' dan ir-rapport.

# Id-Dokument Konsultattiv dwar l-Ilsien Malti fix-Xandir maħruġ mill-Awtorità tax-Xandir

**Is-Suġġerimenti ta' l-Akkademja tal-Malti**

F'laqgħa tal-Kunsill ta' l-Akkademja tal-Malti li saret apposta fil-Palazz tal-President nhar l-Erbgħa 16 ta' Mejju 2001 fil-5.30 p.m., il-membri ddiskutew id-dokument dwar l-Ilsien Malti fix-Xandir mibgħut minn Dr Kevin Aquilina, Chief Executive ta' l-Awtorità tax-Xandir (Ref. 73/01).

Is-suġġerimenti li ġew proposti hawn taħt għandhom jittieħdu fid-dawl ta' l-għanijiet ta' l-Akkademja tal-Malti (imwaqqfa fl-1920) u l-istruttura tagħha.

"L-Għanijiet ta' l-Akkademja tal-Malti huma dawn:

i. li tħares il-jeddijiet ta' l-ilsien Malti bħala lingwa nazzjonali u uffiċjali tar-Repubblika ta' Malta u tindokra l-iżvilupp tiegħu;
ii. li tkabbar u xxerred il-letteratura Maltija u l-istudju xjentifiku u lingwistiku ta' l-ilsien Malti;
iii. li żżomm sħiħa l-ortografija tal-Malti kif imwaqqfa mill-Għaqda tal-kittieba tal-Malti fl-1924, u fl-1934 magħżula mill-Gvern ta' Malta bħala l-ortografija uffiċjali tal-Malti: u li taġġornaha kif jixraq kull meta l-Akkademja jidrilha li dan jinħtieġ."

(Statut, para.2.1)

Parti mill-istruttura eżistenti ta' l-Akkademja hija l-Kummissjoni Lingwa li tistudja l-ortografija, it-traduzzjoni, u l-użu tal-Malti ġenerali. Servizz ieħor li tista' toffri l-Akkademja huwa għażliet ta' xogħol letterarju.

**Is-suġġerimenti:**

1. L-Awtorità tax-Xandir torbot lix-xandara kollha li jsegwu r-regoli u d-direttivi li toħroġ l-Akkademja tal-Malti. Il-bidu ta' din il-ħidma għandha tkun l-obbligu ta' l-użu tal-fonts bil-Malti: kulmin ixandar xi messaġġ bil-Malti għandu jinqeda bl-alfabett Malti. Min għad m'għandux il-fonts bil-Malti (li fis-seklu XXI hija redikola) għandu jinstallahom minnufih. Infakkru li dawn jistgħu jitniżżlu minn xi *web page*. L-Akkademja tal-Malti diġa' ħarġet ir-*Regoli tal-Kitba tal-Malti* (Klabb

Kotba Maltin, 1998), li huma ġabra ta' regoli fundamentali mfissra b'mod ħafif li l-istudenti ta' l-iskola sekondarja u l-pubbliku ġenerali kapaċi jlaħħqu magħhom mingħajr għajnuna. Dan il-ktieb għandu jkun f'idejn ix-xandara kollha. Minn żmien għal żmien ukoll l- Awtorità tax-Xandir tista' titlob lill-Akkademja tagħtiha linji gwida aġġornati fuq il-Malti mitkellem u miktub. Forsi din l-aħħar idea tista' titwettaq billi l- Awtorità tax-Xandir iżomm servizz ta' telefon miftuħ bla ħlas għall-pubbliku biex dan jagħti l-ideat tiegħu fuq il-lingwa li mbagħad jitressqu quddiem l-Akkademja tal-Malti għall-verżjoni tagħha.

2. L-Awtorità tax-Xandir tara li jkun hemm konsulent espert tal-Malti (jekk jista' jkun *full-timer*) f'kull istituzzjoni li twassal ix-xandir lill-pubbliku. Dan il-konsulent irid ikun ikkwalifikat xieraq fl-istudji tal-Malti (kemm lingwistiċi u kemm letterarji). Il-konsulenti ta' kull istituzzjoni għandu jkollhom laqgħat spissi u regulari (taħt il-ħarsien ta' l-Akkademja) biex tinżamm standardizzazzjoni xierqa.
3. Jekk it-tieni suġġeriment ma jsirx, l-Awtorità tax-Xandir tikkonsulta b'mod regolari u formali ma' l-Akkademja tal-Malti kulmeta jkun hemm il-bżonn ta' xi deċiżjoni fuq aspetti tal-Malti mitkellem u miktub (eż. termini ġodda, użu ta' Malti korrett, ortografija). Jekk, mill-banda l-oħra, it-tieni suġġeriment isir l-Awtorità tax-Xandir xorta għandha tiltaqa' ma' l-Akkademja tal-Malti regolarment biex taċċerta ruħha li kollox ikun miexi sew.
4. Jekk it-tieni suġġeriment ma jsirx, l-Awtorità tax-Xandir tobbliga lil kull istituzzjoni tax-xandir li taħtar persuna kkwalifikata fil-Malti sabiex tagħmel xogħol ta' *monitoring* tal-programmi ta' l-istazzjon tagħha. Din il-persuna, ikkwalifikata kif imsemmi fit-tieni suġġeriment, għandha tikkonsulta ma' l-Akkademja tal-Malti. Jekk it-tieni suġġeriment isir, allura x-xogħol ta' *monitoring* għandu jkun parti mid-dmirijiet tal-konsulent espert.
5. L- Awtorità tax-Xandir tieħu ħsieb li l-għażla ta' xandara ġodda tkun b'eżami f'kull aspett tal-lingwa skond il-kriterji ta' l-Akkademja
6. L- Awtorità tax-Xandir tieħu ħsieb lix-xandara eżistenti billi torganizzalhom attivitajiet ta' taħriġ li jgħallimhom u jaġġornahom. Dan it-taħriġ għandu jieħu għamla ta' (a) korsijiet intensivi fil-lingwa (l-Akkademja tal-Malti lesta li toffri dettalji fuq dawn) - forsi l-Awtorità tax-Xandir tista' tara li jitjieb il-kors tal-Komunikazzjoni fl-Università; u (b) seminars li jkunu perjodikament biex jaġġornawhom (il-materjal tas-seminars jiġi stampat wara ħalli kull seminar jibni fuq ta' qablu). Il-proċess ta' tagħlim għax-xandar għandu jkun wieħed kontinwu u ma jieqaf qatt; għalhekk ukoll naħsbu li x-xandara għandhom ikunu mħallsa tajjeb ħafna sabiex il-livelli ta' professjoniżmu li nixtiequ fil-lingwa (i.e. livell ta' speċjalizzazzjoni għax il-lingwa hija l-għodda essenzjali għax-xandar) jintlaħaq bil-qalb.
7. L-Awtorità tax-Xandir, bħala inċentiv, għandha toħloq premju għall-aħjar kitba bil-Malti fix-xandir.
8. L- Awtorità tax-Xandir għandha tinsisti, fejn jidħlu riklami bil-Malti li l-lingwa tkun tajba. Għal dan il-għan tista' tissuġġerixxi li l-aġenziji tar-riklamar ikollhom il-konsulent espert fil-Malti li jimxi mar-regoli ta' l-Akkademja.

# Tnedija tat-Tipa Maltija

(Konferenza ta' l-aħbarijiet fil-15 ta' Ġunju 2001
il-Biblijoteka Nazzjonali l-Belt, fis-1.00 p.m.)

**kelmtejn mill-President ta' l-Akkademja tal-Malti kif imqabbad mill-Ministru tal-Ġustizzja Gvern Lokali**

***Dr Charles Briffa***

Kien tmenin sena ilu, fl-1921, meta l-Akkademja tal-Malti, (dik il-ħabta magħrufa bħala l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti) bis-saħħa ta' Ninu Cremona u l-kummissjoni tiegħu, tat lin-nazzjon sistema ta' alfabett maħdum apposta għal ilsienna. L-Akkademja li għamlet kien li kompliet fuq l-isforzi tas-Soċjetà Filoloġika Maltija u tax-Xirka Xemija tas-seklu XIX u fasslet alfabett li seta' jaqdi bis-sħiħ il-ħsejjes Maltin kollha. Fl-1934 il-Gvern għaraf dan l-alfabett uffiċjalment u beda jużah (kif għadu) fil-pubblikazzjonijiet dipartimentali tiegħu kollha. Minn hemmhekk imbagħad beda jintuża kullimkien.

Bit-tfassil ta' sistema ta' alfabett, l-Akkademja kkondizzjonat l-iżvilupp tal-kitba tul is-seklu XX. L-alfabett Malti, fil-ġrajja ta' pajjiżna, kien pass essenzjali lejn l-istandardizzazzjoni. It-tipa Maltija fil-kompjuter hija kisba oħra għall-Malti: hija l-għodda aġġornata ta' kull kittieb. L-Akkademja tal-Malti tilqa' t-tipa Maltija bil-ferħ għax bl-użu tal-kompjuter (li d-dinja tal-lum ma tistax twarrab) seta' ntilef l-alfabett Malti, dak l-alfabett li sewa wisq għaraq għal missirijietna.

L-iskuża li wieħed ma jkollux it-tipa Maltija issa trid tinqata' għal kollox. Min jikteb bil-Malti mingħajr id-dijakritiċi xierqa ma jkunx qiegħed juża l-alfabett Malti u jkun qed jibgħatna lura mill-anqas tmenin sena għaż-żmien meta ma kellniex is-sistema tagħna. It-tnedija tat-tipa Maltija fil-kompjuter, f'għeluq it-tmenin sena mit-twelid ta' l-alfabett Malti, hija parti mill-mixja wtieqa għal aktar standardizzazzjoni u huwa għalhekk li llum qegħdin nifirħu b'din l-attività u nirringrazzjaw lil kull min ħadem fuq is-suċċess ta' din l-idea biex it-tastiera tkun Maltija. Dan hu l-bidu. B'aktar ħidma naslu żgur biex ikollna wkoll id-dizzjunarju elettroniku Malti li jaqdina fl-insiġ ta' ħsibijietna fis-seklu XXI.

Nawgura lill-kittieba kollha tal-Malti aktar ħidma tajba bil-kompjuter (diġà qed nisimgħu b'poeżiji u rumanzi elettroniċi) u nawgura wkoll aktar riċerka ħalli fi lsienna jkollna (f'dak li għandu x'jaqsam ma' kitba elettronika) dak kollu li għandhom pajjiżi oħra.

# Politika dwar il-Lingwa Maltija u l-Letteratura Tagħha

(Għadd ta' proposti mressqin mill-Akkademja tal-Malti lill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u Kultura f'April 2000 u li wara, jiġifieri fl-2001, għaddew formalment lill-Bord tal-Malti)

**Politika Kulturali għal Malta**

Bil-għan li tistagħna l-kultura Maltija għandu, b'mod immedjat, jitwaqqaf Kunsill ta' l-Arti għal Malta (KAM) li jkollu rappreżentanti ġejjin minn istituzzjonijiet inkarigati minn dawn li ġejjin:

- lingwa u letteratura
- teatru
- mużika
- arti (pittura, skultura, inċiżjoni)
- attivitajiet folkloristiċi
- snajja'
- iffilmjar
- fotografija
- il-mezzi tax-xandir (televixin, radju, stampa)
- forom oħra ta' arti

L-Akkademja tal-Malti bi dritt tagħmel parti mill-KAM f'kull ħaġa li għandha x'taqsam mal-Lingwa Maltija u l-Letteratura tagħha.

**L-Akkademja tal-Malti**

Mindu twaqqfet fl-1920, l-Akkademja tal-Malti ħabirket bi sħiħ favur l-Ilsien Nazzjonali u l-Letteratura Maltija l-aktar permezz tar-rivista tagħha *Il-Malti* u permezz ta' attivitajiet letterarji oħra. L-Akkademja tal-Malti temmen li s-siwi intrinsiku tal-letteratura jinsab fil-fatt li biha l-ħajja umana tistagħna u r-ruħ tintrefa' aktar 'il fuq. Temmen allura li kulħadd għandu d-dritt li jfittex, joħloq, jiddefinixxi, jikkomunika, u jmexxi attivitajiet letterarji kif jogħġob lilu.

Il-letteratura qiegħda kulma tmur ssir parti integrali mill-kultura Maltija. Attivitajiet kulturali jinkludu:

- serati letterarji biex jikkomemoraw xi avveniment jew xi persunaġġ
- tnedijiet ta' kotba
- laqgħat letterarji għall-qari ta' xogħlijiet letterarji

- diskussjonijiet fuq il-letteratura
- preżentazzjonijiet letterarji fuq ix-xandir
- analiżi letterarji fuq ir-radju u t-televixin
- konkorsi letterarji
- premjazzjonijiet ta' kotba
- premjijiet letterarji għal xogħlijiet
- fieri ta' kotba

Hemm ukoll ħidma ta' promozzjoni tal-Letteratura Maltija barra minn Malta, l-aktar fost l-emigranti Maltin.

**Il-Lingwa Maltija**

Għal dawn l-aħħar 80 sena, l-Akkademja tal-Malti
- fasslet u stabiliet ortografija waħda għan-nazzjon
- ħabirket sabiex il-Malti jkun lingwa uffiċjali fl-amministrazzjoni
- saħħet l-użu tal-Malti fl-oqsma kollha tas-soċjetà

L-ideat u l-opinjonijiet ta' l-Akkademja fuq il-lingwa u l-letteratura bosta drabi tressqu quddiem il-pubbliku permezz ta' *Il-Malti*, rivista li ilha toħroġ mill-għoxrinijiet. Għandha wkoll kummissjoni li tiddiskuti l-iżviluppi fl-użu tal-lingwa (l-aktar fejn jidħol il-progress soċjali) u minn żmien għal ieħor tistampa l-ideat u tiċċirkulahom fejn hemm il-ħtieġa (l-aktar fl-iskejjel u qalb il-ġurnalisti). Jiġu organizzati wkoll xi seminars meta jkun hemm il-ħtieġa.

**Il-pubblikazzjonijiet ta' l-Akkademja huma:**
- *Il-Malti* (1925- ) - pubblikazzjoni li ġġib xogħlijiet kreattivi u studji analitiċi
- *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* (1924) - il-ktieb klassiku li stabilixxa l-ortografija għall-Ilsien Malti
- *Żieda mat-Tagħrif* (1984) - ġabra ta' regoli ortografiċi dwar il-Malti non-Semitiku
- *Aġġornament tat-Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* (1992) - regoli li jaġġornaw is-sistema ta' l-alfabett
- *Regoli tal-Kitba tal-Malti* (1998, ) - taqsira tat-tliet pubblikazzjonijiet ta' hawn fuq dwar l-ortografijassirssir
- *Ilsien Qadim f'Millennju Ġdid* (2000) - ġabra ta' taħditiet ippreżentati fis-seminar organizzat mill-Akkademja f'Novembru ta' l-1999 fuq l-Ilsien Malti

**Il-Letteratura Maltija**

Il-Letteratura Maltija neħduha bħala dik il-letteratura (poeżija, narrattiva, drama, esejs) miktuba oriġinalment bl-Ilsien Nazzjonali. Imma jitqiesu wkoll bħala aspetti tal-Letteratura Maltija dawn li ġejjin:
- letteratura miktuba minn awturi Maltin bl-Ingliż jew bit-Taljan (i.e. letteratura Maltija bl-Ingliż / letteratura Maltija bit-Taljan)

- traduzzjonijiet mill-Malti għal lingwi oħra (i.e. letteratura Maltija tradotta)
- traduzzjonijiet għall-Malti minn lingwi oħra (i.e. letteratura barranija bil-Malti)

Hemm min (għax ma jaqrax bil-Malti) jgħid li l-Letteratura Maltija hija inferjuri għal letteraturi oħra. Imma jekk nitfgħu il-Letteratura Maltija fil-perspettiva storika tagħha naraw li għamlet progress kbir. L-iżvilupp letterarju kien kontinwu u sa l-aħħar tas-seklu XX Malta setgħet tiftaħar b'letteratura ta' kwalità għolja. Anki l-letteratura tat-tfal żviluppat ħafna fl-aħħar tliet deċennji tas-seklu XX.

L-Akkademja tal-Malti ssegwi politika maħsuba biex tkattar il-fiduċja ta' kulħadd fil-letteratura. Tgħin biex tiddefinixxi l-kultura letterarja tal-gżejjer Maltin bl-appoġġ li tagħti għall-istudji tal-Malti u tal-Letteratura u bl-iżvilupp li twettaq fil-Lingwa u l-Letteratura. Din il-kultura letterarja tikkontribwixxi għall-identità nazzjonali u fuq il-livell internazzjonali ssir fattur ieħor ta' diversità kulturali; u hawn nagħrfu l-importanza ta' xogħlijiet Maltin maqluba f'lingwi oħra.

Il-Letteratura Maltija, għalhekk, għandha sehem essenzjali fil-kunċett ta' identità u diversità. Il-letteratura m'hijex statika (u lanqas il-kultura m'hi statika); tinbidel u tadatta ruħha skond iċ-ċirkustanzi l-ġodda li qed tqanqal il-globalizzazzjoni. Hija l-espressjoni u r-rappreżentazzjoni ġenwina ta' ħsibijiet profondi u ta' kreattività msawra fi żmien u f'post - ħwejjeġ li jgħinuna nagħmlu sens minn ħajjitna. Nifhmu aktar għemil il-bniedem. Barra minn hekk, meta nippriservaw u nsaħħu l-kultura letterarja nkunu qegħdin nikkontribwixxu globalment għad-diversità kulturali, speċjalment fid-dawl ta' l-omoġenjetà li tista' toħroġ mill-globalizzazzjoni.

**Aktar benefiċji tal-Letteratura**

Barra minn dawk li diġà semmejna, nistgħu nsemmu dawn li ġejjin:

- il-letteratura tkattar il-kreattività u tinkuraġġixxi t-talenti kreattivi Maltin
- il-letteratura tgħarbel il-problemi psikoloġiċi u soċjali
- il-qari tal-letteratura jiżviluppa t-tisħiħ personali
- il-letteratura hija mezz ta' divertiment
- il-letteratura tistimula lin-nies biex jinbidlu u tibnilhom fiduċja
- il-letteratura tirrifletti s-soċjetà u tippreżenta lil Malta bħala pajjiż dinamiku li jħares 'il quddiem
- il-letteratura twessa' l-għarfien għall-identità kulturali Maltija: dan huwa importanti għall-profil Malti fix-xena internazzjonali u għas-sens ta' identità nazzjonali għax hija l-letteratura li tgħin sabiex niddefinixxu l-identità Maltija
- għaqdiet letterarji joħolqu sens ta' impenn u għaqda: tressaq lill-Maltin flimkien, anki lill-emigranti sabiex jaqsmu wirt lingwistiku komuni

- il-letteratura tikkontribwixxi għall-ekonomija tal-pajjiż:
  - tuża l-industrija ta' l-istampar (*setters*, qarrejja tal-provi, stampaturi...)
  - tinqeda b'talenti artistiċi għall-illustrazzjonijiet u d-disinji tal-qoxra
  - tgħarrex it-teknoloġija tas-*sound (CDs)*
  - tagħti lok għall-kreattività fuq it-televixin
  - tassoċja ruħha mal-ġurnaliżmu
  - mezz biex twassal profil pożittiv Malti barra minn xtutna, l-aktar permezz tat-traduzzjonijiet (u għalhekk hemm ħtieġa kbira biex niżviluppaw l-industrija tat-traduzzjoni)
  - l-*isponsorships* ta' attivitajiet letterarji joffru opportunitajiet kummerċjali lill-oqsma tan-negozju.

Mela neta ninvestu fondi pubbliċi f'attivitajiet letterarji nkunu qegħdin inżidu l-benefiċċji soċjali għan-nazzjon; inkunu wkoll qegħdin niżviluppaw ix-xogħol ta' l-awturi, nipprovdu aktar gost għall-poplu, u nżidu l-parteċipazzjoni f'attivitajiet letterarji.

**Suġġerimenti**

L-Akkademja tal-Malti tixtieq tara dawn l-affarijiet:
- promozzjoni ta' xogħlijiet letterarji
- riċerka fi żviluppi letterarji li titlob evalwazzjoni kritika u analiżi stilistika
- traduzzjonijiet ta' xogħlijiet Maltin
- kompilazzjonijiet ta' antoloġiji b'xogħlijiet qosra
- tqegħid ta' xogħlijiet fuq l-internet
- priservar tal-wirt letterarju
- tisħiħ ta' l-identità letterarja
- promozzjoni tad-diversità letterarja fuq ix-xena internazzjonali

Dawn jistgħu jkunu possibbli fi ħdan il-KAM li tista' tħaffef l-affarijiet, bħal ngħidu aħna:

**Promozzjoni tal-Letteratura Maltija -**

Flimkien ma' ħwejjeġ li diġà semmejna, għandu jkun hemm aġenzija li tippubblika tagħrif u biblijografiji fuq il-Letteratura Maltija bil-Malti u bl-Ingliż; jew almenu *newsletter* fuq il-Letteratura Maltija biż-żewġ ilsna - jekk l-Akkademja se tkun din l-aġenzija jeħtieġ ikollha l-fondi.

**Għajnuna soċjali u ekonomika lill-awturi -**

Nippromwovu l-letteratura sabiex ngħinu ekonomikament lill-awturi. Miżuri promozzjonali għandhom jinkludu *allowances* (eż. *grants* għax-xogħol u/jew għall-ivvjaġġar), *grants* li jħajru lill-awturi jiddedikaw ruħhom għal karriera letterarja, fondi biex jagħtu għajnuna ekonomika lill-kittieba. Tajjeb ukoll li jkun hemm xi *sabbatical* għal dawk il-kittieba li jaħdmu.

Għandu jkun hemm għajnuna mill-istat biex l-awturi jippubblikaw xogħolhom, biex ikun hemm aktar traduzzjonijiet ta' letteratura, u biex ikun hemm aktar kritika u riċerka fil-letteratura. (Il-fieri tal-kotba jistgħu jintużaw sabiex jgħinu lill-awturi.)

**Fond għat-traduzzjoni -**
Wasal il-waqt li jkollna Assoċjazzjoni tat-Tradutturi sabiex tieħu ħsieb it-traduzzjonijiet ta' xogħlijiet letterarji, u *grants* għandhom jingħataw lit-tradutturi, u għandu jkun hemm fond biex jgħin it-traduzzjoni.

Tkun xi tkun il-politika kulturali, l-għan għandu jinkludi t-titjib tal-kondizzjonijiet għall-produzzjoni tal-Letteratura Maltija. Għandu jkun hemm ukoll aktar speċjalizzazzjoni fl-istess taqsima - pereżempju, tingħamel id-distinzjoni bejn letteratura tal-kbar u letteratura tat-tfal.

**Nagħrfu l-Letteratura tat-Tfal -**
Il-Letteratura tat-Tfal għandha tkun parti essenzjali mill-politika letterarja. U għandu jkun hemm gwida għal-Letteratura Maltija tat-Tfal.

**Il-Bżonnijiet ta' l-Akkademja tal-Malti**
It-tfassil ta' Politika Kulturali fi ħdan il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni jeħtieġ ikun segwit b'leġislazzjoni (bħala prerogattiva tal-gvern ċentrali) u assistit, meta jkun possibbli, mill-kunsilli lokali (b'daqsxejn ta' awtonomija). Anki l-KAM għandu jkollu ftit ta' l-awtonomija.

***Leġislazzjoni -***
Fil-każ ta' l-Akkademja tal-Malti għandu jkun hemm leġislazzjoni li tagħraf lill-Akkademja bħala l-Awtorità uffiċjali fuq l-Ilsien Malti - għarfien ibbażat fuq merti letterarji u storiċi. Barra minn hekk, din il-leġislazzjoni għandha ttella' lill-Akkademja tal-Malti għall-istatus legali ta' Awtorità professjonali. Din timplika li jkun hemm impjegati *full time* ma' l-Akkademja, imħallsin mill-Gvern.

**Sede Xieraq -**
U timplika wkoll li l-Akkademja jkollha s-sede tagħha (nistgħu nsejħulu għall-konvenjenza, Dar il-Malti) li jkun xieraq għall-ideal tagħha u għaż-żminijiet, bil-faċilitajiet kollha meħtieġa - librerija, teknoloġija aħħarija, postijiet fejn jinżammu r-rekords, *board room*, sala għall-konferenzi eċċ.

***Funzjoni -***
Meta jkollha sede xieraq, fondi biżżejjed, u tisħiħ leġislattiv l-Akkademja tal-Malti tista' ssir ċentru bi struttura tajba biex
• jistorja sew manuskritti u dokumenti qodma

- ikun hemm ċentru ta' riċerka fil-Malti
- ikun għamla ta' klabb soċjali għall-awturi u kittieba ta' kull xorta
- iservi konsulent f'dawk l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu mal-Malti
- jippromwovi l-awturi Maltin
- itella' attivitajiet letterarji
- iservi ta' vetrina letterarja li turi l-imgħoddi u l-preżent

**Konferenza Permanenti -**

Il-Gvern għandu jagħraf id-dritt ta' l-Akkademja tal-Malti biex toffri gwidi f'dak kollu li għandu x'jaqsam ma' l-użu tal-lingwa fl-oqsma soċjali kollha (eż. ix-xandir, il-ġurnaliżmu, il-bank, ir-riklamar, il-pubblikazzjoni, l-amministrazzjoni, il-politika, l-edukazzjoni, il-kummerċ, is-sinjali pubbliċi). Jeħtieġ għalhekk li l-Akkademja taħdem id f'id ma' istituzzjonijiet oħra bħall-Università, id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, u l-għaqda tal-ġurnalisti sabiex tistudja u tanalizza l-ħtiġijiet tal-lingwa. Għal dan il-għan hemm ħtieġa urġenti biex tinħoloq sistema li tassigura koordinament bejn kulħadd. It-twaqqif ta' konferenza permanenti (li tinvolvi l-istituzzjonijiet relevanti f'dan il-qasam) tista' tkun parti minn din is-sistema biex tagħti kontribut siewi lill-kultura f'dak kollu li jirrigwarda l-Lingwa Maltija. Din il-konferenza permanenti tlaqqa' kull sena lil kulmin hu kkonċernat biex jitressqu l-ideat fuq il-Lingwa Maltija u l-Letteratura tagħha, u għalhekk għandha twitti t-triq għal politika kulturali aġġornata. Din il-konferenza permanenti, taħt il-kappa ta' l-Akkademja, għandha tippjana u tippromwovi l-lingwa u l-letteratura. B'hekk ikun hemm aktar standardizzazzjoni u aġġornament meħtieġa għal sistema effiċjenti u moderna ta' lingwa ta' soċjetà li qed taspira li tingħaqad fl-Unjoni Ewropea. Tgħin ukoll sabiex iżżomm l-identità letterarja tagħna u b'hekk tikkontribwixxi għall-kunċett ġenerali tad-diversità kulturali.

**Konklużjoni**

Biex nagħlqu ngħidu li hemm żewġ problemi marbutin ma' xulxin li jiddefinixxu l-isfidi ta' l-Akkademja tal-Malti: riżorsi (umani, finanzjari, u materjali) inadegwati, u nuqqas ta' analiżi u informazzjoni fit-tixrid tal-Letteratura Maltija u biex tikkumbatti l-impressjoni ħażina li hawn fuq il-Letteratura Maltija. Il-problemi jintrabtu man-nuqqas ta' fondi u man-nuqqas ta' infrastruttura għar-riċerka.

*Dr Charles Briffa*
President ta' l-Akkademja tal-Malti

# 7

# Proża u Poeżija

# Kavallier

Kavallier tal-bnazzi
Protagonist prominenti
F'siti abbandunatiesperti f'kalvarji vjolenti.

Tiegħi d-demgħat
Bla kulur
Misjuba mgerrxa
Jikkonfoffaw
Għal xitwa eħfef.

Tgħid nifformola appell
Lir-ruħi
Ballerina mmankata
Biex tagħżel
Is-satin tal-mewt
?

*Sergio Grech*

# Tiġrib

Bil-qalb lest inġarrab.

Ukoll li kont qanfud
imwerwer bil-biża'
li għad trid tmiss lili
dix-xorti hekk kiefra
u mċaftar nispiċċa
taħt rota ta' trakk;

xorta nagħżel rasi
nixref ħalli naqsam,
imqar miljun darba,
biex niekol sa nixba'
mill-frotta misjura
ta' siġret-il-Eden
li żgur għad trid taqa'
fil-ħarifa ta' ħajti.

Bil-qalb lest niġġarrab.

*Toni Aquilina*

# Kappella Pprofanata

Minn għala n-nies
din il-kappella pprofanata
bil-ġebel imbarrata
issorr ġo fiha dlam perfett
iżda kuljum preċett
strixxa dawl irqiqa
tiżżerżaq
minn taħt it-tieqa
u tibqa' dieħla
sa ġewwanett.

*Ġorġ Borg*

# Leħħiet

Iż-żerriegħa li żrajt ma nibtetx kollha;
nibtet dik biss li kellha d-dqiqa ħajja
u meta l-fosdqa ta' madwarha tnawret
bit-tira tal-ħamrija, ħarġet minnha
ras in-nebbieta 'l fuq, qasmet il-qoxra
u xirfet ħadranija, tarja, tilma
bin-nida tleqq tal-għodwa fi twelidha.

Hemm żmien sabiħ fil-ħajja ta' kull bniedem
u hemm żmien ikrah li jixxeblek miegħu
bħal ma jqabbad l-għolliq fil-wied maċ-ċawsli
biex jerda' minnu l-ħlewwa bnina tiegħu.
Tegħleb is-siġra lill-għolliq li ggranfa,
jew iseħħlu l-għolliq jerda' ċ-ċawslija
qabel nilħaq induqu nsoff ħlewwitha?

Fejn marru tal-kitarri? F'qamar kwinta
għaddew flimkien idoqqu f'nofs ta' lejl
mit-toroq dojoq ta' raħalna ħiemed,
iwennsu l-qlub u jħallmu ċl maħbubin...
X'hena sawwabtu fija b'daqq il-kordi;
kemm twieqi tbexxqu... kemm tnehid ħanin...
kemm żerżaq jilma dmugħ il-ferħ fl-għajnejn!

Saħħartni fi tfuliti meta lmaħtek
fil-ħitan tas-sejjieħ tixgħel fid-dlam,
musbieħ il-lejl! Bħal tren ċkejkuni ħlomtok
bil-lajma ċeklem bejn ix-xquq taċ-ċint
li jħaddan l-għalqa w lili ferħan magħha;
b'dawlek wenniesi ksibt serħan il-qalb.
Urini int biex nasal fejn nixtieq.

*Pawlu Aquilina*

---

# Fir-Raqda Ħadra

Fir-raqda ħadra
Tal-għadajjar,
Fix-xibka-disinn
Ta' brimba bla sabar,
Fl-ilma mifqugħ minn nagħal
Ta' żwiemel imlebbta,
Fiż-żelqa tas-sriep
Qalb ħuxlief niexef
...fil-fond ta' mħabbtek...

*Carmel Calleja*

---

# Epigrammi: X'Dinja Din!

Xtara villa l-ġmiel tagħha
U karozza għal waħda tnejn,
Ġej u sejjer, spiss isiefer
ħalli tgħidx kemm għandu dejn.

B'xagħarha isfar, wiċċha mpitter
Donnha pupa ta' Marsilja.
Dan miraklu għax qaluli
l-ikrah waħda tal-familja.

Għall-iskola l-ħmar ta' Żeppi
Imma llum sar sinjurun,
Li taf tikteb, li taf taqra
Mhux ta' ħtieġa għall-imbruljun.

X'ġara llum f'Pjazza Reġina:
Nies Iħarsu għaddejjin,
Sieq fuq sieq bid-dubblett dejjaq
Kalamita x'waħda din.

*J.J.Camilleri*

# Karnival 1999 (Għawdex)

Ix-xalar wil-briju nħobbhom,
Dawn jerġgħu jagħmluni tfal;
Kont insejt illi Frar wasal
W għalhekk reġa' l-karnival.

U la darba qiegħed magħna
Dan iż-żmien ta' ferħ u bluha
Niddevertu, niżfnu żifna,
U ninsew tal-ħajja l-kruha.

Maskra nxiddu, kostum nilbsu
Niġġerrew mat-toroq tagħna
Xi perlina wkoll inwaddbu:
Araha ġejja! Ingħaqdu magħna.

Fl-isports *Complex* kbir spettaklu
Itellgħuh tfal ta' l-iskola
Minn kull rokna ta' gżiritna
Maskerati tiżfen, togħla.

U fi Pjazza Indipendenza
ix-*show* żgur li ma tonqosx;
trid tkun qalbek iebsa żonqor
biex dal-ferħ inti ma tħossx!

Baned u maskri grotteski
Jimlew kull rokna tal-misraħ.
Karrijiet, kostumi mżewqa
In-nies kollha ċċapċap, tifraħ.

Ma' l-irħula kollha tagħna
In-nies tiekol u tiddandan
Sa bil-lejl tibqa' tiġġerra
Tiddeverti u tiżżarġan.

Għadd sabiħ ta' tfal u żgħażagħ
Magħhom dawn ukoll il-kbar
Għal mument donnhom jiġġennu
U jagħtuha għax-xalar!

Wara kollox, o ħbieb tiegħi,
Mhux hekk forsi sejra l-ħajja!
Żgur li intom taqblu miegħi
li din kollha nżul u tlajja'.

Din il-festa ġġib magħha
Dik l-imbierka prinjolata
Kollha lewż, zokkor u ħlewwa
Tajba daqs Iċ-ċikkulata!

Wara daharna llum nitfgħu
Kull tilwim, niket u dwejjaq;
Karnival, int l-aqwa duwa
Illi mrar u hemm itfejjaq.

Ejjew mela ġo l-*enclosure*
Gawdu, idħku w ixxalaw;
Wara kollox, darba ngħixu
Ibqgħu żgur m'aħniex għal hawn.

***Kav. Joe M.Attard***

# Ħarsti lejn l-art

Ħarsti lejn l-art u bl-ikbar qima f'qalbi
irrodt il-ħajr għall-ħniena tal-Mulej
li għal nofs seklu sħlħ semgħet 'il talbi
biex nibqa' sas-smewwiet dejjem qaddej.
Lilkom ukoll inrodd il-ħajr, u nwiegħed
li fit-talb tiegħi ma ninsiekom qatt.
Lilkom li l-għemil tagħkom f'qalbi qiegħed
U minn ġo qalbi m'hu se jwarrab ħadd.

*Ġorġ Zammit*
(22 ta' Awissu 1989)

# Lill-Mewt

Issaltan fuq kulħadd u fuq il-ħajja
Waħdieni mal-bnedmin l-amar ta' dinek,
Issejjaħ lil min trid bla ħadd jaf ħinek
Sabiex f'art in-nessejja jtemm il-ġrajja;

Xejn int bħas-sebħ mistenni f'waqtu u miegħu
Iġib bbiex lilna twennes b'dija u sħana
ix-xemx ħanina tgħaddi s-sigħat magħna
sa jiġi l-lejl darb'oħra bid-dlam tiegħu;

Dejjem tal-waqt ir-rieda; b'idha mdehba
Kemmxejn tmissha l-ħarifa u taqa' l-werqa,
U hekk id-dielja taqbad tinża' b'ħerqa,
Biss int bla heda tgħix tal-ħsad ir-regħba;

Bla waqt u bla twissija l-minġel tiegħek
ħabrieki dejjem bla ma jgħejja driegħek.

***J.Zammit Tabona***

# Tifkira

Meta kont għadni tfal
U f'ħoġrok kont insib kulma nixtieq,
U niftakar, darba minnhom,
Fil-wens tal-bitħa sajfija
Għad-dell tal-lewża għammilija,
ħarġet minn fommi l-mistoqsija:
"Meta mmutu, bilfors il-ġenna
ċrridu mmorru, Ma?
Għaliex ma nibqgħux dejjem hawn
Ingawdu l-kenn li tagħti din il-bitħa?"

Niftakar sew tjubitek, għax
Kif rajtni mħassba żżejjed
Fuq problema ta' dis-sura
Qbadt qtajtli fil-qosor:
"la mmutu mmorru fejn irridu,"
għedtli, -u jien u int fil-bitħa nerġgħu lura."

U issa li jien kbirt, u sibt
Il-kenn f'ħoġor ħaddieħor,
U issa li inti tlaqt
U taf tassew tweġibli l-mistoqsija,
Tinsinix minn fejn tinstabb
Sabiex fil-waqt li mfassal hemm għalija
Nkun nista' nagħraf dik it-triq moħbija
Li twassal ħdejk, fil-ġenna tat-tfulija.

*Lillian Sciberras*

---

# Il-Pitirross

...Dok l-għasfowr...
l'għandik hemġawwa...
ruħaj!
dok qisew il-pi-tir-russ,
għasfowr tal-bnazzoj
dok...
jiġi biss għas-sojf
ta' San Martujn!
Jitle' jitperreċ fuq siġre
Qishe dejk tiegħew biss,
jiġġieled ġliede
mal-għasowfar killhe
u x'ħin jiftellew
jitleq!

Ipassoj u jmiwr mnejn ġie.
Meta tfittxerw,
Ma ssibiwx
Jekk issibiw,
Xejn ma jiswe
Jekk tmiss miegħew
Jitkerċeh!
ġwenhejh idendel
u ftejt wara,
imiwt

Dok...
Għasfowr
Tal-bnazzoj biss
l-enqes il-liġej
ma ttojk li taqbdow,
hamġawwa żżommow
u trabbojh!
Dok,
Ruħaj,
Ma fihx xi trabboj!

***Baruni K.Vella Haber***

---

# Lill-Irġiel Miżżewġa

Biex tinħabb mal-mara sewwa,
Hemm bżonn tagħmel bosta ħwejjeġ,
Tkellem magħha wisq bil-ħlewwa,
Mill-ġurnata stess li ttejjeġ.
  Jekk ikollok xi tgħid magħha,
  Ftakar dejjem, raġun tiha
  Għax ma ssibx irkaptu tagħha,
  U jkollok x'titħabat biha.
Għandek toqgħod b'għajn miftuħa,
Li tfaħħrilha kulma ssajjar;
Jekk ikun jagħti fl-imluħa,
Għid l'hu ħelu, qatt titgħajjar.
  Indokra mis-snin tkabbarha,
  Daqs tmien snin dejjem naqsilha;
  Ftakar tajjeb illi ċl mara
  Fis-snin l-aktar li tfixkilha.
Qis lil niesha dejjem tfaħħar,
Biex sabiħ tarak quddiemha,
Tibża' xejn, urajk tissaħħar,
ħelu miegħek ikun kliemha.
  Dejjem maqdar lin-nies tiegħek,
  Sew lil ħutek, sew lil ommok.
  Inkella teħodha miegħek,
  Ma tħallikx biss tiftaħ fommok.

Ħwejjeġ dawna ġa ppruvati,
tant mill-fqar kemm mis-sinjuri.
Nies ir-raġel dejjem stmati
Mas-saqajr, bħala sefturi.
    Tibqa' dina bħal tifkira,
    'L irġiel kollha miżżewġin,
biex b'imħabba iżjed kbira
dawna jkunu maħbubin.

***Ġanni A. Cilia***

(1935: din il-poeżija qatt ma xxandret qabel; tahielna t-tifel ta' Ġanni Cilia, flimkien ma' farsa li nxandru f'ħarġa oħra ta' *Il-Malti*)

---

# Meta Hamlet u l-Fjuri Eterni Jiltaqgħu

dal-fjuri eterni li jwarrdu sobrija
llum bkew fis-skiet
u daħlu f'qoxrithom bir-reżħa tal-lejl
    imtappan bis-sirda mnikkta ta'
    frar
u l-lejl kien ċar ħafna
kważi kjaru-skur
fejn l-ispirtu divin ta' hamlet
    jiġġerra bla paċi
    għal dak li kien tiegħu
dar-raġel qalbieni
    eroj
dar-raġel qalbieni
    sultan
dar-raġel qalbieni
    għandu qalbu tal-kwiekeb
        u ħarstu tax-xemx
jiġġerra fit-toroq ġodda bit-tarmak
fl-isqaqien taż-żonqor u s-siment
fil-vjal twil twil taħt qamar biċċa felli
        u kwiekeb...
mill-qalba tal-lejl profond u kobalt
toħroġ dija misterjuża
kull meta l-bniedem jitgħallem jgħożż
        l-għerf
    u jsib it-toroq ġodda

f'dir-realta' sublimi
  kull meta l-bniedem jitgħallem jgħoxx
    l-għerf u jħoss il-ħniena
    fuq wiċċu
    tad-dija misterjuża
xi ħadd b'qalb tad-deheb
itenni l-ġrajja sublimi ta' hamlet u l-fjuri
    eterni li jwarrdu
minn fuq il-palk tad-dinja
mit-teatru tal-ġustizzja
xi ħadd b'qalb tad-deheb
itenni dil-ġrajja glorjuża
ta' bniedem eroj tal-qlubija
imlibbes bix-xemx
b'għajnejh 'il bogħod 'il bogħod
fuq medda baħar wiesa'...
u all jistrieħ
u jtella' qawsalla tal-paċi
f'kull triq ta' l-intellett
f'kull misraħ ta' l-imgħoddi
  u hamlet u l-fjuri eterni li
    jwarrdu
jiltaqgħu mill-ġdid
taħt qamar biċċa felli
f'kull triq ta' l-intellett
minn kull misraħ ta' l-imgħoddi
id f'id
mill-ġdid
ħarsithom niffieda 'l fuq lejn
    il-kwiekeb

*Doreen Micallef*

---

# It-Tren Iżomm il-Ħin

It-tren iżomm il-ħin, kulħadd hekk qalli,
U jiena mxejt fit-tul sa wasalt hawn.
Dan l-aħħar stejġ. Riġlejja tqalu jimxu
U jkolli nirkbu żgur biex nasal hemm,
Fejn qed imur kulħadd b'dan it-tren iswed
Bil-faħam u d-duħħan t'eluf ta' snin.
Missieri w ommi w in-nanniet u l-bqija

Li rikbuh qabli żgur insibhom hemm.
Minn hawn sa hemm m'hemmx tul daqskemm ikejlu;
It-tren jagħmilha f'tebqa t'għajn u jerġa'
Idur, jgħabbi u jħott bla jaqta' xejn.
Lura ma jifilħux jimxu riġlejja
U laqnas 'il quddiem. Se nibqa' hawn
biex nirkeb ma' dat-tren li jżomm il-ħin.

*Pawlu Aquilina*

# KEMM TISWA TARBIJA?

## *Novella ta' Ġorġ Mallia*



"Kemm tiswa tarbija?"

Tal-ħanut baqa' ċċassat lejha. Tfajla ħelwa. Kemmkemm safra, donnha għadha kif ħarġet minn xi marda, imma ħelwa. L-aktar xagħarha twil iswed jaqta' mal-ġilda pallida ta' wiċċha.

"Skużi?"

"Tarbija. Kemm tiswa?"

"Tarbija. Dan mhux il-Milied? Mhux tarbija hemm fil-maxtura? Jien irrid tarbija."

"Ee, issa fhimt. Pasturi. Bambin għall-maxtura. Le, dawk ma nbigħuhomx. Jekk tixtieq ipprova n-Knick-Knacks fil-kantuniera. Dak ikollu żgur."

Ma setax jifhimha.

Lanqas dan.

Ma kienx waħdu.

Ma qaltlu xejn aktar u ħarġet barra mill-ħanut.

Il-kesħa ma kinitx hemm. Anzi, l-għomma, donnu s-sajf ta' San Martin ġebbidha sa Diċembru. U t-tgħakkir ta' riħ isfel jinten li Milied f'Malta biss jaf jagħtina.

Is-sena l-oħra kienet il-kesħa. Ħassitha f'daqqa x'ħin rat id-demm iqattar mal-liżar tas-sodda. Ħassitha tkexkxilha s-sinsla x'ħin intebħet li d-dabra ħamra kient ħierġa minnha.

U barra kien hemm banda qed iddoqq il-*Jingle Bells*. Illum ma tistax tifhem kif f'dak il-mument ta' terrur, l-unika ħaġa li għadditilha minn moħħha kienet kemm instemgħet barranija dik il-melodija ... dawk il-kliem jitkellmu fuq borra li f'Malta qatt ma nbarmet ma' l-irjiħat spissi. Barranija.

Daqs it-tarbija f'ġufha.

Tant barranija dik, li ma kinitx riedet tibqa' hemm.

U issa, tħares ġo tieqa mixgħula minn dwal iteptpu tegħmiża kulur, ħasset il-kesħa mill-ġdid isserrep tul is-sinsla, u l-ġilda t'għonqha, xewk xewk, tfakkarha.

It-tabib kien qalilha biex ittajjar. Tedha fix-xogħol li, darba waħda, tant kien għal qalbha. U kultant kien jirnexxilha, imma mhux fil-Milied.

Ma' l-ewwel siġra tal-plastik imlibbsa x-xuxa ta' aluminjum ileqq fil-geġwiġija tal-bozoz;ma' l-ewwel ħjut mitluqa ta' noti familjari li jitfarfru kull sena ma' sbieħ Diċembru; mal-kelma "Milied" jew "Krismis" imdeffsa fir-reklami jinfilsaw irwieħhom qalb il-programmi tar-radju u t-televixin, sa ma joktru f'katina li ssensel magħha xi programm kultant;

mal-wiċċ daħkan tat-tfal...

... tat-tfal...

(GHALIEX WEĠĠAJTNI DAQSHEKK? X'QATT GHAMILT JIEN AGHAR MINN HADDIEHOR BIEX SPIĊĊAJT MIĊHUDA MILL-HAJJA LI QASMET MIEGHI GHAL ŻMIEN L-EŻISTENZA? LI KELLMITNI B'LEHEN MUTU KULL SEKONDA TA' NIFSI GHAL HAMES XHUR IMQADDSSA ... MIJA U HAMSIN JUM TA' HAJJA QALB ERBGHA U GHOXRIN SENA TA' MEWT? GHALIEX?)

Hemm kor barrani fil-misraħ.

Ġabuh tal-Kultura. L-ilħna ħlejja, u jinfdu l-għomma bi kliem dwar il-kesħa tal-borra, artijiet imbiegħda, drawwiet imqanqla darba f'sena, tama ta' paċi, tama ta' hena.

Kor barrani.

Il-ħajja barranija f'ġufha kienet itteptep bħad-dwal ħajja li serrpu tul l-arti ta' l-artiġġjan illitterat li ħadem l-armar tat-triq mimlija ħwienet li mxiet fiha.

Kienet ħajja li spiss taħsadha bid-daqqa tal-berqa ħiemda ta' l-istilla fuq l-għar tal-presepju. Ta' l-istilla b'dawl iterter li xtrat għat-tieqa ta' kamritha ftit sigħat qabel mal-ħmura tal-liżar serqitilha d-dawl minn qalbha.

Libsin xalpi ħomor it-tfal fi grupp imħallat f'kantuniera jkantaw għanjiet minn pitazzi qodma, sofor biż-żejt tas-swaba' u bi truf innukklati. Is-superjur tal-mużew li jmexxihom jimsaħ l-għaraq b'maktur imżarrat li ra kemm-il Milied u li issa ħareġ mill-but għal ieħor.

Imma t-tfal ħelwin. In-nies jieqfu u jiggustawhom. Il-kant żgangat, imma l-uċuħ ħomor mis-sħana tal-flokkijiet tas-suf u l-għomma tax-Xlokk.

(GHALIEX? FORSI GHAX IT-TNISSIL TIEGHI MA KIENX VERĠNI BHAL TA' DIK T'ELFEJN SENA ILU? GHAX L-IMHABBA TIEGHI KIENET BISS GHALL-FROTT U MHUX GHAŻ-ŻERRIEGHA U ANQAS U ANQAS GHALL-ĠARDINAR LI HAWWILHA? MIN JOQGHOD JAHSEB FIŻ-ŻARA' HU U JIEKOL FROTTA? NAHTI B'DAQSHEKK? GHALHEKK TGHID? JEKK LE ... GHALIEX?)

Fuq banketta żlugata hemm raġel bil-farretti tas-snin iħaffrulu wiċċu liebes it-tajjar flok daqna, u għall-bqija mżejjen mill-abjad u l-aħmar. Aħmar bati mill-ħasil u t-togħlija ta' darba f'sena għal tant snin, imma aħmar xorta waħda.

Hemm kuruni ta' weraq aħdar ileqq, kif il-plastik ileqq fid-dawl. Hemm ċirasa ta' plastik aħmar imdendlin magħhom.

U s-siġar mimlijin boċċi artifiċjali ta' kull lewn, imma l-aħmar jaħbat ma' għajnejha ... boqoq ta' aħmar, qtar ta' aħmar, jaqta' ma' l-isfond abjad silġ tal-kartolina stampata barra, b'lingwa barranija, li tiġi għal ftit, thenni lil xi ħadd u mbagħad tinħeba qalb l-imbarazz sa ma titqatta' u tintrema.

Għax il-barrani m'hawnx postu hawn.

Hux hekk, tarbija tax-xemgħa f'maxtura ta' tiben sintetiku?

Il-barrani nilqgħuh għal ftit ... ngħidu aħna darba f'sena, imbagħad nippakkjawh qalb l-imbarazz tar-raff.

Bogħod mill-għajn, bogħod mill-qalb?

Le...

Għax l-aħmar iteptep tal-bozza ma jħallihx. Is-sikta mħanna mit-teptip ta' l-ilħna ma jiftiehmux tan-nies għaddejja ... ilħna li jogħlew u jinżlu f'sinfonija li kulħadd jifhimha skond xibru, timla l-arja tifgak mid-dwal tal-ħaloġen u r-riħ isfel.

Qalb l-agħa hemm laguna ta' sikta madwarha, imma hemm l-istorbju fi ħsibijietha ... storbju mlewwen u iswed, mgħattan mit-toqol tat-tifkira ħajja li xiddet il-mewt u sabet it-tmien fil-bidu. U kobba xewk fl-istonku ttella' l-imrar f'gerżumitha, jimbotta l-ħmura quddiem għajnejha.

L-għana tat-tfal miexi 'l hemm, u hi taqbad it-triq in-naħa l-oħra. 'Il barra minn hemm. 'Il bogħod mill-għar materjalistiku mixgħul mit-teknoloġija, imberfel mill-għajta elettronika tokrob għall-konsumatur.

Xtaqet tmiss siġra ta' veru ... ħadra, bla boċċi ħomor magħha. Xtaqet tħaddan ħajjet is-siġra magħha biex tiftakar xi tkun il-ħajja li ma tinxtarax irrumblata u mgeżwra.

Xtaqet il-Milied it-tajjeb lil ġufha għeri ... kważi sterili, u żejnitu b'demgħa tteptep mid-dawl ta' qamar hi u nieżla.

U stenniet l-għada jisbaħ, jum is-sitta u għoxrin, biex tiċċelebra l-Milied.

11 ta' Diċembru, 1999

# Jien Naf

Jien naf
li, kif jgħiduha biex itaffu l-weġgħa,
int m'għadekx magħna. Iżda
meta f'lejla xitwija jien sibt ruħi
fost ġemgħa nies iżuru knisja mwarrba
xi mkien f'Venezja
jien lilek rajtek
fi kwadru kbir qadim, kollok mistħija,
wara nett nett (li kelli ngħid fuq ponot
subgħajk) tittawwal
wara rassa ta' nies ilkoll medhija
f'xi martirju mudlam. Kulħadd kien jagħqad
u jdur fost imbuttar u għajjat. Iżda inti
kont wieqfa, ċassa u ħiemda, wara nett.
Għajnejk biss kienu jidhru 'l fuq mill-kotra,
dawk għajnejk lewżin biss.
Iżda jien naf fiċ-ċert li dik kont inti
b'ħarstek tofroq is-sekli għal ġo fija.
Meta ħarist mill-ġdid lejn dik il-ġrajja
int ma kontx iżjed hemm, iżda mbagħad meta
imraħt mat-trejqat dojoq waħdi waħdi
jien naf
li inti kont, fid-dlam, miexja warajja.

***J.J.Cremona***

(*din hija l-ewwel poeżija bil-Malti ta' l-ex-President tal-Qrati, il-Professur J.J.Cremona wara l-ħafna li kiteb bit-Taljan u bl-Ingliż)

---

# Odessa

(waqt vjaġġ fuq vapur fil-Baħar l-Iswed)

Hawn minn ħalq l-Ukranja
deħlin
ħerġin kuljum
bil-qmuħ tal-ġuħ l-istivi tal-baħħara

u Pushkin bejn is-siġar
ta' belveder bilwieqfa
jgħasses lil Shevchenko tal-ħadid
iferra' taħt għajnejh
il-għatx
fuq l-art-i ta' madwar
minn hawn il- "Babi Yar" ta' Yevtushenko
rat id-dawl fil-belt 'il fuq
li titma l-Iswed
u jgelgel l-għana mill-qalb għall-fomm
mil-lvant sa truf dal-globu
jaf Pushkin li b'għajnejh
'il bogħod ifittex fil-Krimea
lil oħrajn
hemm se jeħodni l-mewġ (lejn Jalta sbejħa
nixxaħxaħ fid-dell ta' Chekov fl-aħħar jiem
nistrieħ fejn Tolstoi gebbeb ruħu fil-miżien
tal-fama
ninħeba fil-ballut u s-siġra mneżżgħa
u nfittex fil-Palazz ta' Lakadija
l-ilħna tat-Tlieta l-Kbar
li darba
kitbu l-paċi...

***Charles Coleiro***

(*F'din il-poeżija l-poeta jagħmel dawra sħiħa mal-letteratura Russa u jitfa' ħjiel ta' storja skond il-perċezzjoni tiegħu meta kien fl-Ukrajna li hija mimlija monumenti. "Pushkin bejn is-siġar" tfisser il-monument tal-bronż fil-park nazzjonali ta' Odessa; "Schevchenko tal-ħadid" hija riferenza għall-vapur li kien fuqu, imsemmi għall-awtur Taras Schevchenko; "il-Palazz ta' Lakadija" huwa l-post fejn Churchill, Roosevelt, u Stalin iffirmaw il-ftehim għat-tmiem tat-Tieni Gwerra Dinjija.)

---

# L-Isptar

Minn tieqa miftuħa tad-dar
jidher b'elf oħra magħluqa
l-isptar
vapur bla tarf
għaddej
fuq dmugħ l-umanità

isuq iġsma mtertqin
- uħud mherr'in bil-mard
- oħrajn b'mixjet is-snin
lejn portijiet l-eternità:
deħlin, sejrin
it-tfal, il-kbar, il-għonja u l-fqar
u dawk li qatt ma ħolmu b'mewt
fuq sodod kiesħa mimdudin
fuq twavel iebsa
imsammrin
misjuqin
mal-mewġ
fuq dmugħ
l-umanità

*Charles Coleiro*

---

# Agunija

Elfejn u waħda ġew
u l-elfejn nixfu fir-riħ
jaħraq nirien
fuq l-art li rmiethom
- tgħid tmut ukoll għada
l-aħħar imħabba?

*Charles Coleiro*

---

# Milied XXI

Mixgħula s-siġar u l-presepju
miżgħuda l-ħwienet bix-xerrejja
mifsula n-nies fil-għażla tar-rigali
meħuda t-tfal fis-swali kollha mżejna
magħduda l-flus jintefqu fl-ikla t-tajba
mikula l-ħsibijiet
miċħuda mill-ġenwin
u l-wiċċ tal-verità

għaliex il-paċi ġiet
għal ftit
u għada tkun għaddiet.

Charles Coleiro

---

# Entużjażmu

Kull sena f'għeluq sninu nannuh jieħdu
miegħu l-belt - is-sħana tqattar bħal xamgħa -
jisimgħu quddiesa u jieklu l-pastizzi.
Il-mixja tax-xwejjaħ u t-tfajjel fetħet
- triq nies u ħsibijiet, riġlejn, ħlewwiet... -
separju ta' anġlu għama jittawwal
u jberraq fih innifsu -għatx u aptit -
ixomm ir-riħa tal-knisja mudlama
u jtiegħem bil-qima l-piżelli sħan.
Maħkum b'xi alla - statwi bil-kuluri -
f'xi alla t-tfajjel terraq waħdu maħdem
il-għerf ħalli jibni "database" sħiħa
bl-isfiljurata tal-furnar nannuh.
Sab li n-nuqqas huwa ħoss u għall-aħħar
darba daħal fi tfulitu, bħal karba,
bil-ħeġġa t'alla ttih nifs qawwi sħun.

***Charles Briffa***

(* il-kelma "entużjażmu" hawnhekk trid tinftiehem fis-sens etimoloġiku tagħha: "en theos", f'alla.)

---

# Londra

The air filled with the tune
of feed the birds,
u l-ħarsa tal-bniedem
magħluqa bil-bini
qanqlet il-moħħ,
għax fil-belt il-moħħ jaqbeż u jitqabbeż.
Ta' min hi din il-belt
fejn l-ilsien

f'daru għandu għafsiet differenti
li jġagħlek tħoss
il-kesħa ta' min bla flus f'daru?
Tibqa' miexja t-Thames.
It's a jolly holiday with you, mate,
għax il-belt hija tal-belt!

*Charles Briffa*

---

# Dal-Ġebel Kbir

Dal-ġebel kbir li jostor lili
ma nlaħħaqx miegħu.
Hawn l-ilma biss
jitkaxkar lejja
bil-qajl il-qajl u jersaq ħdejja
sakemm imissni;
    ħafif ħafif imissni
u jerġa' lura mistħi mistħi.

'Mma meta jrid jista' jsabbatni
mal-ġebel kbir li jostor lili
sa ma jeħodni
'il barra miegħu
u jien nintemm
    fil-kobor tiegħu
    'il bogħod 'il bogħod
    fil-kobor tiegħu...
... U l-ġebel kbir li jostor lili
jibqa' hu biss
jistenna lili;
jibqa' hu biss
    fis-skiet jibkini!

*Emanuel Attard*

# Lit-Teatru Rjal

Hekk illum nisthajlek,
Xedaq artritiku
Ta' xwejjaħ popletiku
B'żewġ sinniet, weqfin solitarji
ġo ħalq sfreġjat,
imtartra bis-snin.
Iħarknu fil-fakra
l-l-istaġuni ta' l-opri
u l-melodiji ta' dawk l-operetti
li kienu jġennu 'l-irġiel,
u t-tbaħrid tal-Veljuni
bl-ilwien tal-paguni
li jsaħħru bil-ġmiel.

Għadhom jidwu
Fil-garigor ta' widnejja
Jitregħdu bis-snin,
l-akuti ta' Scacciati s-soprano
jidwu mtewma
ma' dawk ta' Beviario t-tenur,
imewġu fil-milja sonora
tat-Trovator;
u Ganna Pederzini
tiddandan fil-Carmen
ta' mezzo sopran,
waqt li Hilda Reggiani
tiggorgeċċja d-delirju
tal-Lucia l-ġenn,
f' "serata d'onore", miksija bil-ward...
u divi oħra midfuna
fin-nisġa taż-żmien.

Ja ġawhra mitfija,
Waqt li nibkik
Insaqsik:
Jekk waqt il-briju ta' żmienek
Qalbek qattx ħebritek

Li għad tisfa skeletru,
Parthenon fl-Acropolis,
Iżżejjen bl-istorja
Lill-Belt tat-tiġrif?
Kieku ma' Aureliano Pertile
Kont tintona l-Otello
U ttenni li temmen
F'alla kiefer
Li jxejjen suretek
Bil-porvli u l-azzar.

Qed nara fuq podju ta' qabar
Lil Maestro Luigi Cantoni,
F'nofs ir-radam,
Wieqaf b'xagħar borra,
Twil imsella,
Bil-bakketta mtella'
Jistenna l-millennju
Jibnilu r-Rjal.

*Maurice Mifsud Bonnici*

---

# Fl-Ewropa Magħquda

(Schengen irridu mhux l-oqsma ta' Flanders imxarrba bid-demm)

Tħallihomx jidfnuh id-dawl tiegħek
tiskotx
għax tkun kompliċi
int qed tgħallem is-sewwa
u min isikket is-sewwa
agħtih id-dawl tiegħek

iċċedix mingħajr ma tiġġieled sa l-aħħar
bix-xabla nobbli tiegħek
tal-verità u s-sewwa

lili tajthieli u
nibqa' nemmen fiha
u nibqa' mbierkek

u nibqa' nfittex dad-dawl Ewropew sublimi
dat-twemmin qaddis tagħna...ħanin

f'did-dinja fejn kollox hu biss
dak li wieħed jemmen
tibżax ixxerred it-twemmin tiegħek
li hu tiegħi ukoll

aħna idealisti u aħna saqajna fl-art
u nafu sew mill-verita' x'għażilna u x'emminna
u għandna d-dawl ġewwa qalbna
li bih nisfidaw l-irwiefen li jqumu
u ma nħallux lil min jidfen id-dawl...
Ewropew it-twemmin
Ewropew l-ideal
Ewropew it-tweġiba ta' kollox
Ewropew l-iskop ewlieni ta' ħajjitna
annuna
flimkien... taħt tnax-il kewkba jlellxu
fl-Ewropa Magħquda.

*Doreen Micallef*

---

# Fil-Mewt ta' Ġorġ Pisani

Gżira tat-Tliet Għoljiet għal min għannielek
Sikket fil-wied ħadran, tal-għasfur l-għana,
Istor l-ilwien tal-ward li s-sebħ għaddielek,
Warrab id-dehra sbejħa ta' Sultana.

Ilbes tal-vistu star u ħoll lil dlielek
Tislima xierqa 'l dan, poeta tagħna
B'rispett u qima lejh aħbi ftit ġmielek
Għax dan l-għannej tal-qlub illum mhux magħna.

Illum, int tlift missier li ħabb lil niesu
Aktar mill-istess dawl t'għajnejh daħkana
U ħadem bla mistrieħ, bla qata' jiesu

Għal ħolma ta' nazzjon b'tant irġulija

Biex jara 'l artu ħielsa, art ferħana
"Malta f'ilsien, u l-qalb, Malta Maltija."

*Carm Cachia*
(għalliem tal-Malti Għawdex)

---

# Lejl id-19 ta' Diċembru

(jum li fih miet missieri)

Missier,
ħallini ningħalaq fija nnifsi
u nitqabad ma' l-ispirtu li sawwarni,
biex neħilsu...nilliberah mill-umanità tiegħu.

U miegħu
Niġġerra, nixxabbat, nitqabad
Sa ma nsibek ma' l-ispirti pre-konċepiti.

Ismagħni nsejjaħlek missier;
La tinħebiex minni
Iżda ħares lejja fl-istrata spiritwali!

Ħallini nerġa' nilmaħ fik
dik il-flemma ta' żmien tfuliti,
u kompli miegħi fil-ħarsien ta' mixjieti.

"Ma le taqtagħli barra,
bħal lejlet ġrajjet tmiem umanitek,
meta ridtni mmur nistrieħ...
għax l-għada qed tistennieni ħidmieti!

U lanqas tistaqsini għar-raġel liebes l-abjad
Li hemm fil-kantuniera.
Dak ukoll, jaf ikun pre-konċepit,
Messaġġier, li wasal biex iwasslek
Fid-dinja ġdida,
Fejn l-uman hu miċħud id-dħul
Għax imniġġes b'xedd id-dnub tan-nisel.

*Charles B. Spiteri*
(ġurnalista)

# Kont Waħdi

Kont waħdi
Meta l-kesħa mielħa tal-baħar
ħadet magħha l-passi
li ħallejt jien.

Bqajt miexja,
U mxejt sa tarf il-bajja
Imma bħal f'mera l-qamar urieni
Li bħal zokkor fin imraxxax fl-ilma jbaqbaq
Il-passi tiegħi għosfru fix-xejn.

Ħaffift il-pass,
u bħal tifel żgħir ġrejt fir-ramel b'ras iebsa.
Imma l-baħar, bħall-majjistral li jqaċċat il-petali tal-lellux frisk,
Isawwat il-medda dehbija
U jneżżagħha minn kull tiġrib.

Tlaqt mill-bajja, imma ma tlaqtx waħdi
Għax il-passi baqgħu miegħi.

***Suzanne Gatt***
(Studenta universitarja, it-2ni sena Malti)

# Imħabbti

Jien nibkik,
B'qalbi maqsuma,
Nofsha fi griżmejja
U l-ieħor f'għajnejja,
Waqt li jqattru
Qtar tal-ħġieġ
Li jaqgħu ma' l-art
Bħal muniti tal-fidda
U jinfaqgħu bħal bettieħa
Mimlija żerriegħa.

Daqs sperma ġrejt jien
Biex nasal l-ewwel
ħalli nkattar.

Bħall-ewwel astronawta
Int deffist il-bandiera
Ta' pajjiżek ġo qalbi

U issa jien bħal utru vojt
Mudlam u kiesaħ,
Inixxi d-demm, wara korriment,
Qed inħossni.

Nathalie Micallef
(Studenta universitarja, it-3et sena Malti)

---

# Xi Ġralek, Ma?

Għaliex ma tridx illejla tilgħab miegħi,
u lanqas m'int tħallini nersaq lejk?
Xi ġralek, ma? Għajnejk qegħdin jiħmaru
u d-dmugħ qiegħed iqattar ma' ħaddejk.

Mamà, għaliex illejla
Ma trid tkellmni xej',
U bqajt hemmhekk fit-tieqa
Tistenna l-ħin għaddej?

Is-soltu tgħidli storja
Li ma jkun jafha ħadd,
U tant tkun storja twila
Li ma tispiċċa qatt...

Mamà, mamà, is-soltu,
Is-soltu mhux bħal-lum.
Is-soltu żżommni f'ħoġrok
Bla ma tħallini nqum.

Is-soltu kull ġurnata,
Kif tgħid int stess, ittir.
Illejla m'hemmx li jidlam
U m'hemmx li l-ħin isir.
Illejla, ma, xi ġralek?

Illejla ma nafekx.
Qed nibża' li se nfittxek
U nibqa' ma nsibekx.

Xi ġralek, ma? Jien naħseb li hemm f'qalbek
Xi storja twila li ma tgħidhilix,
Bħal dawk li inti stess irrakkontajtli
Kif rajtni nibki w għedtli ma nibkix.

*Oliver Friggieri*

---

# Anki t-Tislima

"Adieu! Adieu!" Idejja t-tnejn imtellgħa
għal-lest biex insellmilkom l-aħħar darba,
il-festa li stennejt dan iż-żmien kollu.
"Adieu! Adieu!" Imħabbti kollha nfaqtha,
fadalli ftit tbissim, u forsi ħarsa,
u forsi xewqa, forsi xi tislija.
Kellimt lil kull għasfur, sellimt kull siġra,
U magħhom bkejt u magħhom xtaqt li nifraħ
Xi darba ma nafx meta. Staġun tiegħi!
Illum bilkemm illaqqat bikja sħiħa
mid-dmugħ qadim li fadal f'din in-nixfa.
Stennejt f'kull ajruport, u aktar, aktar,
Ma fadal xejn ħlief din il-mistennija.
Hawn jien, "Adieu! Adieu!" b'idejja mtellgħa,
Turist mitluf, ikolli nbaxxi rasi,
Insellem kif sellimt diġà, u nitlaq,
Iżd'għadni f'dan il-kju, skantat inħares
U ngħodd is-snin, u ntenni kelma waħda
Li naf bl-amment, imbeżża' li ninsieha.
Jekk jgħaddi aktar ħin, anki t-tislima
Ma tiswa xejn, u jkolli nniżżel idi.

*Oliver Friggieri*

---

# Fuq Xifer Nimxu

Fuq xifer nimxu, ngħoddu s-snin b'subgħajna,
Infittxu f'qiegħ il-but il-flus li fadal,
U nirkantaw xortina skond kif jaqbel
Fis-suq tal-prezzijiet. Fuq xifer, ħolma
Naħdmuha biex issir ħrafa sabiħa
Li mbagħad nirrakkontawha. Kelma tifdi
Lil min iterraq sa ma jasal, miexi
Fuq ħabel twil stirat minn naħa għal oħra.
Fuq xifer nisternnew mingħajr ma naqgħu,
Nistagħġbu kemm il-qalb tiflaħ tittama,
Nixtiequ bla ma qatt tinħlielna x-xewqa.
Wellidna x-xewqa, hi tibqa' tgħejjixna,
U kif tinħela kollha tkun il-waqgħa.
Fuq xifer niskuntaw din is-sentenza
U nħabbtu l-bieb tas-sema biex taslilna
l-aħbar li malli l-vjaġġ jintemm insibu
tbissima li tagħtin l-merħba. Tidħol
fil-port ix-xewqa w hemm tankra fil-bnazzi.

Oliver Friggieri

---

# Afrika

Hemm l-arti fik, saħħara tal-pjaneta.
Idejk isellmu 'l-għodwa tax-xemx tielgħa,
Dirgħajk jilqgħu 'l-irjieħ deħlin sa ġewwa,
Għajnejk jogħlew fis-sema jfittxu l-qofol
Sakemm jarawh jinħall bit-talb u t-tama.
Saqajk ma jistriħux u jiżfnu dejjem
Mal-għanja tal-buffuri, mat-tħaxwixa
Li titla' sal-għoljiet u tħuf fl-imsaġar,
Il-knejjes li mill-għoli Tiegħu Alla
Jagħżilhom biex jistrieħ 'il bogħod mill-bqija.
Il-vibrazzjonijiet ta' qalbek wiesgħa
Jinstemgħu f'kulma tagħmel, tiżfen, tgħanni,
Tixxennaq, titlob, toħlom u tistenna
Li ruħek darba tqum u tmexxi dinja.
Il-ħażna tiegħek m'hix fil-ġid ta' issa,

Hemm fik żerriegħa ġdida li trid tinbet,
Hemm ruħek li timmarka l-istaġuni,
Ruħek ilsiera, ruħek ħielsa, ruħek
Ir-ruħ ta' dil-pjaneta kollha t'għada.
Is-sebħ u l-weġgħa tiegħek ħaġa waħda,
Int waħda biss li tgħanni, waħda tokrob.
Ġidek ma jinħażinx fil-ġarar tagħna,
jinġabar f'qalb li tnixxi d-demm u xorta
b'taħbita fissa lejl u nhar tistenna.
Din l-għodwa sseħħ għax hemm miktub fuq ġbinek,
Hemm fuq ġenbejk u hemm fuq qalbek beraħ.
Hemm l-arti fik biex tkellem 'l-istaġuni,
U biha tkellem lill-ħaxix u 'l-bhejjem,
U l-kelma tiegħek waħda: poeżija,
Il-kelma t'Alla lil uliedu kollha.
Mistur xi mkien fi ħdanek il-ħolm tiegħek,
Itir mar-riħ fir-ramel tad-deżerti,
Jistenna l-waqt li jkaxkar dinja miegħu.
Riesaq il-ħin u d-dinja kollha tħares
Tissemma r-ritmu tiegħek, fantasija
Għal dir-raġuni xiħa, mnikkta tagħna.
Il-weġgħa tiegħek tagħna, kull miraklu
Li joħroġ minnek se jagħmilna wliedek,
Imsaħħra bik, midjuna lejk, sa fl-aħħar.
Qalbek għajjiena ma tegħjiex ittektek
U żżomm pjaneta sħiħa ttektek magħha.
Hemm Alla ħdejk fil-ferħ u fid-duluri,
U f'ismu nħallsu d-dejn għalik, omm ħelwa,
Sakemm bid-dejn skontat niddejnu aħna.

***Oliver Friggieri***

# Il-Malti 2001

*"... qatt ebda ħjiel ta' partiti ma xiref minn* Il-Malti, *qatt ma għawwiġna, qatt ħadd ma daħal f'darna, li ma kienx, jaqbel ma' fehmitna"*

**Dun Karm**
l-editorjal ta' *Il-Malti* (l-Ewwel Ktieb ta' L-1934)

*"Fejn jindaħal il-ġid ta' l-ilsien Malti ma għandux ikun post għal nuqqas ta' ftehim; fejn tilħaq l-imħabba lejn art twelidna ma għandhiex tasal firda."*

**Il-Prof. Ġużè Galea**
l-editorjal ta' *Il-Malti* (Diċembru 1972)

ISBN 99932-39-03-8

9 789993 239031

PUBBLIKAZZJONI
L-AKKADEMJA TAL-MALTI
**klabb kotba maltin**